ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea L 144

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 50

6 ta' Ġunju 2007

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET ADOTTATI B'MOD KONĠUNT MILL-PARLAMENT EWROPEW U MILL-KUNSILL

★ **Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perijodu mill-2008 sa l-2013 bħala parti mill-programm ġenerali "solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni", u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/904/KE** ........ 1

★ **Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perijodu mill-2007 sa l-2013 bħala parti mill-programm ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni"** ........ 22

★ **Deċiżjoni Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Ritorn għall-perijodu mill-2008 sa l-2013 bħala parti mill-programm ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni"** ........ 45

**Prezz: 18 EUR**

MT

Atti li t-titoli tagħhom jiġu ppubblikati b'tipa ċara huma dawk relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarjiet agrikulturali, u huma ġeneralment validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-kumplament ta' l-atti huma ppubblikati b'tipa skura u preċeduti b'asterisk.

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET ADOTTATI B'MOD KONĠUNT MILL-PARLAMENT EWROPEW U MILL-KUNSILL

## DEĊIŻJONI Nru 573/2007/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-23 ta' Mejju 2007**

**li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perijodu mill-2008 sa l-2013 bħala parti mill-programm ġenerali "solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni", u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/904/KE**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 63(2)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat, ([3])

Billi:

(1) Bil-ħsieb ta' l-istabbiliment progressiv ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, it-Trattat jipprovdi kemm għall-adozzjoni ta' miżuri mmirati li jiżguraw il-moviment liberu ta' persuni, flimkien mal-miżuri ta' appoġġ relatati mal-kontrolli tal-fruntieri esterni, l-ażil u l-immigrazzjoni, kif ukoll għall-adozzjoni ta' miżuri relatati ma' l-ażil, l-immigrazzjoni u s-salvagwardja tad-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

(2) Il-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa speċjali tiegħu f'Tampere fil-15 u s-16 ta' Ottubru 1999, afferma mill-ġdid ir-riżoluzzjoni tiegħu li joħloq żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Għal dak il-għan, politika Ewropea komuni dwar l-ażil u l-migrazzjoni għandha tiżgura kemm it-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi kif ukoll il-ġestjoni aħjar tal-flussi ta' migrazzjoni. Politika komuni dwar l-ażil, inkluża Sistema Ewropea Komuni ta' l-Ażil, għandha tkun parti kostitwenti ta' l-objettiv ta' l-Unjoni Ewropea li tistabbilixxi progressivament spazju ta' libertà, sigurtà, u ġustizzja miftuħ għal dawk li, imġiegħla miċ-ċirkostanzi, ifittxu leġittimament protezzjoni fl-Unjoni Ewropea.

(3) Din id-Deċiżjoni tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji kif stabbiliti b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea u mill-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 rigward l-Istat ta' Refuġjat kif supplimentata mill-Protokol ta' New York fil-31 ta' Jannar 1967 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni ta' Ġinevra").

(4) Fir-rigward tat-trattament ta' persuni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, l-Istati Membri huma marbuta bl-obbligazzjonijiet tagħhom skond il-liġi internazzjonali inkluża l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni.

(5) L-"aħjar interessi tat-tfal", għandu jkun kunsiderazzjoni primarja ta' l-Istati Membri meta jkunu qed jimplimentaw din id-Deċiżjoni, skond il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-drittijiet tat-tfal, fejn hu applikabbli.

(6) L-implimentazzjoni ta' din il-politika għandha tkun ibbażata fuq solidarjetà bejn l-Istati Membri u teħtieġ l-eżistenza ta' mekkaniżmi li jippromwovu bilanċ ta' sforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu refuġjati u persuni spostati u jerfgħu l-konsegwenzi ta' dan. Għal dak il-għan, ġie stabbilit il-Fond Ewropew għar-Rifuġjati għall-perijodu mill-2000 sa l-2004 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/596/KE tat-28 ta' Settembru 2000 ([4]). Din id-deċizjoni ġiet sostitwita mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/904/KE tat-2 ta' Diċembru 2004 li tistabbilixxi Fond Ewropew għar-

([1]) ĠU C 88, 11.4.2006, p. 15.
([2]) ĠU C 115, 16.5.2006, p. 47.
([3]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-14 ta' Diċembru 2006 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2007.
([4]) ĠU L 252, 6.10.2000, p. 12.

Refuġjati għall-perjodu mill l-2005 u sa l-2010 ([1]). Hekk ġie żgurat li titkompla s-solidarjetà bejn l-Istati Membri fid-dawl tal-leġislazzjoni Komunitarja li ġiet adottata reċentement fil-qasam ta' l-ażil, b'kont meħud ta' l-esperjenza li nkisbet mill-implimentazzjoni tal-Fond Ewropew għar-Rifuġjati għall-perijodu mill-2000 sa l-2004.

(7) Fil-Programm ta' the Hague ta' l-4 u l-5 ta' Novembru 2004, il-Kunsill Ewropew stabbilixxa serje ta' objettivi u prijoritajiet bil-ħsieb li jmexxi 'l-quddiem l-iżvilupp tas-Sistema Ewropea Komuni ta' l-Ażil fit-tieni fażi tagħha.

(8) B'mod partikolari, il-Kunsill Ewropew issottolinja l-ħtieġa li l-Unjoni Ewropea tikkontribwixxi fi spirtu ta' responsabbiltà kondiviża għal sistema ta' protezzjoni internazzjonali aktar aċċessibbli, ekwitabbli u effettiva u tipprovdi aċċess għal protezzjoni u soluzzjonijiet dejjiema fl-aktar stadju bikri possibbli u appella għall-iżvilupp ta' Programmi ta' Protezzjoni UE-Reġjonali, inkluż programm konġunt ta' allokazzjoni mil-ġdid għall-Istati Membri li jixtiequ jipparteċipaw f'tali programm.

(9) Il-Kunsill Ewropew għamel ukoll sejħa għall-istabbiliment ta' strutturi adatti li jinvolvu s-servizzi ta' l-ażil nazzjonali ta' l-Istati Membri bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata kooperazzjoni prattika u kollaborattiva, li għandha tgħin biex tinkiseb proċedura unika madwar l-UE, kompilazzjoni, valutazzjoni u applikazzjoni konġunta ta' informazzjoni dwar il-pajjiż ta' l-oriġini u biex jiġu indirizzati pressjonijiet partikolari dwar is-sistemi ta' l-ażil jew il-kapaċitajiet ta' riċeviment li jirriżultaw minn fatturi bħall-allokazzjoni ġeografika.

(10) Għandu jitwaqqaf Fond Ewropew għar-Refuġjati ġdid (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Fond") fid-dawl tal-istabbiliment tal-Fond għall-Integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma residenti legali, il-Fond għar-Ritorn għar-Ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma residenti illegali u l-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perijodu mill-2007 sa l-2013, bħala parti mill-programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni', b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġu stabbiliti arranġamenti ta' ġestjoni, kontroll u evalwazzjoni komuni.

(11) Fid-dawl tal-kamp ta' applikazzjoni u l-għan tal-Fond, m'għandu fl-ebda każ, jappoġġa azzjonijiet rigward żoni u ċentri għaż-żamma ta' persuni f'pajjiżi terzi.

(12) Huwa meħtieġ li t-tul ta' żmien tal-Fond jiġi adattat għat-tul ta' żmien tal-qafas finanzjarju multi-annwali kif stabbilit fil-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u amministrazzjoni finanzjarja tajba ([2]).

(13) Din id-Deċiżjoni hija mfassla biex tifforma parti minn qafas koerenti li jinkludi wkoll id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perijodu mill-2008 sa l-2013 bħala parti mill-programm ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" ([3]), id-Deċiżjoni Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perijodu mill-2007 sa l-2013 bħala parti mill-programm ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" ([4]), u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/.../KE ... li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi għall-perijodu mill-2008 sa l-2013 bħala parti mill-programm ġenerali Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni ([5]), li jimmira li jindirizza l-kwistjoni ta' qsim ġust tar-responsabbiltajiet bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-piż finanzjarju li jirriżulta mill-introduzzjoni ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni ta' l-Unjoni Ewropea u mill-implimentazzjoni ta' linji politiċi komuni dwar l-ażil u l-immigrazzjoni, kif żviluppati skond it-Titolu IV tat-Trattat.

(14) Huwa xieraq li jiġu appoġġati u mtejba l-isforzi mwettqa mill-Istati Membri biex jagħtu kondizzjonijiet xierqa ta' riċeviment lil refuġjati, persuni spostati u benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja, skond id-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar standards minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li b'xi mod jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u n-natura tal-protezzjoni mogħtija ([6]), biex japplikaw proċeduri ta' ażil ġusti u effettivi u jippromwovu prattika tajba fil-qasam ta' l-ażil, sabiex jipproteġu d-drittijiet ta' persuni li jkunu jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u jagħmluha possibbli li s-sistemi ta' l-ażil ta' l-Istati Membri jaħdmu b'mod effiċjenti.

(15) L-integrazzjoni tar-refuġjati fis-soċjetà tal-pajjiż li fih huma jkunu stabbiliti hija waħda mill-objettivi tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra. Tali persuni għandhom ikunu jistgħu jgawdu mill-valuri stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. Għal dan il-għan, għandu jkun hemm appoġġ għal azzjoni mill-Istati Membri biex tiġi promossa l-integrazzjoni soċjali, ekonomika u kulturali tagħhom sakemm din tkun tikkontribwixxi għall-koeżjoni ekonomika u soċjali, li ż-żamma u t-tisħiħ tagħha hija waħda mill-funzjonijiet fundamentali tal-Komunità msemmija fl-Artikoli 2 u 3(1)(k) tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea.

(16) Fid-dawl tal-Programm ta' the Hague, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li r-riżorsi tal-Fond jintużaw bl-aktar mod effiċjenti possibbli biex jinkisbu l-għanijiet tal-politika ta' l-ażil ta' l-Unjoni Ewropea, b'kont meħud tal-ħtieġa li jiġu appoġġati l-allokazzjoni mill-ġdid u l-kooperazzjoni prattika bejn l-Istati Membri, *inter alia* bħala mezz li jiġu indirizzati pressjonijiet partikolari fuq kapaċitajiet ta' riċeviment u fuq sistemi ta' l-ażil.

([1]) ĠU L 381, 28.12.2004, p. 52.
([2]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([3]) Ara paġna 22 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([4]) Ara paġna 45 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([5]) Għadu mhux ippubblikat fuq il-Ġurnal Uffiċjali.
([6]) ĠU L 304, 30.9.2004, p. 12.

(17) Il-Fond għandu jappoġġa l-isforzi ta' l-Istati Membri relatati mat-tisħiħ tal-kapaċità tagħhom li jiżviluppaw, jimmonitorjaw, u jevalwaw il-linji politiċi tagħhom dwar l-ażil fid-dawl ta' l-obbligi tagħhom taħt il-leġislazzjoni Komunitarja, b'mod partikolari bil-ħsieb ta' involviment f'kooperazzjoni prattika bejn l-Istati Membri.

(18) Il-Fond għandu jappoġġa ukoll l-isforzi volontarji mwettqa mill-Istati Membri biex jipprovdu protezzjoni internazzjonali u soluzzjoni dejjiema fit-territorji tagħhom lil refuġjati u persuni spostati identifikati bħala eliġibbli għal allokazzjoni mill-ġdid mill-Kummissarju Għoli għar-Refuġjati tan-Nazzjonijiet Uniti (UNHCR), bħall-azzjonijiet li l-Istati Membri jimplimentaw biex jivvalutaw il-ħtiġiet ta' l-allokazzjoni mill-ġdid u t-trasferiment tal-persuni konċernati lejn it-territorju tagħhom, bil-ħsieb li jagħtuhom status legali sigur u jippromwovu l-integrazzjoni effettiva tagħhom.

(19) Hija karatteristika tal-Fond li għandu jkun jista' jipprovdi appoġġ għal operazzjonijiet volontarji ta' diviżjoni tal-piż miftiehma bejn Stati Membri u li jikkonsistu fit-trasferiment ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali u ta' applikanti ta' protezzjoni internazzjonali minn Stat Membru għal ieħor, li jagħtihom protezzjoni ekwivalenti.

(20) Il-Fond għandu jkun jista' wkoll joffri appoġġ adegwat għal sforzi konġunti minn Stati Membri biex jidentifikaw, jikkondividu u jippromwovu l-aħjar prattika u jistabbilixxu strutturi ta' kooperazzjoni effettivi sabiex isaħħu l-kwalità tat-teħid ta' deċiżjonijiet fi ħdan il-qafas tas-Sistema Ewropea Komuni ta' l-Ażil.

(21) Għandha tiġi stabbilita riżerva finanzjarja għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' emerġenza biex tiġi provduta protezzjoni temporanja fil-każ ta' influss ta' persuni spostati bil-massa skond id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE ta' l-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi għall-għoti ta' protezzjoni temporanja fil-każ ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu tali persuni u jitgħabbew bil-konsegwenzi ta' dan ([1]).

(22) Għandu jkun ukoll possibbli li dik ir-riserva finanzjarja tintuża biex tappoġġa l-isforzi ta' l-Istati Membri biex jindirizzaw sitwazzjonijiet ta' pressjoni partikolari minn wasliet f'daqqa ta' numri kbar ta' persuni li jistgħu jkunu jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u li jpoġġu piżijiet sinifikanti u urġenti fuq il-faċilitajiet ta' riċeviment jew is-sistemi ta' l-ażil ta' l-Istati Membri. Għandhom jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet u l-proċedura għall-għoti ta' assistenza finanzjarja f'dawn is-sitwazzjonijiet.

(23) L-appoġġ ipprovdut mill-Fond ikun aktar effiċjenti u mmirat aħjar jekk il-finanzjament konġunt ta' l-azzjonijiet eliġibbli jkun ibbażat fuq programm pluriennali, soġġett għal reviżjoni f'nofs it-terminu u fuq programm annwali mfassal minn kull Stat Membru b'kont meħud tas-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet tiegħu.

([1]) ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12.

(24) Filwaqt li huwa xieraq li jingħata ammont fiss lil kull Stat Membru, huwa ġust li tiġi allokata parti kbira tar-riżorsi annwali disponibbli proporzjonalment għall-piż li jġorr kull Stat Membru permezz ta' l-isforzi tiegħu biex jirċievi refuġjati u persuni spostati, inklużi refuġjati li jgawdu minn protezzjoni internazzjonali fil-qafas ta' programmi nazzjonali.

(25) Persuni li jingħataw protezzjoni internazzjonali u soluzzjoni fit-tul permezz ta' allokazzjoni mill-ġdid għandhom jiġu inklużi fin-numri ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali li jittieħed kont tagħhom meta jiġu allokati riżorsi annwali disponibbli bejn l-Istati Membri.

(26) B'kont meħud ta' l-importanza ta' l-użu strateġiku t'allokazzjoni mill-ġdid minn pajjiżi jew reġjuni magħżula għall-implimentazzjoni ta' programmi ta' protezzjoni reġjonali, jeħtieġ li jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju addizzjonali għall-allokazzjoni mill-ġdid ta' persuni mill-Istati Riċentiment Indipendenti tal-Lvant u mill-Afrika Subsaħarjana, li ġew hekk magħżula fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew u dwar il-Programmi ta' Protezzjoni Reġjonali ta' l-1 ta' Settembru 2005 u fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Ottubru 2005, u minn kwalunkwe pajjiż jew reġjun ieħor li jkun hekk magħżul fil-futur.

(27) Huwa daqstant meħtieġ ukoll li jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju addizzjonali għall-azzjonijiet t'allokazzjoni mill-ġdid mmirati lejn ċerti kategoriji partikolari ta' persuni vulnerabbli, fejn l-allokazzjoni mill-ġdid hija ddeterminata bħala l-aktar rispons xieraq għall-ħtiġijiet speċjali tagħhom.

(28) Fil-kuntest ta' ġestjoni kondiviża kif imsemmi fl-Artikolu 53 (1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([2]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Finanzjarju"), il-kondizzjonijiet li jippermettu lill-Kummissjoni li teżerċita r-responsabbiltajiet tagħha għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu speċifikati u l-obbligi għall-kooperazzjoni ta' l-Istati Membri għandhom jiġu kjarifikati. L-applikazzjoni ta' dawn il-kondizzjonijiet tkun tippermetti li l-Kummissjoni tissodisfa ruħha li l-Istati Membri jkunu qed jużaw il-Fond b'mod legali u korrett u skond il-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja soda fis-sens ta' l-Artikoli 27 u 48 (2) tar-Regolament Finanzjarju.

(29) L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri adegwati biex jiggarantixxu tħaddim tajjeb tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll u l-kwalità ta' l-implimentazzjoni. Għal dan il-għan, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-prinċipji ġenerali u l-funzjonijiet meħtieġa li l-programmi kollha għandhom jissodisfaw.

(30) Skond il-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, l-Istati Membri għandu jkollhom ir-responsabbiltà primarja għall-implimentazzjoni u l-kontroll ta' l-interventi tal-Fond.

([2]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).

(31) Għandhom jiġu speċifikati l-obbligi fuq l-Istati Membri fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, iċ-ċertifikazzjoni tan-nefqa, u l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet u ta' ksur tal-liġi tal-Komunità biex tkun garantita implimentazzjoni effiċjenti u korretta tal-programmi pluriennali u annwali tagħhom. B'mod partikolari, safejn huma konċernati l-ġestjoni u l-kontroll, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-modalitajiet li bihom l-Istati Membri jiżguraw li s-sistemi rilevanti jkunu stabbiliti u jaħdmu b'mod sodisfaċenti.

(32) Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kontroll finanzjarju, il-koperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni f'dan il-qasam għandha tiġi inkoraġġita.

(33) L-effettività u l-impatt ta' azzjonijiet appoġġati mill-Fond jiddependu wkoll mill-evalwazzjoni tagħhom u d-disseminazzjoni tar-riżultati tagħhom. Ir-responsabbiltajiet ta' l-Istati Membri u l-Kummissjoni f'dan ir-rigward, u l-arranġamenti biex tiġi żgurata l-affidabbiltà ta' l-evalwazzjoni u l-kwalità ta' l-informazzjoni relatata, għandhom jiġu formalizzati.

(34) Waqt li tinżamm preżenti l-importanza tal-viżibbiltà tal-finanzjament Komunitarju, il-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida biex tiffaċilita r-rikonoxximent xieraq ta' l-appoġġ li jingħata minn kwalunkwe awtorità, organizzazzjoni mhux governattiva, organizzazzjoni internazzjonali jew entità oħra li tirċievi għotja minn dan il-Fond b'kont meħud tal-prattika fir-rigward ta' strumenti oħrajn taħt il-ġestjoni kondiviża, bħall-Fondi Strutturali.

(35) L-azzjonijiet għandhom jiġu evalwati bil-ħsieb ta' reviżjoni u valutazzjoni ta' l-impatt f'nofs it-terminu, u l-proċess ta' l-evalwazzjoni għandu jiġi inkorporat fl-arranġamenti ta' monitoraġġ tal-proġett.

(36) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi pakkett finanzjarju għat-tul kollu tal-programm, li għandu jkun il-punt ta' referenza ewlieni għall-awtorità tal-baġit matul il-proċedura baġitarja annwali, skond it-tifsira tal-punt 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda.

(37) Billi l-objettiv ta' din id-Deċiżjoni, jiġifieri li jiġi promoss bilanċ ta' sforz bejn l-Istati Membri meta dawn jirċievu refuġjati u persuni spostati, ma jistax jinkiseb b'mod adegwat mill-Istati Membri u għalhekk minħabba l-iskala u l-effetti ta' l-azzjoni dan jista' jinkiseb aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalitá, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dan l-objettiv.

(38) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999, li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ([1]).

(39) Minħabba li l-miżura ta' din id-Deċiżjoni rigward l-adozzjoni ta' linjigwida stateġiċi, għandha kamp ta' applikazzjoni ġenerali u hi mfassla sabiex temendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Deċiżjoni, *inter alia* billi jitħassru whud minn dawk l-elementi jew billi tiġi ssupplimentata din id-Deċiżjoni biż-żieda ta' elementi mhux essenzjali ġodda, din għandha tkun adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju stabbilita fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE. Minħabba raġunijiet ta' effiċjenza, il-limiti ta' żmien normali applikabbli għall-proċedura regolatorja bi skrutinju għandhom jitqassru għall-adozzjoni tal-linji gwida strategiċi.

(40) Id-Deċiżjoni 2004/904/KE għandha għalhekk tiġi mħassra.

(41) Skond l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u ta' l-Irlanda, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitá Ewropea, l-Irlanda nnotifikat, permezz ta' l-ittra tas-6 ta' Settembru 2005, ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(42) Skond l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u ta' l-Irlanda, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitá Ewropea, ir-Renju Unit innotifika, permezz ta' l-ittra tas-27 ta' Ottubru 2005, tax-xewqa tiegħu li jieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(43) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitá Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u għalhekk mhix marbuta biha u lanqas ma hi soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(44) Skond it-tieni inċiż tal-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 67 tat-Trattat, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/927/KE tat-22 ta' Diċembru 2004 li tistabbilixxi li ċerti oqsma koperti mit-Titolu IV tal-Parti Tlieta tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita' Ewropea jkunu regolati permezz tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 ta' dak it-Trattat ([2]) għamlet il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat applikabbli fl-oqsma koperti mill-Artikoli 62(1), (2)(a) u (3) u 63(2) (b) u (3)(b) tat-Trattat,

([1]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

([2]) ĠU L 396, 31.12.2004, p. 45.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

KAPITOLU I

**SUĠĠETT, OBJETTIVI U AZZJONIJIET**

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2013 il-Fond Ewropew għar-Ritorn (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Fond") bħala parti minn qafas koerenti li jinkludi wkoll id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE, id-Deċiżjoni Nru 575/2007/KE, u d-Deċiżjoni 2007/.../KE, sabiex tikkontribwixxi għat-tisħiħ taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, u l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri.

Din id-Deċiżjoni tiddefinixxi l-objettivi li għalihom jikkontribwixxi l-Fond, l-implimentazzjoni tiegħu, ir-riżorsi finanzjarji disponibbli u l-kriterji ta' distribuzzjoni għall-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji disponibbli.

Hija tistabbilixxi r-regoli ta' ġestjoni tal-Fond, inklużi regoli finanzjarji, kif ukoll il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u kontroll ibbażati fuq it-tqassim tar-responsabbiltajiet bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

*Artikolu 2*

**Objettiv ġenerali tal-Fond**

1. L-objettiv ġenerali tal-Fond għandu jkun li jappoġġa u jinkoraġġixxi l-isforzi magħmula mill-Istati Membri meta jirċievu u jitgħabbew bil-konsegwenzi tar-riċeviment ta' refuġjati u persuni spostati, permezz ta' kofinanzjament ta' l-azzjonijiet msemmija f'din id-Deċiżjoni, b'kont meħud tal-leġislazzjoni Komunitarja fuq dawn il-materji.

2. Il-Fond għandu jikkontribwixxi għall-finanzjament ta' assistenza teknika fuq l-inizjattiva ta' l-Istati Membri jew tal-Kummissjoni.

*Artikolu 3*

**Azzjonijiet eliġibbli fl-Istati Membri**

1. Il-Fond għandu jappoġġa azzjonijiet fl-Istati Membri relatati ma' wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) kondizzjonijiet ta' riċeviment u proċeduri ta' ażil;

(b) integrazzjoni tal-persuni msemmijin fl-Artikolu 6 li s-soġġorn tagħhom fi Stat Membru partikolari jkun ta' natura dejjiema u stabbli;

(ċ) tisħiħ tal-kapaċità ta' l-Istati Membri li jiżviluppaw, jimmonitorjaw u jevalwaw il-linji politiċi tagħhom dwar l-ażil fid-dawl ta' l-obbligi tagħhom taħt leġislazzjoni Komunitarja eżistenti u futura rigward is-Sistema Ewropea Komuni ta' l-Ażil, b'mod partikolari bil-ħsieb ta' involviment f'attivitajiet ta' kooperazzjoni prattika bejn l-Istati Membri;

(d) allokazzjoni mill-ġdid tal-persuni msemmija fl-Artikolu 6(e). Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, l-allokazzjoni mill-ġdid tfisser il-proċess li bih, fuq talba mill-UNHCR ibbażata fuq il-ħtieġa ta' persuna għall-protezzjoni internazzjonali, ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat jiġu trasferiti minn pajjiż terz lejn Stat Membru fejn huma jkunu permessi jirresjedu b'wieħed mill-istati li ġejjin:

(i) status ta' refuġjat fis-sens ta' l-Artikolu 2(d) tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83//KE jew

(ii) status li joffri l-istess drittijiet u benefiċċji taħt il-liġi nazzjonali u Komunitarja bħall-istat ta' refuġjat taħt id-Direttiva 2004/83//KE;

(e) trasferiment ta' persuni li jaqgħu taħt il-kategoriji msemmija fl-Artikolu 6(a) u (b) mill-Istat Membru li tahom protezzjoni internazzjonali lejn Stat Membru ieħor fejn huma jingħataw protezzjoni simili u ta' persuni li jaqgħu taħt il-kategorija msemmija fl-Artikolu 6(ċ) lejn Stat Membru ieħor fejn ikunu ser jiġu eżaminati l-applikazzjonijiet tagħhom għal protezzjoni internazzjonali.

2. Fir-rigward tal-kondizzjonijiet ta' riċeviment u l-proċeduri ta' l-ażil, l-azzjonijiet eliġibbli għandhom jinkludu dawn li ġejjin:

(a) infrastrutturi jew servizzi ta' akkomodazzjoni;

(b) strutturi u taħriġ biex jiġi żgurat aċċess għal proċeduri ta' l-ażil għal persuni li jfittxu l-ażil;

(ċ) għoti ta' għajnuna materjali u kura medika jew psikoloġika;

(d) assistenza soċjali, informazzjoni jew għajnuna rigward formalitajiet amministrattivi u/jew ġudizzjarji u informazzjoni jew għoti ta' pariri dwar ir-riżultati possibbli tal-proċedura ta' l-ażil, inkluż dwar aspetti bħal ritorn volontarju;

(e) għajnuna legali u assistenza lingwistika;

(f) edukazzjoni, taħriġ fil-lingwi u inizjattivi oħrajn li huma konsistenti ma' l-istatus tal-persuna konċernata;

(g) l-għoti ta' servizzi ta' appoġġ bħal traduzzjoni u taħriġ bħala għajnuna għat-titjib tal-kondizzjonijiet ta' riċeviment u ta' l-effiċjenza u l-kwalità tal-proċeduri ta' l-ażil;

(h) informazzjoni għal komunitajiet lokali kif ukoll taħriġ għall-persunal ta' awtoritajiet lokali, li jkunu ser jiġu f'kuntat ma' dawk li jkunu qed jiġu rċevuti fil-pajjiż ospitanti;

(i) trasferiment ta' persuni li jaqgħu taħt il-kategorija msemmija fl-Artikolu 6(ċ) mill-Istat Membru li jinstabu fih lejn l-Istat Membru responsabbli mill-eżami ta' l-applikazzjoni ta' l-ażil.

3. Fir-rigward ta' l-integrazzjoni fis-soċjetajiet ta' l-Istati Membri tal-persuni msemmijin fil-punt (b) tal- paragrafu 1 u l-membri tal-familja tagħhom, l-azzjonijiet eliġibbli għandhom jinkludu dawn li ġejjin:

(a) parir u assistenza f'oqsma bħal akkomodazzjoni, mezzi ta' sussistenza, integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, kura medika, psikoloġika u soċjali;

(b) azzjonijiet li jippermettu lil tali persuni jadattaw għas-soċjetà ta' l-Istat Membru f'termini soċjo-kulturali, u biex jaqsmu l-valuri stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea;

(ċ) azzjonijiet li jippromwovu parteċipazzjoni dejjiema u sostenibbli fil-ħajja ċivili u kulturali;

(d) miżuri li jiffokaw fuq l-edukazzjoni, it-taħriġ professjonali, ir-rikonoxximent ta' kwalifiki u diplomi;

(e) azzjonijiet imfassla biex jippromwovu l-kisba awtonoma ta' kapaċitajiet u biex jippermettu lil tali persuni jipprovdu għalihom infushom;

(f) azzjonijiet li jippromovu kuntatt sinifikattiv u djalogu kostruttiv bejn tali persuni u s-soċjetà li tilqagħhom, inklużi azzjonijiet li jippromwovu l-involviment ta' msieħba prinċipali bħall-pubbliku ġenerali, l-awtoritajiet lokali, l-assoċjazzjonijiet tar-refuġjati, il-gruppi volontarji, l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili usa';

(g) miżuri li jappoġġaw lil tali persuni jiksbu ħiliet, inkluż it-taħriġ fil-lingwi;

(h) azzjonijiet li jippromwovu kemm l-ugwaljanza ta' aċċess kif ukoll l-ugwaljanza ta' riżultati fir-rigward tar-relazzjonijiet ta' tali persuni ma' istituzzjonijiet pubbliċi.

4. Fir-rigward ta' azzjonijiet relatati mat-tisħiħ tal-kapaċità ta' l-Istati Membri li jiżviluppaw, jimmonitorjaw u jevalwaw il-linji politiċi ta' l-ażil tagħhom għandhom ikunu eliġibbli għal appoġġ mill-Fond, b'mod partikolari, dawn li ġejjin:

(a) azzjonijiet li jippromwovu l-ġbir, il-kompilazzjoni, l-użu u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini, inkluż it-traduzzjoni;

(b) azzjonijiet li jsaħħu l-kapaċità li tinġabar, tiġi analizzata u ddiseminata statistika dwar il-proċeduri ta' l-ażil, ir-riċeviment, l-integrazzjoni u l-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali;

(ċ) azzjonijiet li jsaħħu l-kapaċità li jiġu vvalutati l-applikazzjonijiet ta' l-ażil, inklużi l-appelli;

(d) azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-evalwazzjoni ta' linji politiċi ta' l-ażil, bħall-valutazzjonijiet ta' l-impatt nazzjonali, stħarrig fost gruppi ta' mira, l-iżvilupp ta' indikaturi u ta' punti ta' referenza.

5. Fir-rigward ta' azzjonijiet relatati ma' l-allokazzjoni mill-ġdid, għandhom ikunu eliġibbli għal appoġġ mill-Fond, b'mod partikolari dawn li ġejjin:

(a) azzjonijiet relatati ma' l-istabbiliment u l-iżvilupp ta' programm ta' allokazzjoni mill-ġdid;

(b) azzjonijiet relatati mal-valutazzjoni ta' każijiet ta' allokazzjoni mill-ġdid potenzjali mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, bħat-twettiq ta' missjonijiet għall-pajjiż ospitanti, intervisti, screening mediku u ta' sigurtà;

(ċ) valutazzjoni tas-saħħa u trattament mediku qabel it-tluq;

(d) proviżjonijiet materjali qabel it-tluq;

(e) miżuri ta' informazzjoni qabel it-tluq;

(f) arranġamenti ta' l-ivvjaġġar, inkluż il-proviżjoni ta' servizzi ta' skorta medika;

(g) informazzjoni u assistenza immedjata mal-wasla, inklużi servizzi ta' interpretu.

6. Fir-rigward ta' azzjonijiet relatati mat-trasferiment ta' benefiċjarji ta' u ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali bejn l-Istati Membri, għandhom ikunu eliġibbli għal appoġġ mill-Fond, b'mod partikolari, dawn li ġejjin:

(a) miżuri ta' informazzjoni qabel it-tluq;

(b) arranġamenti ta' l-ivvjaġġar, inkluż il-proviżjoni ta' servizzi ta' skorta medika;

(ċ) informazzjoni u assistenza immedjata mal-wasla, inklużi servizzi ta' interpretu.

7. L-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 għandhom ikunu eliġibbli ukoll għal appoġġ mill-Fond meta jkunu mmirati għall-persuni msemmija fl-Artikolu 6(e).

8. L-azzjonijiet msemmija fil-paragrafi 1 sa 6 għandhom, b'mod partikolari, jippromwovu l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni Komunitarja rilevanti fil-qasam tas-Sistema Komuni Ewropea ta' l-Ażil.

9. L-azzjonijiet għandhom jieħdu kont ta' kwistjonijiet relatati mas-sessi, l-aħjar interessi tat-tfal, is-sitwazzjoni speċifika ta' persuni vulnerabbli bħal minuri, minuri mhux akkumpanjati, persuni b'diżabbilità, persuni anzjani, nisa tqal, ġenituri waħedhom bi tfal minuri, u vittmi ta' tortura, jew stupru jew forom serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali jew abbuż, vittmi ta' traffikar, u, individwi li jeħtieġu kura ta' emerġenza u trattament essenzjali ta' mard.

10. Il-Fond għandu jappoġġa biss azzjonijiet fir-rigward ta' akkomodazzjoni tal-persuni msemmija fl-Artikolu 6(ċ) li hija separata mill-oqsma jew ċentri maħsubin biss għal persuni li d-

dħul tagħhom ġie rifjutat jew għal persuni li ġew interċettati wara li jkunu qasmu l-fruntiera illegalment jew resqu lejn fruntiera esterna bil-ħsieb li jidħlu illegalment fit-territorju ta' l-Istati Membri.

*Artikolu 4*

**Azzjonijiet tal-Komunità**

1. Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, jista' jintuża sa 10 % tar-riżorsi disponibbli tal-Fond biex jiġu ffinanzjati azzjonijiet transnazzjonali jew azzjonijiet ta' interess għall-Komunità kollha (minn hawn 'il quddiem imsejħin "azzjonijiet Komunitarji") li jikkonċernaw il-politika ta' l-ażil u l-miżuri applikabbli għall-gruppi mmirati msemmijin fl-Artikolu 6.

2. Biex ikunu eliġibbli għall-finanzjament, l-azzjonijiet Komunitarji għandhom, b'mod partikolari:

(a) imexxu 'l quddiem il-kooperazzjoni Komunitarja bl-implimentazzjoni tal-liġi Komunitarja u prattiċi tajbin, inklużi servizzi ta' interpretu u traduzzjoni li jappoġġaw tali kooperazzjoni;

(b) jappoġġaw l-istabbiliment ta' networks ta' kooperazzjoni transnazzjonali u proġetti pilota bbażati fuq sħubiji transnazzjonali bejn korpi li jkunu jinstabu f'żewġ Stati Membri jew aktar, li jkunu tfasslu biex jistimolaw l-innovazzjoni, jiffaċilitaw l-iskambju ta' esperjenza u prattika tajba u jtejbu l-kwalità tal-politika ta' l-ażil;

(ċ) jappoġġaw kampanji transnazzjonali li jżidu l-għarfien;

(d) jappoġġaw studji, it-tixrid u l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattiki u l-aspetti l-oħra kollha tal-linji politiċi ta' l-ażil, inkluż dwar l-użu ta' l-aktar teknoloġija moderna u dwar kooperazzjoni f'livell nazzjonali bejn imsieħba ewlenin, bħal awtoritajiet lokali u reġjonali, assoċjazzjonijiet tar-refuġjati u gruppi volontarji;

(e) jappoġġaw proġetti pilota, inklużi proġetti innovattivi u studji li jistħarrġu l-possibbiltà ta' forom ġodda ta' kooperazzjoni Komunitarja u tal-liġi Komunitarja f'dan il-qasam;

(f) jappoġġaw l-iżvilupp u l-applikazzjoni minn Stati Membri ta' għodod statistiċi komuni, metodi u indikaturi biex jiġu mkejla l-iżviluppi ta' politika fil-qasam ta' l-ażil;

(g) joffru lin-networks li jġibu f'kuntatt organizzazzjonijiet mhux governattivi li jassistu r-refuġjati u lil dawk li jfittxu ażil u li huma preżenti f'mhux inqas minn 10 Stati Membri appoġġ strutturat maħsub li jiffaċilita skambji ta' esperjenza u prattika soda u jiżgura li l-iżvilupp tal-politika u l-prattika ta' l-ażil Komunitarji jieħu kont ta' l-esperjenza miksuba minn organizzazzjonijiet mhux governattivi u ta' l-interessi tar-refuġjati u ta' dawk li jfittxu ażil;

(h) jipprovdu lill-Istati Membri b'servizzi ta' appoġġ fil-każ ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza debitament sostanzjati li jeħtieġu azzjoni urġenti.

3. Il-programm annwali li jistabbilixxi l-prijoritajiet għal azzjonijiet Komunitarji għandu jiġi adottat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

*Artikolu 5*

**Miżuri ta' emerġenza**

1. Fil-każ li jiġu implimentati mekkaniżmi ta' protezzjoni temporanji fis-sens tad-Direttiva 2001/55/KE, il-Fond għandu jiffinanzja wkoll miżuri biex jgħinu lill-Istati Membri, liema miżuri għandhom ikunu separati minn u adizzjonali għall-azzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 3.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, il-Fond għandu jipprovdi wkoll assistenza lil Stati Membri għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' emerġenza immirati li jindirizzaw sitwazzjonijiet fejn l-Istati Membri jkunu taħt pressjonijiet partikolari. Tali sitwazzjonijiet huma kkaratterizzati b'wasliet mhux mistennija f'punti partikolari fil-fruntieri ta' numri kbar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jistgħu jkunu jeħtieġu protezzjoni internazzjonali, li jpoġġu piżijiet tqal u urġenti fuq il-faċilitajiet ta' riċeviment, is-sistema jew l-infrastruttura ta' l-ażil ta' l-Istat(i) Membr(i) konċernat(i) u jistgħu jpoġġu f'riskju għall-ħajja tal-bniedem, il-benessere u l-aċċess għal protezzjoni pprovduti taħt il-leġislazzjoni Komunitarja.

3. L-azzjonijiet implimentati sabiex jiġu indirizzati s-sitwazzjonijiet msemmija fil-paragrafu 2 għandhom ikunu eliġibbli għal appoġġ mill-Fond jekk:

(a) huma intenzjonati biex jiġu implimentati immedjatament u ma jistgħux jiġu inklużi b'mod prattiku fil-programm annwali rilevanti, u

(b) id-dewmien tagħhom ma jaqbiżx sitt xhur.

4. Miżuri ta' emerġenza eliġibbli għandhom jikkonċernaw it-tipi ta' azzjoni li ġejjin:

(a) riċeviment u akkomodazzjoni;

(b) provvediment ta' mezzi ta' sussistenza, inklużi ikel u ħwejjeġ;

(ċ) assistenza medika, psikoloġika jew assistenza oħra;

(d) spejjeż ta' persunal u amministrazzjoni marbutin mar-riċeviment ta' persuni konċernati u l-implimentazzjoni tal-miżuri;

(e) spejjeż ta' loġistika u trasport;

(f) għajnuna legali u assistenza lingwistika;

(g) dispożizzjoni ta' servizzi ta' traduzzjoni u interpretu, kompetenza ta' Informazzjoni dwar il-pajjiż ta' l-oriġini u miżuri oħrajn li jikkontribwixxu għall-identifikazzjoni rapida ta' persuni li jistgħu jkunu jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u għall-ipproċessar ġust u effiċjenti ta' l-applikazzjonijiet għall-ażil.

5. Il-miżuri taħt il-paragrafu 4 jistgħu jiġu appoġġati minn timijiet ta' esperti.

*Artikolu 6*

**Gruppi ta' mira**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni l-gruppi ta' mira għandhom ikunu jikkonsistu mill-kategoriji li ġejjin:

(a) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li jkollha status definit mill-Konvenzjoni ta' Ġinevra, u li għandha permess tgħix bħala refuġjata f'wieħed mill-Istati Membri;

(b) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li tkun qed tgawdi minn xi forma ta' protezzjoni sussidjarja fis-sens tad-Direttiva 2004/83/KE;

(ċ) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li tkun applikat għal waħda mill-forom ta' protezzjoni deskritti fil-punti (a) u (b);

(d) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li tkun qed tgawdi minn protezzjoni temporanja fis-sens tad-Direttiva 2001/55/KE;

(e) kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr stat li ġiet allokata jew qed tiġi allokata mill-ġdid fi Stat Membru.

KAPITOLU II

**PRINĊIPJI TA' ASSISTENZA**

*Artikolu 7*

**Komplementarjetà, konsistenza u konformità**

1. Il-Fond għandu jipprovdi assistenza li tikkomplementa azzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali, filwaqt li jintegra fihom il-prijoritajiet tal-Komunità.

2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assistenza mill-Fond u mill-Istati Membri tkun konsistenti ma' l-attivitajiet, il-linji politiċi u l-prijoritajiet tal-Komunità. Din il-konsistenza għandha tintwera l-aktar fil-programm pluriennali msemmi fl-Artikolu 18.

3. L-operazzjonijiet iffinanzjati mill-Fond għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat u ta' l-atti adottati taħthom.

*Artikolu 8*

**Programmazzjoni**

1. L-objettivi tal-Fond għandhom jiġu segwiti fil-qafas ta' perijodu tal-programmazzjoni pluriennali (mill-2008 sa l-2013), soġġett għal reviżjoni ta' nofs it-terminu skond l-Artikolu 22. Is-sistema ta' programmazzjoni pluriennali għandha tinkludi l-prijoritajiet u l-proċess tal-ġestjoni, it-teħid ta' deċiżjonijiet, il-verifika u ċ-ċertifikazzjoni.

2. Il-programmi pluriennali approvati mill-Kummissjoni għandhom jiġu implimentati permezz ta' programmi annwali.

*Artikolu 9*

**Intervent sussidjarju u proporzjonali**

1. L-implimentazzjoni tal-programmi pluriennali u annwali msemmijin fl-Artikoli 18 u 20 għandha tkun ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri fil-livell xieraq ta' awtorita', skond is-sistema istituzzjonali speċifika għal kull Stat Membru. Din ir-responsabbiltà għandha tiġi eżerċitata skond din id-Deċiżjoni.

2. Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' verifika, il-mezzi użati mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri għandhom ivarjaw skond id-daqs tal-kontribuzzjoni Komunitarja. L-istess prinċipju għandu japplika wkoll għad-dispożizzjonijiet dwar l-evalwazzjoni u għar-rapporti dwar programmi pluriennali u annwali.

*Artikolu 10*

**Metodi ta' implimentazzjoni**

1. Il-baġit Komunitarju allokat għall-Fond għandu jiġi implimentat skond l-Artikolu 53(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju, bl-eċċezzjoni ta' l-azzjonijiet Komunitarji msemmijin fl-Artikolu 4 u l-assistenza teknika msemmija fl-Artikolu 15 ta' din id-Deċiżjoni.

2. Il-Kummissjoni teżerċita r-responsabbiltà tagħha biex timplimenta l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea billi:

(a) tikkontrolla l-eżistenza u l-funzjonament xieraq tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll fl-Istati Membri skond il-proċeduri deskritti fl-Artikolu 32;

(b) iżżomm jew tissuspendi l-ħlasijiet kollha jew partijiet minnhom skond il-proċeduri msemmija fl-Artikoli 41 u 42 jekk is-sistemi nazzjonali ta' ġestjoni u kontroll jonqsu, u billi tapplika kwalunkwe korrezzjoni finanzjarja oħra meħtieġa, skond il-proċeduri deskritti fl-Artikoli 45 u 46.

*Artikolu 11*

**Sħubija**

1. Kull Stat Membru għandu jorganizza, skond ir-regoli u l-prattika nazzjonali attwali, sħubija ma' l-awtoritajiet u l-korpi li huma involuti fl-implimentazzjoni tal-programm pluriennali jew li fl-opinjoni ta' l-Istat Membru konċernat jistgħu jagħmlu kontribut utli għall-iżvilupp tiegħu.

Dawn l-awtoritajiet u korpi jistgħu jinkludu l-awtoritajiet kompetenti reġjonali, lokali, urbani u awtoritajiet pubbliċi oħrajn, organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari l-UNHCR, u korpi li jirrappreżentaw is-soċjetà ċivili bħal organizzazzjonijiet mhux governattivi jew imsieħba soċjali.

2. Tali sħubija għandha titwettaq f'konformità sħiħa mal-ġurisdizzjoni istituzzjonali, legali u finanzjarja rispettiva ta' kull kategorija ta' msieħba.

KAPITOLU III

**QAFAS FINANZJARJU**

*Artikolu 12*

**Riżorsi globali**

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2013 għandu jkun ta' EUR 628 miljun.

2. L-approprjazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità tal-baġit fil-limiti tal-Qafas Finanzjarju.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel tqassim annwali indikattiv għal kull Stat Membru skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 13.

*Artikolu 13*

**Distribuzzjoni annwali ta' riżorsi għal azzjonijiet eliġibbli fl-Istati Membri**

1. Kull Stat Membru għandu jirċievi ammont fiss ta' EUR 300 000 mill-allokazzjoni annwali tal-Fond.

Dan l-ammont għandu jiżdied għal EUR 500 000 fis-sena għall-perijodu mill-2008 sa l-2013 għall-Istati Membri li ssieħbu ma' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004.

Dan l-ammont għandu jiżdied għal EUR 500 000 fis-sena għall-Istati Membri li jissieħbu ma' l-Unjoni Ewropea fil-perijodu mill-2007 sa l-2013 għall-bqija tal-perijodu mill-2008 sa l-2013 mis-sena ta' wara l-adeżjoni tagħhom.

2. Il-bqija tar-riżorsi annwali disponibbli għandhom jiġu mqassmin bejn l-Istati Membri kif ġej:

(a) 30 % fi proporzjon għan-numru ta' persuni li jaqgħu f'waħda mill-kategoriji msemmijin fl-Artikolu 6, punti (a), (b) u (e) ammessi matul it-tliet snin ta' qabel;

(b) 70 % fi proporzjon għan-numru ta' persuni msemmijin fl-Artikolu 6, punti (ċ) u (d) reġistrati matul it-tliet snin ta' qabel.

Għall-finijiet ta' dan it-tqassim, il-persuni msemmija fl-Artikolu 6(e) m'għandhomx jitqiesu taħt il-kategorija msemmija fl-Artikolu 6(a).

3. L-Istati Membri għandhom jirċievu ammont fiss ta' EUR 4 000 għal kull persuna li ġiet allokata mill-ġdid li taqa' taħt waħda minn dawn il-kategoriji:

(a) persuni minn pajjiż jew reġjun magħżul għall-implimentazzjoni ta' Programm ta' Protezzjoni Reġjonali;

(b) minuri mhux akkumpanjati;

(ċ) tfal u nisa f'riskju, b'mod partikolari ta' vjolenza jew sfruttament psikoloġika, fiżiku jew sesswali;

(d) persuni bi ħtiġijiet mediċi serji li jistgħu jiġu indirizzati biss permezz ta' allokazzjoni mill-ġdid.

4. Fejn Stat Membru jistabbilixxi persuna li taqa' taħt aktar minn kategorija waħda minn dawk imsemmijin fil-paragrafu 3 huwa għandu jirċievi ammont fiss għal din il-persuna darba biss.

5. Iċ-ċifri ta' referenza għandhom ikunu l-aħħar statistiċi provduti mill-Kummissjoni (Eurostat) abbażi tad-data pprovduta mill-Istati Membri skond il-liġi Komunitarja.

Meta l-Istati Membri ma jkunux taw l-istatistiċi konċernati lill-Kummissjoni (Eurostat), huma għandhom jipprovdu data proviżorja malajr kemm jista' jkun.

Qabel taċċetta din id-data bħala ċifri ta' referenza, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tevalwa l-kwalità, il-komparabbiltà u l-kompletezza ta' l-informazzjoni ta' l-istatistika skond il-proċeduri operattivi normali. Fuq talba tal-Kummissjoni (Eurostat), l-Istati Membri għandhom jagħtuha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tagħmel dan.

6. Sa l-1 ta' Mejju ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'estimi tan-numru ta' persuni msemmija fil-paragrafu 3li jkunu ser jiġu allokati mill-ġdid fis-sena li jkun imiss, inkluż tqassim skond il-kategoriji differenti msemmija f'dak il-paragrafu. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika din l-informazzjoni lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 52.

*Artikolu 14*

**Struttura ta' finanzjament**

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Fond għandha tieħu l-forma ta' għotjiet.

2. L-azzjonijiet appoġġati mill-Fond għandhom jiġu ko-finanzjati minn sorsi pubbliċi jew privati, għandhom ikunu ta' natura mingħajr skopijiet ta' qligħ u m'għandhomx ikunu eliġibbli għal finanzjament minn sorsi oħra li jkunu koperti mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.

3. L-approprjazzjonijiet tal-Fond għandhom ikunu komplementari għall-infiq pubbliku jew l-ekwivalenti tiegħu allokat mill-Istati Membri għall-miżuri koperti minn din id-Deċiżjoni.

4. Il-kontribut Komunitarju għall-proġetti appoġġati, fir-rigward ta' azzjonijiet implimentati fl-Istati Membri taħt l-Artikolu 3 m'għandhux jeċċedi 50 % ta' l-ispiża totali ta' azzjoni speċifika.

Dan jista' jiżdied sa 75 % għall-proġetti li jindirizzaw prijoritajiet speċifiċi li jkunu ġew identifikati fil-linji gwida strateġiċi kif imsemmi fl-Artikolu 17.

Il-kontribut Komunitarju għandu jiżdied għal 75 % fl-Istati Membri koperti bil-Fond tal-Koeżjoni.

5. Fil-qafas ta' l-implimentazzjoni tal-programmazzjoni nazzjonali kif stabbilit fil-Kapitolu IV, l-Istati Membri għandhom jagħżlu proġetti għall-finanzjament abbażi tal-kriterji minimi li ġejjin:

(a) is-sitwazzjoni u l-ħtiġiet fl-Istat Membru kkonċernat;

(b) il-vijabiltà ekonomika tan-nefqa, *inter alia* b'kont meħud tan-numru ta' persuni konċernati fil-proġett;

(ċ) l-esperjenza, il-kompetenza, l-affidabbiltà u l-kontribuzzjoni finanzjarja ta' l-organizzazzjoni li tkun qed tapplika għall-finanzjament u ta' kwalunkwe organizzazzjoni msieħba;

(d) il-punt sa liema l-proġetti jikkomplementaw azzjonijiet oħra ffinanzjati mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea jew bħala parti minn programmi nazzjonali.

6. Bħala regola ġenerali, għajnuna finanzjarja Komunitarja mogħtija għal azzjonijiet appoġġati mill-Fond għandha tingħata għal perijodu ta' mhux iżjed minn tliet snin, soġġett għal rapporti ta' progress perijodiċi.

7. Il-kontribut Komunitarju li jappoġġa azzjonijiet implimentati taħt l-Artikolu 3(4) m'għandux jaqbeż 15 % tat-total tar-riżorsi annwali allokati għal kull Stat Membru skond l-Artikolu 13.

*Artikolu 15*

**Assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni**

1. Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni u/jew f'isimha, soġġett għal limitu ta' EUR 500 000 ta' l-allokazzjoni annwali tal-Fond, il-Fond jista' jiffinanzja miżuri ta' tħejjija, monitoraġġ, il-miżuri ta' appoġġ amministrattiv u tekniku, kif ukoll miżuri ta' evalwazzjoni, verifika u spezzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. Dawk il-miżuri għandhom jinkludu:

(a) studji, evalwazzjonijiet, rapporti ta' esperti u statistika, inklużi dawk ta' natura ġenerali dwar it-tħaddim tal-Fond;

(b) miżuri ta' informazzjoni għall-Istati Membri, il-benefiċjarji finali u l-pubbliku ġenerali, inklużi kampanji ta' sensibilizzazzjoni u database komuni tal-proġetti ffinanzjati taħt il-Fond;

(ċ) l-installazzjoni, it-tħaddim u l-interkonnessjoni ta' sistemi kompjuterizzati għall-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-ispezzjoni u l-evalwazzjoni;

(d) it-tfassil ta' qafas komuni għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ kif ukoll sistemi ta' indikaturi, li jqiesu, fejn xieraq, indikaturi nazzjonali;

(e) titjib fil-metodi ta' evalwazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar prattika f'dan il-qasam;

(f) miżuri ta' informazzjoni u taħriġ għall-awtoritajiet magħżulin mill-Istati Membri skond l-Artikolu 25, komplementari ma' l-isforzi ta' l-Istati Membri biex jipprovdu gwida lill-awtoritajiet tagħhom skond l-Artikolu 31(2).

*Artikolu 16*

**Assistenza teknika fuq l-inizjattiva ta' l-Istati Membri**

1. Fuq l-inizjattiva ta' Stat Membru, għal kull programm annwali, il-Fond jista' jiffinanzja miżuri ta' tħejjija, ġestjoni, monitoraġġ, evalwazzjoni, informazzjoni u kontroll, kif ukoll miżuri għat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Fond.

2. L-ammont imwarrab għal assistenza teknika taħt kull programm annwali ma jistax jaqbeż:

(a) 7 % ta' l-ammont annwali totali tal-kofinanzjament allokat għal dak l-Istat Membru magħdud ma' EUR 30 000 għall-perjodu mill-2008 sa l-2010 u

(b) 4 % ta' l-ammont annwali totali tal-kofinanzjament allokat għall-Istat Membru magħdud ma' EUR 30 000 għall-perjodu mill-2011 sa l-2013.

KAPITOLU IV

**PROGRAMMAZZJONI**

*Artikolu 17*

**Adozzjoni ta' linji gwida strateġiċi**

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta linji gwida strateġiċi li jistabbilixxu qafas għall-intervent tal-Fond, b'kont meħud tal-progress fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ażil kif ukoll id-distribuzzjoni indikattiva tar-riżorsi finanzjarji tal-Fond għall-perijodu tal-programm pluriennali.

2. Għal kull wieħed mill-objettivi tal-Fond, dawk il-linji gwida għandhom b'mod partikolari jagħtu attenzjoni speċjali lill-prijoritajiet tal-Komunità bil-ħsieb li jippromwovu l-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni ta' l-Ażil.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-linji gwida strateġiċi relatati mal-perijodu ta' programmazzjoni pluriennali sal-31 ta' Lulju 2007.

4. Il-linji gwida strateġiċi għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 52(3). Dawn il-linji gwida strateġiċi, ladarba jiġu adottati, għandhom ikunu annessi ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 18*

**Tħejjija u approvazzjoni tal-programmi pluriennali nazzjonali**

1. Kull Stat Membru għandu jipproponi, abbażi tal-linji gwida strateġiċi msemmijin fl-Artikolu 17, abbozz ta' programm pluriennali li għandu jikkonsisti mill-elementi li ġejjin:

(a) deskrizzjoni tas-sitwazzjoni attwali fl-Istat Membru firrigward ta' arranġamenti għar-riċeviment, il-proċeduri ta' l-ażil, l-għoti ta' pariri dwar ritorn volontarju, l-integrazzjoni

u l-istabbiliment mill-ġdid u t-trasferiment minn Stat Membru ieħor ta' persuni koperti mill-Artikolu 6, kif ukoll l-iżvilupp, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-linji politiċi ta' l-ażil;

(b) analiżi tal-ħtiġiet fl-Istat Membru fir-rigward ta' arranġamenti għar-riċeviment, il-proċeduri ta' l-ażil, l-għoti ta' pariri dwar ritorn volontarju, l-integrazzjoni u l-istabbiliment mill-ġdid u t-trasferiment minn Stat Membru ieħor ta' persuni koperti mill-Artikolu 6, kif ukoll l-iżvilupp, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-linji politiċi ta' l-ażil;

(ċ) il-preżentazzjoni ta' strateġija xierqa biex jinkisbu dawn l-objettivi u l-prijoritajiet marbutin mal-kisba tagħhom, u deskrizzjoni ta' l-azzjonijiet previsti biex jiġu implimentati dawk il-prijoritajiet;

(d) indikazzjoni dwar jekk dik l-istrateġija hix kompatibbli ma' strumenti reġjonali, nazzjonali u Komunitarji oħrajn;

(e) informazzjoni dwar il-prijoritajiet u l-miri speċifiċi tagħhom. Dawk il-miri għandhom jiġu kwantifikati bl-użu ta' numru limitat ta' indikaturi b'kont meħud tal-prinċipju ta' proporzjonalità. L-indikaturi għandhom jippermettu li jitkejjel il-progress imqabbel mas-sitwazzjoni tal-bidu u l-effettività tal-miri li jimplimentaw il-prijoritajiet;

(f) deskrizzjoni ta' l-approċċ magħżul għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' sħubija stabbilit fl-Artikolu 11;

(g) abbozz ta' pjan ta' finanzjament li jistabbilixxi, għal kull prijorità u kull sena, il-kontribuzzjoni finanzjarja proposta tal-Fond u l-ammont globali ta' ko-finanzjament pubbliku jew privat;

(h) id-dispożizzjonijiet stabbiliti biex jiġi żgurat li l-programm pluriennali jkun pubbliku.

2. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw l-abbozz tal-programm pluriennali tagħhom lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn erba' xhur wara li l-Kummissjoni tkun ipprovdiet il-linji gwida strateġiċi għall-perijodu konċernat.

3. Sabiex tapprova l-abbozz tal-programm pluriennali, il-Kummissjoni għandha teżamina:

(a) il-konsistenza ta' l-abbozz tal-programm pluriennali ma' l-objettivi tal-Fond u l-linji gwida strateġiċi msemmija fl-Artikolu 17;

(b) ir-rilevanza ta' l-azzjonijiet maħsuba fl-abbozz fid-dawl ta' l-istrateġija proposta;

(ċ) il-konformità ta' l-arranġamenti ta' ġestjoni u kontroll stabbiliti mill-Istat Membru għall-implimentazzjoni ta' l-interventi tal-Fond mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni;

(d) il-konformità ta' l-abbozz tal-programm pluriennali mal-liġi Komunitarja u b'mod partikolari mal-liġi Komunitarja li timmira li tiżgura l-moviment liberu ta' persuni flimkien mal-miżuri ta' appoġġ relatati direttament fir-rigward tal-kontrolli tal-fruntieri esterni, l-ażil u l-immigrazzjoni.

4. Fejn il-Kummissjoni tqis li abbozz ta' programm pluriennali ma jkunx konsistenti mal-linji gwida strateġiċi u/jew ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni li tistabbilixxi s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll jew skond il-liġi Komunitarja, hija għandha titlob lill-Istat Membru kkonċernat biex jipprovdi l-informazzjoni addizzjonali kollha meħtieġa u, fejn xieraq, jirrevedi l-abbozz tal-programm pluriennali kif meħtieġ.

5. Il-Kummissjoni għandha tapprova kull programm pluriennali fi żmien tliet xhur mis-sottomissjoni formali tiegħu, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

*Artikolu 19*

**Reviżjoni tal-programm pluriennali**

1. Fuq l-inizjattiva ta' l-Istat Membru konċernat jew il-Kummissjoni, il-programm pluriennali għandu jiġi eżaminat mill-ġdid u, jekk ikun meħtieġ, rivedut għall-bqija tal-perijodu tal-programmazzjoni sabiex jikkunsidra aktar jew b'mod differenti l-prijoritajiet Komunitarji. Il-programmi pluriennali jistgħu jiġu eżaminati mill-ġdid fid-dawl ta' l-evalwazzjonijiet u/jew wara xi diffikultajiet ta' implimentazzjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li tapprova r-reviżjoni tal-programm pluriennali malajr kemm jista' jkun wara s-sottomissjoni formali ta' talba f'dan is-sens mill-Istat Membru konċernat. Ir-reviżjoni tal-programm pluriennali għandha ssir skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

*Artikolu 20*

**Programmi annwali**

1. Il-programmi pluriennali approvati mill-Kummissjoni għandhom jiġu implimentati permezz ta' programmi annwali.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istati Membri, sa l-1 ta' Lulju ta' kull sena, stima ta' l-ammonti li għandhom jiġu allokati lilhom għas-sena ta' wara mit-total ta' approprijazzjonijiet allokati taħt il-proċedura baġitarja annwali, ikkalkolati kif previst fl-Artikolu 13.

3. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni, sa l-1 ta' Novembru ta' kull sena, abbozz ta' programm annwali għas-sena ta' wara, stabbilit skond il-programm pluriennali u li jikkonsisti mill-elementi li ġejjin:

(a) ir-regoli ġenerali għall-għażla tal-proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati taħt il-programm annwali;

(b) deskrizzjoni ta' l-azzjonijiet li għandhom jiġu appoġġati taħt il-programm annwali;

(ċ) it-tqassim finanzjarju propost tal-kontribuzzjoni tal-Fond bejn id-diversi azzjonijiet tal-programm u indikazzjoni ta' l-ammont mitlub biex ikopri l-assistenza teknika taħt l-Artikolu 16 għall-fini ta' l-implimentazzjoni tal-programm annwali.

4. B'deroga mill-paragrafu 3, l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni abbozz tal-programmi annwali għall-2008 sa l-1 ta' Marzu 2008.

5. Meta teżamina l-abbozz tal-programm annwali ta' Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tieħu kont ta' l-ammont finali ta' l-approprjazzjonijiet allokati għall-Fond taħt il-proċedura baġitarja.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat fi żmien xahar mill-preżentazzjoni formali ta' l-abbozz tal-programm annwali, dwar jekk jistax jiġi approvat. Jekk l-abbozz tal-programm annwali ma jkunx konsistenti mal-programm pluriennali, il-Kummissjoni għandha titlob lill-Istat Membru biex jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa u, fejn xieraq, jirrevedi l-abbozz tal-programm annwali kif meħtieġ.

Il-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjoni tal-finanzjament, li tapprova l-programm annwali, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu tas-sena konċernata. Id-deċiżjoni għandha tindika l-ammont allokat lill-Istat Membru kkonċernat u l-perijodu li għalih l-infiq huwa eliġibbli.

6. Biex jitqiesu s-sitwazzjonijiet ta' emerġenza debitament issostanzjati li ma jkunux previsti fiż-żmien ta' l-approvazzjoni tal-programm annwali u li jkunu jeħtieġu azzjoni urġenti, Stat Membru jista' jirrevedi sa 10 % tat-tqassim finanzjarju tal-kontribut mil-Fond bejn id-diversi azzjonijiet elenkati fil-programm annwali jew jalloka sa 10 % tat-tqassim lil azzjonijiet oħrajn skond din id-Deċiżjoni. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar il-programm annwali rivedut.

*Artikolu 21*

**Dispożizzjonijiet speċjali dwar miżuri ta' emerġenza**

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'dikjarazzjoni ta' ħtiġiet u pjan ta' implimentazzjoni għall-miżuri ta' emerġenza previsti fl-Artikolu 5, inkluż deskrizzjoni tal-miżuri ppjanati u l-korpi responsabbli għall-implimentazzjoni tagħhom.

2. Stat Membru li jitlob assistenza mill-Fond biex jindirizza sitwazzjoni ta' pressjoni partikolari, kif deskritta fl-Artikolu 5(2) għandu jippreżenta lill-Kummissjoni applikazzjoni bl-informazzjoni rilevanti disponibbli kollha, inkluż:

(a) deskrizzjoni dettaljata tas-sitwazzjoni attwali, b'mod partikolari dwar in-numru ta' wasliet, l-effetti fuq il-kapaċitajiet ta' riċeviment, s-sistema jew l-infrastruttura ta' l-ażil u l-ħtiġiet urġenti, kif ukoll previżjoni sostanzjata ta' żviluppi possibbli tas-sitwazzjoni fit-terminu qasir;

(b) indikazzjoni sostanzjata tan-natura eċċezzjonali tas-sitwazz-joni, murija b'elementi li jistgħu jinkludu statistika riċenti u data oħra rigward l-influss ta' persuni fil-punt partikolari tal-fruntiera konċernata;

(ċ) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri ta' emerġenza maħsubin, l-iskala tagħhom, in-natura tagħhom u l-imsieħba konċernati;

(d) elenku dettaljat ta' l-ispejjeż estimati tal-miżuri previsti.

Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk il-kondizzjonijiet għall-għoti ta' assistenza finanzjarja għal miżuri ta' emerġenza mill-Fond ikunux sodisfati u tistabbilixxi l-ammont ta' l-assistenza finanzjarja li għandha tingħata abbażi ta' l-informazzjoni imsemmija hawn fuq kif ukoll kwalunkwe informazzjoni rilevanti addizzjonali għad-dispożizzjoni tagħha. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri dwar id-Deċiżjoni msemmija hawn fuq.

3. L-assistenza finanzjarja mill-Fond għall-miżuri ta' emerġenza previsti fl-Artikolu 5 għandha tkun limitata għal perijodu ta' sitt xhur u m'għandhiex taqbeż 80 % ta' l-ispiża ta' kull miżura.

4. Fil-każ ta'l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' protezzjoni temporanju kif imsemmi fl-Artikolu 5(1), ir-riżorsi disponibbli għandhom jitqassmu fost l-Istati Membri abbażi tan-numru ta' persuni li jgawdu mill-protezzjoni temporanja f'kull Stat Membru kif imsemmi fl-Artikolu 5(1).

*Artikolu 22*

**Reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-programm pluriennali**

1. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-linji gwida strateġiċi u fejn meħtieġ, sal-31 ta' Marzu 2010 tadotta linji gwida strateġiċi riveduti għall-perijodu mill-2011 sa l-2013.

2. Jekk jiġu adottati tali linji gwida strateġiċi riveduti, kull Stat Membru għandu jeżamina l-programm pluriennali tiegħu mill-ġdid u fejn xieraq, jirrevedih.

3. Ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 18 dwar it-tħejjija u l-approvazzjoni tal-programmi pluriennali nazzjonali ta' l-Artikolu 18 għandhom japplikaw mutatis mutandis għat-tħejjija u l-approvazzjoni tal-programmi pluriennali riveduti.

4. Il-linji gwida strateġiċi riveduti għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 52(3).

KAPITOLU V

**SISTEMI TA' ĠESTJONI U KONTROLL**

*Artikolu 23*

**Implimentazzjoni**

Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għandha tadotta tali regoli ta' implimentazzjoni li jistgħu jkunu meħtieġa.

*Artikolu 24*

**Prinċipji ġenerali tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll**

Is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-programmi pluriennali stabbiliti mill-Istati Membri għandhom jipprovdu:

(a) għad-definizzjoni tal-funzjonijiet tal-korpi konċernati fil-ġestjoni u l-kontroll u l-allokazzjoni tal-funzjonijiet fi ħdan kull korp;

(b) għar-rispett tal-prinċipju ta' separazzjoni tal-funzjonijiet bejn u fi ħdan tali korpi;

(ċ) għal riżorsi adegwati għal kull korp biex iwettaq il-funzjonijiet li jkunu ġew allokati lilu matul il-perijodu kollu ta' l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fond;

(d) għal proċeduri biex tiġi żgurata l-korrettezza u r-regolarità ta' l-infiq iddikjarat taħt il-programmi pluriennali;

(e) għal sistemi affidabbli ta' kontabilità, monitoraġġ u rappurtar finanzjarju f'forma kompjuterizzata;

(f) għal sistema ta' rappurtar u monitoraġġ fejn il-korp responsabbli jafda l-esekuzzjoni tal-kompiti lil korp ieħor;

(g) għal manwali tal-proċeduri fir-rigward tal-funzjonijiet li għandhom jitwettqu;

(h) għal arranġamenti għall-verifika tat-tħaddim tas-sistema;

(i) għal sistemi u proċeduri biex jiġi żgurat rekord ta' transazzjonijiet adegwat;

(j) għal proċeduri ta' rappurtar u monitoraġġ għal irregolaritajiet u għall-irkupru ta' ammonti mħallsin indebitament.

*Artikolu 25*

**Ħatra ta' l-awtoritajiet**

1. Għall-implimentazzjoni tal-programm pluriennali u l-programmi annwali tiegħu l-Istat Membru għandu jaħtar dawn li ġejjin:

(a) awtorità responsabbli: korp funzjonali ta' l-Istat Membru, awtorità pubblika nazzjonali jew korp maħtur mill-Istat Membru jew korp regolat mil-liġi privata ta' l-Istat Membru u li għandu missjoni ta' servizz pubbliku, li se jkun responsabbli għall-ġestjoni ta' programm pluriennali u l-programmi annwali appoġġati mill-Fond u li għandu jittratta l-komunikazzjonijiet kollha mal-Kummissjoni;

(b) awtorità ta' ċertifikazzjoni: korp jew awtorità pubblika nazzjonali, jew individwu li jaġixxi bħala tali korp jew awtorità, magħżul mill-Istat Membru biex jiċċertifika d-dikjarazzjonijiet ta' l-infiq qabel ma jintbagħtu lill-Kummissjoni;

(ċ) awtorità ta' verifika: awtorità jew korp pubbliku nazzjonali, sakemm jitħaddem b'mod indipendenti mill-awtorità responsabbli u mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni, magħżul mill-Istat Membru u responsabbli għall-verifika tat-tħaddim effettiv tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll;

(d) fejn xieraq, awtorità delegata.

2. L-Istat Membru għandu jistabbilixxi regoli li jirregolaw ir-relazzjonijiet tiegħu ma' l-awtoritajiet imsemmijin fil-paragrafu 1 u r-relazzjonijiet tagħhom mal-Kummissjoni.

3. Soġġett għall-Artikolu 24(b), uħud mill-awtoritajiet imsemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jew kollha kemm huma jistgħu jkunu lokalizzati fi ħdan l-istess korp.

4. Ir-regoli għall-implimentazzjoni ta' l-Artikoli 26 sa 30 għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

*Artikolu 26*

**Awtorità responsabbli**

1. L-awtorità responsabbli għandha tissodisfa l-kondizzjonijiet minimi li ġejjin. Hija għandha:

(a) jkollha personalità ġuridika, ħlief fejn ikun korp funzjonali ta' l-Istat Membru;

(b) jkollha l-infrastruttura meħtieġa biex tikkomunika malajr ma' sensiela wiesgħa ta' utenti u ma' korpi responsabbli fl-Istati Membri l-oħrajn u mal-Kummissjoni;

(ċ) taħdem f'kuntest amministrattiv li jkun jippermettilha li twettaq il-kompiti tagħha b'mod korrett u li jkun evitat kwalunkwe konflitt ta' interess;

(d) tkun f'pożizzjoni li tapplika r-regoli ta' ġestjoni tal-fond tal-Komunità;

(e) jkollha kapaċitajiet finanzjarji u ta' ġestjoni li jkunu proporzjonati għall-volum tal-fondi Komunitarji li hija jkollha tamministra;

(f) jkollha għad-dispożizzjoni tagħha persunal bi kwalifiki professjonali xierqa għal xogħol amministrattiv f'ambjent internazzjonali.

2. L-Istat Membru għandu jipprovdi lill-awtorità responsabbli bil-finanzjament adegwat biex hija tkun tista' tkompli twettaq il-kompiti tagħha sew matul il-perijodu kollu mill-2008 sa l-2013.

3. Il-Kummissjoni għandha tassisti lill-Istati Membri fit-taħriġ ta' persunal, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-applikazzjoni korretta tal-Kapitoli V sa IX.

*Artikolu 27*

**Kompiti ta' l-awtorità responsabbli**

1. L-awtorità responsabbli għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-programm pluriennali skond il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda.

Hija għandha b'mod partikolari:

(a) tikkonsulta l-imsieħba skond l-Artikolu 11;

(b) tippreżenta lill-Kummissjoni l-proposti għall-programmi pluriennali u annwali msemmija fl-Artikoli 18 u 20;

(ċ) torganizza u tippubblika sejhiet għal offerti u proposti jekk xieraq;

(d) torganizza l-għażla tal-proġetti għall-finanzjament konġunt taħt il-Fond skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 14(5);

(e) tirċievi l-ħlasijiet magħmula mill-Kummissjoni, u tħallas lill-benefiċjarji finali;

(f) tiżgura l-konsistenza u l-komplimentarjetà bejn finanzjament konġunt mill-Fond u minn strumenti finanzjarji nazzjonali u Kommunitarji rilevanti;

(g) tissorvelja l-konsenja tal-prodotti u s-servizzi kofinanzjati u li l-infiq iddikjarat għall-azzjonijiet ikun fil-fatt sar u jkun konformi mar-regoli Komunitarji u nazzjonali;

(h) tiżgura li jkun hemm sistema ta’ reġistrar u ħażna f'rekords ta’ kontabilità ta’ forma kompjuterizzata għal kull azzjoni taħt il-programmi annwali u li d-data dwar l-implimentazzjoni li tkun meħtieġa għall-ġestjoni, il-monitoraġġ, il-kontroll u l-evalwazzjoni finanzjarja tinġabar;

(i) tiżgura li l-benefiċjarji finali u l-korpi l-oħra involuti fl-implimentazzjoni ta’ l-azzjonijiet kofinanzjati mill-Fond iżommu sistema ta’ kontabilità separata jew kodiċi adegwat ta’ kontabilità għat-transazzjonijiet kollha relatati ma’ l-azzjoni mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali tal-kontabilità;

(j) tiżgura li l-evalwazzjonijiet tal-Fond imsemmija fl-Artikolu 49 jitwettqu fil-limiti ta’ żmien stabbiliti fl-Artikolu 50 (2) u jkunu jilħqu l-istandards ta’ kwalità miftiehma bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru;

(k) tistabbilixxi proċeduri li jiżguraw li d-dokumenti kollha dwar l-infiq u l-verifika meħtieġa biex ikun żgurat rekord adegwat ta’ verifika, jinżammu skond il-ħtiġiet imsemmijin fl-Artikolu 43;

(l) tiżgura li l-awtorità ta’ verifika tirċievi, għall-finijiet tat-twettiq tal-verifiki definiti fl-Artikolu 30(1), l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-proċeduri ta’ ġestjoni li jkunu qed jiġu applikati u dwar il-proġetti kofinanzjati mill-Fond;

(m) tiżgura li l-awtorità ta’ ċertifikazzjoni tirċievi l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-proċeduri u l-kontrolli li jitwettqu fir-rigward ta’ l-infiq għall-fini ta’ ċertifikazzjoni;

(n) tfassal u tippreżenta lill-Kummissjoni rapporti ta’ progress u rapporti finali dwar l-implimentazzjoni tal-programmi annwali, dikjarazzjonijiet ta’ l-infiq iċċertifikat mill-awtorità ta’ ċertifikazzjoni u talbiet għal ħlas jew, fejn xieraq, dikjarazzjoni ta’ rimborż;

(o) twettaq attivitajiet ta’ informazzjoni u konsultattivi; u xxerred ir-riżultati ta’ l-azzjonijiet appoġġati;

(p) tikkopera mal-Kummissjoni u ma’ l-awtoritajiet responsabbli fl-Istati Membri l-oħrajn;

(q) tivverifika l-implimentazzjoni mill-benefiċjarji finali tal-linji gwida msemmijin fl-Artikolu 33(6).

2. L-attivitajiet ta’ ġestjoni ta’ l-awtorità responsabbli għall-proġetti implimentati fl-Istati Membri jistgħu jiġu ffinanzjati taħt l-arranġamenti ta’ assistenza teknika msemmijin fl-Artikolu 16.

*Artikolu 28*

**Delegazzjoni ta’ kompiti mill-awtorità responsabbli**

1. Fejn il-kompiti kollha ta’ l-awtorità responsabbli, jew uħud minnhom, jiġu delegati lil awtorità delegata, l-awtorità responsabbli għandha tiddefinixxi l-kamp ta’ applikazzjoni tal-kompiti delegati, u tistabbilixxi proċeduri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-kompiti delegati, li għandhom ikunu konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 26.

2. Dawn il-proċeduri għandhom jinkludu l-għoti ta’ informazzjoni regolari lill-awtorità responsabbli dwar il-prestazzjoni effettiva tal-kompiti delegati u deskrizzjoni tal-mezzi li jkunu ntużaw.

*Artikolu 29*

**Awtorità ta’ ċertifika**

1. L-awtorità ta’ ċertifika għandha:

(a) tiċċertifika li:

(i) id-dikjarazzjoni ta’ l-infiq hija preċiża, tirriżulta minn sistemi ta’ kontabilità affidabbli u hija bbażata fuq dokumenti ta’ appoġġ verifikabbli,

(ii) l-infiq iddikjarat ikun konformi mar-regoli Komunitarji u nazzjonali applikabbli u jkun sar għall-azzjonijiet magħżulin skond il-kriterji applikabbli għall-programm u li jkunu konformi mar-regoli Komunitarji u nazzjonali;

(b) tiżgura għall-finijiet ta’ ċertifikazzjoni li tkun irċeviet informazzjoni adegwata mill-awtorità responsabbli dwar il-proċeduri u l-verifiki mwettqa fir-rigward ta’ l-infiq inkluż fid-dikjarazzjonijiet ta’ l-infiq;

(ċ) tqis għall-finijiet taċ-ċertifikazzjoni tar-riżultati tal-verifiki kollha li jkunu twettqu minn jew taħt ir-responsabbiltà ta’ l-awtorità ta’ verifika;

(d) iżżomm rekords ta’ kontabilità f'forma kompjuterizzata ta’ l-infiq iddikjarat lill-Kummissjoni;

(e) tivverifika l-irkupru ta’ kwalunkwe finanzjament Komunitarju li jinstab li tħallas indebitament bħala riżultat ta’ irregolaritajiet li jiġu identifikati, flimkien ma’ l-imgħax fejn ikun il-każ;

(f) iżżomm kont ta' l-ammonti rekuperabbli u ta' l-ammonti rekuperabbli taħt il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea l-ammonti rkuprati, fejn huwa possibbli billi dawn jitnaqqsu mid-dikjarazzjoni ta' l-infiq li jmiss.

2. L-attivitajiet ta' l-awtorità ta' ċertifikazzjoni relatati mal-proġetti implimentati fl-Istati Membri jistgħu jiġu ffinanzjati taħt l-arranġamenti ta' l-assistenza teknika msemmija fl-Artikolu 16, sakemm il-prerogattivi ta' din l-awtorità, kif deskritt fl-Artikolu 25, jiġu rispettati.

*Artikolu 30*

**Awtorità ta' verifika**

1. L-awtorità ta' verifika għandha:

(a) tiżgura li l-verifiki jitwettqu biex jiġi vverifikat it-tħaddim effettiv tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll;

(b) tiżgura li jsiru l-verifiki ta' l-azzjonijiet abbażi ta' kampjun xieraq biex tivverifika l-infiq iddikjarat; il-kampjun għandu jirrappreżenta mill-inqas 10 % ta' l-infiq eliġibbli kollu għal kull programm annwali;

(ċ) tippreżenta lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mill-approvazzjoni tal-programm pluriennali strateġija ta' verifika li tkopri l-korpi li ser iwettqu l-verifiki msemmijin fil-punti (a) u (b), filwaqt li jiġi żgurat li l-benefiċjarji ewlenin tal-finanzjament konġunt mill-Fond jiġu vverifikati u li l-verifiki jkunu mqassma f'intervalli ndaqs matul il-perijodu kollu tal-programmazzjoni.

2. Fejn l-awtorità ta' verifika maħtura taħt din id-deċiżjoni tkun ukoll l-awtorità ta' verifika maħtura taħt id-Deċiżjonijiet Nru 574/2007/KE, Nru 575/2007/KE, u 2007/.../KE, jew fejn sistemi komuni jkunu japplikaw għal tnejn minn dawn il-Fondi jew aktar, tista' tiġi ppreżentata strateġija ta' verifika kombinata waħda taħt il-paragrafu 1 (ċ).

3. Għal kull programm annwali, l-awtorità ta' verifika għandha tabbozza rapport li għandu jinkludi:

(a) rapport ta' verifika annwali li jistabbilixxi r-riżultati tal-verifiki li jkunu twettqu skond l-istrateġija ta' verifika fir-rigward tal-programm annwali u li jirrapporta kwalunkwe nuqqasijiet li jkunu nstabu fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-programm;

(b) opinjoni, abbażi tal-kontrolli u l-verifiki li jkunu saru taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtorità ta' verifika, dwar jekk it-tħaddim tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll tipprovdix assigurazzjoni raġonevoli li d-dikjarazzjonijiet ta' l-infiq ippreżentati lill-Kummissjoni huma korretti u li t-transazzjonijiet sottostanti huma legali u regolari;

(ċ) dikjarazzjoni li tivvaluta l-validità tat-talba għall-ħlas jew dikjarazzjoni ta' rimborż tal-bilanċ finali u l-legalità u r-regolarità ta' l-infiq konċernat.

4. L-aworità ta' verifika għandha tiżgura li l-ħidma ta' verifika tqis l-istandards ta' verifika aċċettati internazzjonalment.

5. Il-verifiki relatati mal-proġetti implimentati fl-Istati Membri jistgħu jiġu ffinanzjati taħt l-arranġamenti ta' assistenza teknika msemmija fl-Artikolu 16, sakemm il-prerogattivi ta' l-awtorità ta' verifika, kif deskritt fl-Artikolu 25, jiġu rispettati.

KAPITOLU VI

**RESPONSABBILTAJIET U KONTROLLI**

*Artikolu 31*

**Responsabbiltajiet ta' l-Istati Membri**

1. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli biex jiżguraw il-ġestjoni finanzjarja soda tal-programmi pluriennali u annwali u l-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet sottostanti.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet responsabbli u kwalunkwe awtorità delegata, l-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni, l-awtoritajiet ta' verifika u kwalunkwe korp ieħor konċernat jirċievu gwida adegwata dwar l-istabbiliment tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll msemmijin fl-Artikoli 24 sa 30 biex jiġi żgurat li l-finanzjament Komunitarju jintuża b'mod effiċjenti u korrett.

3. L-Istati Membri għandhom jimpedixxu, jidentifikaw u jikkoreġu l-irregolaritajiet. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dawn, u jżommu lill-Kummissjoni informata dwar il-progress li jkun sar fil-proċedimenti amministrattivi u legali.

Meta ammonti mħallsa indebitament lil benefiċjarju finali ma jkunux jistgħu jiġu rkuprati, l-Istat Membru huwa responsabbli biex iħallas lura l-ammonti mitlufin lill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea meta jiġi stabbilit li t-telf ikun iġġarrab minħabba nuqqas jew negliġenza tiegħu.

4. L-Istati Membri għandhom ikunu primarjament responsabbli għall-kontroll finanzjarju ta' l-azzjonijiet u għandhom jiżguraw li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll u l-verifiki jiġu implimentati b'tali mod li jiggarantixxi li l-fondi Komunitarji jintużaw sew u b'mod effettiv. Dawn għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'deskrizzjoni dwar dawn is-sistemi.

5. Ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 sa 4 għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

*Artikolu 32*

**Sistemi ta' ġestjoni u kontroll**

1. Qabel l-approvazzjoni mill-Kummissjoni tal-programm pluriennali, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistemi ta' ġestjoni

u kontroll ikunu ġew stabbiliti skond l-Artikoli 24 sa 30. Huma għandhom ikunu responsabbli biex jiżguraw li s-sistemi jaħdmu b'mod effettiv matul il-perijodu kollu tal-programmazzjoni.

2. Flimkien ma' l-abbozz tal-programm pluriennali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni deskrizzjoni ta' l-organizzazzjoni u l-proċeduri ta' l-awtoritajiet responsabbli, l-awtoritajiet delegati u l-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni, u s-sistemi ta' verifika interni li jkunu qed jitħaddmu f'dawk l-awtoritajiet u korpi, fl-awtorità ta' verifika, u fi kwalunkwe korp ieħor li jwettaq il-verifiki taħt ir-responsabbiltà tagħha.

3. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni fil-kuntest tat-tħejjija tar-rapport li jidher fl-Artikolu 50(3).

*Artikolu 33*

**Responsabbiltajiet tal-Kummissjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha taċċerta, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 32, li l-Istati Membri jkunu stabbilixxew sistemi ta' ġestjoni u kontroll li jkunu konformi ma' l-Artikoli 24 sa 30, u abbażi tar-rapporti dwar verifiki annwali u l-verifiki tagħha stess, li dawn is-sistemi jitħaddmu b'mod effettiv matul il-perijodu tal-programmazzjoni.

2. Mingħajr preġudizzju għall-verifiki mwettqa mill-Istati Membri, l-uffiċjali tal-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti awtorizzati tal-Kummissjoni jistgħu jwettqu verifiki fuq il-post biex jivverifikaw it-tħaddim effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, li jistgħu jinkludu verifiki fuq l-azzjonijiet inklużi fil-programmi annwali, b'avviż ta' mill-inqas tliet ijiem ta' xogħol. L-uffiċjali u r-rappreżentanti awtorizzati ta' l-Istat Membru konċernat jistgħu jieħdu sehem f'tali verifiki.

3. Il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru jwettaq kontrolli fuq il-post biex jivverifika t-tħaddim korrett tas-sistemi jew il-korrettezza ta' transazzjoni waħda jew aktar. Uffiċjali tal-Kummissjoni jew rappreżentanti awtorizzati tal-Kummissjoni jistgħu jieħdu sehem f'tali verifiki.

4. Il-Kummissjoni, flimkien ma' l-Istati Membri, għandha tiżgura li l-azzjonijiet appoġġati mill-Fond jingħataw informazzjoni, pubbliċità u segwitu xierqa.

5. Il-Kummissjoni, flimkien ma' l-Istati Membri, għandha tiżgura li l-azzjonijiet ikunu konsistenti ma', u komplementari għal, linji politiċi, strumenti u inizjattivi Komunitarji rilevanti oħrajn.

6. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi linji gwida biex tiżgura l-viżibbiltà tal-finanzjament mogħti taħt din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 34*

**Kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet ta' verifika ta' l-Istati Membri**

1. Il-Kummissjoni għandha tikkoopera ma' l-awtoritajiet ta' verifika biex tikkoordina l-pjanijiet ta' kontroll u l-metodi ta' verifika rispettivi tagħhom u għandha minnufih tiskambja r-riżultati tal-verifiki mwettqa fuq is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll sabiex isir l-aħjar użu possibbli tar-riżorsi ta' kontroll u biex jiġi evitat xogħol dupplikat mhux ġustifikat.

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-kummenti tagħha dwar l-istrateġija ta' verifika ppreżentata taħt l-Artikolu 30 sa mhux aktar tard minn tliet xhur mill-irċevuta.

2. Meta tiddetermina l-istrateġija ta' verifika tagħha, il-Kummissjoni għandha tidentifika dawk il-programmi annwali li hija tikkunsidra sodisfaċenti abbażi ta' l-għarfien eżistenti tagħha tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll.

Għal dawk il-programmi, il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li hija tista' tafda prinċipalment fl-evidenza ta' verifika pprovduta mill-Istati Membri u li hija ser twettaq il-verifiki tagħha fuq il-post biss jekk ikun hemm evidenza li tissuġġerixxi nuqqasijiet fis-sistemi.

KAPITOLU VII

**ĠESTJONI FINANZJARJA**

*Artikolu 35*

**Eliġibbiltà – dikjarazzjonijiet ta' infiq**

1. Id-dikjarazzjonijiet kollha ta' l-infiq għandhom jinkludu l-ammont ta' l-infiq li jkun sar mill-benefiċjarji finali biex jimplimentaw l-azzjonijiet u l-kontribuzzjoni li tikkorrespondi mill-fondi pubbliċi jew privati.

2. L-infiq għandu jkun jikkorrespondi għall-ħlasijiet li jkunu saru mill-benefiċjarji finali. Dan għandu jkun ġustifikat b'fatturi mmarkati bħala mħallsa jew b'dokumenti ta' kontabilità ta' valur ekwivalenti.

3. L-infiq jista' jiġi kkunsidrat bħala eliġibbli għal appoġġ mill-Fond biss jekk ikun effettivament imħallas mhux qabel l-1 ta' Jannar tas-sena msemmija fid-deċiżjoni ta' finanzjament li tapprova l-programm annwali msemmija fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 20(5). L-azzjonijiet kofinanzjati m'għandhomx ikunu tlestew qabel id-data tal-bidu għall-eliġibbiltà.

4. Ir-regoli li jirregolaw l-eliġibbiltà ta' l-infiq fil-qafas ta' azzjonijiet implimentati kofinanzjati mill-Fond fl-Istati Membri taħt l-Artikolu 3 għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

*Artikolu 36*

**Kompletezza ta' ħlas lil benefiċjarji finali**

L-Istati Membri għandhom jaċċertaw li l-awtorità responsabbli tiżgura li l-benefiċjarji finali jirċievu l-ammont totali tal-kontribut mill-fondi pubbliċi malajr kemm jista' jkun. L-ebda ammont m'għandu jitnaqqas jew jinżamm, lanqas m'għandha titħallas xi spiża speċifika ulterjuri jew spiża oħra b'effett ekwivalenti li tnaqqas dawn l-ammonti għall-benefiċjarji finali, sakemm l-benefiċjarji finali jissodisfaw il-ħtiġiet kollha rigward l-eleġibbiltà ta' l-azzjonijiet u l-ispejjeż.

*Artikolu 37*

**Użu ta' l-euro**

1. L-ammonti stabbiliti fl-abbozz tal-programmi pluriennali u annwali ta' l-Istati Membri msemmijin fl-Artikoli 18 sa 20 rispettivament, id-dikjarazzjonijiet iċċertifikati ta' l-infiq, it-talbiet għal ħlas imsemmijin fl-Artikolu 27(1)(n), l-infiq imsemmi fir-rapporti ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali msemmijin fl-Artikolu 39(4) u r-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali msemmi fl-Artikolu 51 għandhom jidhru f'euro.

2. Id-deċiżjonijiet ta' finanzjament tal-Kummissjoni, li japprovaw il-programmi annwali ta' l-Istati Membri msemmijin fit-tielet subparagrafu ta'l-Artikolu 20(5), l-impenji u l-ħlasijiet tal-Kummissjoni għandhom jidhru u jitwettqu f'euro.

3. L-Istati Membri li ma jkunux adottaw l-euro bħala l-munita tagħhom fid-data tat-talba għall-ħlas għandhom jikkonvertu f'euro l-ammonti ta' l-infiq li jsir fil-munita nazzjonali. Dan l-ammont għandu jiġi konvertit f'euro bl-użu tar-rata tal-kambju tal-kontabilità mensili tal-Kummissjoni fix-xahar li matulu l-infiq jiddaħħal fil-kontijiet ta' l-awtorità responsabbli tal-programm konċernat. Din ir-rata għandha tiġi ppubblikata elettronikament kull xahar mill-Kummissjoni.

4. Meta l-euro ssir il-munita ta' Stat Membru, il-proċedura ta' konverżjoni mniżżla fil-paragrafu 3 għandha tkompli tapplika għall-infiq kollu rreġistrat fil-kontijiet mill-awtorità ta' ċertifika qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tar-rata fissa ta' konverżjoni bejn il-munita nazzjonali u l-euro.

*Artikolu 38*

**Impenji**

L-impenji tal-baġit Komunitarju għandhom isiru ta' kull sena abbażi tad-deċiżjoni ta' finanzjament tal-Kummissjoni, li tapprova l-programm annwali msemmi fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 20(5).

*Artikolu 39*

**Ħlasijiet – Finanzjament minn qabel**

1. Ħlasijiet mill-Kummissjoni tal-kontribut mill-Fondi għandhom isiru skond l-impenji baġitarji.

2. Il-ħlasijiet għandhom ikunu f'forma ta' finanzjament minn qabel u ta' ħlas tal-bilanċ. Huma għandhom isiru lill-awtorità responsabbli maħtura mill-Istat Membru.

3. L-ewwel ħlas ta' finanzjament minn qabel li jirrappreżenta 50 % ta' l-ammont allokat fid-deċiżjoni ta' finanzjament li tapprova l-programm annwali għandu jsir lill-Istat Membru fi żmien sittin jum wara l-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni.

4. It-tieni ħlas ta' finanzjament minn qabel għandu jsir sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara li l-Kummissjoni tkun approvat, fi żmien xahrejn mis-sottomissjoni formali ta' talba għal ħlas minn Stat Membru, rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali u d-dikjarazzjoni ċertifikata ta' l-infiq imfassal skond l-Artikolu 29(1)(a) u l-Artikolu 35 li jammonta għal mill-inqas 60 % ta' l-ammont tal-ħlas inizjali.

L-ammont tat-tieni ħlas ta' finanzjament minn qabel magħmul mill-Kummissjoni ma għandux jaqbeż il-50 % ta' l-ammont totali allokat mid-deċiżjoni ta' finanzjament li tapprova l-programm annwali u, fi kwalunkwe każ, fejn Stat Membru ikun impenja nazzjonalment ammont inqas mill-ammont indikat fid-deċiżjoni ta' finanzjament li tapprova l-programm annwali, il-bilanċ ta' l-ammont tal-fondi Komunitarji fil-fatt impenjati mill-Istat Membru għall-proġetti magħżula taħt il-programm annwali bit-tnaqqis ta' l-ewwel ħlas ta' finanzjament minn qabel.

5. Kwalunke interess iġġenerat mill-ħlasijiet ta' finanzjament minn qabel għandhom jiġu assenjati lill-programm annwali konċernat, filwaqt li jitqiesu bħala riżors għall-Istat Membru bħala kontribuzzjoni pubblika nazzjonali u għandhom jiġu ddikjarati lill-Kummissjoni fiż-żmien tad-dikjarazzjoni ta' l-infiq dwar ir-rapport finali ta' l-implimentazzjoni tal-programm annwali konċernat.

6. L-ammonti mħallsa bħala finanzjament minn qabel għandhom jitħallsu mill-kontijiet meta l-programm annwali jintemm.

*Artikolu 40*

**Ħlas tal-bilanċ**

1. Il-Kummissjoni għandha tħallas il-bilanċ sakemm tkun irċeviet id-dokumenti li ġejjin sa mhux iżjed tard minn disa' xhur wara t-terminu perentorju ta' l-eleġibbiltà għall-infiq stabbilit fid-deċiżjoni ta' finanzjament li tapprova l-programm annwali:

(a) dikjarazzjoni ċertifikata ta' l-infiq, debitament imfassla skond l-Artikolu 29(1)(a) u l-Artikolu 35 u talba għall-ħlas tal-bilanċ jew dikjarazzjoni ta' rimborż;

(b) ir-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali kif imniżżel fl-Artikolu 51;

(ċ) ir-rapport ta' verifika annwali, l-opinjoni u d-dikjarazzjoni previsti fl-Artikolu 30(3).

Il-ħlas tal-bilanċ ser ikun soġġett għall-aċċettazzjoni tar-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali u d-dikjarazzjoni li tevalwa l-validità tat-talba għall-ħlas tal-bilanċ.

2. Jekk l-awtorità responsabbli tonqos milli tipprovdi d-dokumenti meħtieġa fil-paragrafu 1 sad-data ta' l-għeluq u f'forma aċċettabbli, il-Kummissjoni għandha tħassar kwalunkwe parti mill-impenn tal-baġit tal-programm annwali korrispondenti li ma tkunx intużat għall-ħlas tal-finanzjament minn qabel.

3. Il-proċedura ta' kanċellazzjoni awtomatika definita fil-paragrafu 2 għandha tiġi sospiża, għall-ammont tal-proġetti konċernati, fejn proċedimenti legali jew appell amminstrattiv li jkollu effetti ta' sospensjoni jkunu għadhom għaddejjin fil-livell ta' Stat Membru meta d-dokumenti definiti fil-paragrafu 1 jiġu ppreżentati. L-Istat Membru, fir-rapport finali parzjali li jkun ġie ppreżentat, għandu jagħti informazzjoni dettaljata dwar tali proġetti, u jibgħat rapporti dwar progress li jkun sar fir-rigward

ta' dawn il-proġetti kull sitt xhur. Fi żmien tliet xhur mill-konklużjoni tal-proċedimenti legali jew il-proċedura ta' appell amministrattiv, l-Istat Membru għandu jippreżenta d-dokumenti meħtieġa fil-paragrafu 1 għall-proġetti kkonċernati.

4. Il-perijodu ta' disa' xhur msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi interrott jekk il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni li tissospendi l-ħlasijiet tal-finanzjament konġunt għall-programm annwali rilevanti skond l-Artikolu 42. Il-perijodu għandu jerġa' jibda għaddej mid-data meta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 42(3) tkun ġiet notifikata lill-Istat Membru.

5. Bla ħsara għall-Artikolu 41, fi żmien sitt xhur mir-riċeviment tad-dokumenti msemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istat Membru dwar l-ammont ta' l-infiq li jista' jiġi mħallas mill-Fond rikonoxxut mill-Kummissjoni, u dwar kwalunkwe korrezzjoni finanzjarja li tkun ġejja mid-differenza bejn l-infiq iddikjarat u l-infiq rikonoxxut. L-Istat Membru għandu jingħata tliet xhur biex jippreżenta l-kummenti tiegħu.

6. Fi żmien tliet xhur mir-riċeviment tal-kummenti ta' l-Istat Membru, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-ammont ta' l-infiq rikonoxxut li jista' jiġi mħallas mill-Fond, u tirkupra l-bilanċ li jkun ġej mid-differenza bejn l-infiq finali rikonoxxut u s-somom li jkunu diġà tħallsu lil dak l-Istati Membri.

7. Suġġett għall-fondi disponibbli, il-Kummissjoni għandha tħallas il-bilanċ f'mhux iktar minn sittin jum mid-data li fiha din taċċetta d-dokumenti msemmijin fil-paragrafu 1. Il-bilanċ ta' l-impenn tal-baġit għandu jiġi diżimpenjat fi żmien sitt xhur wara l-ħlas.

*Artikolu 41*

**Żamma tal-pagamenti**

1. It-terminu perentorju għall-ħlas għandu jiġi miżmum mill-uffiċjal ta' awtorizzazzjoni b'delega skond it-tifsira tar-Regolament Finanzjarju għal perijodu massimu ta' sitt xhur jekk:

(a) f'rapport ta' korp ta' verifika nazzjonali jew Komunitarju jkun hemm provi li jissuġġerixxu defiċjenza sinifikattiva fit-tħaddim tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll;

(b) dak l-uffiċjal ikollu jwettaq verifiki addizzjonali wara li jkun notifikat b'informazzjoni li turih li l-infiq f'dikjarazzjoni ċertifikata ta' l-infiq hija marbuta ma' irregolarità serja li ma ġietx ikkoreġuta.

2. L-Istat Membru u l-awtorità responsabbli għandhom jiġu informati minnufih dwar ir-raġunijiet għaż-żamma tal-pagament. Il-ħlas għandu jinżamm sakemm l-Istat Membru jieħu l-miżuri meħtieġa.

*Artikolu 42*

**Sospensjoni tal-pagamenti**

1. Il-ħlasijiet kollha tal-finanzjament minn qabel u tal-bilanċ, jew parti minnhom, jistgħu jiġu sospiżi mill-Kummissjoni meta:

(a) jkun hemm nuqqas serju fis-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-programm li jaffettwa l-affidabbiltà tal-proċedura għaċ-ċertifikazzjoni tal-ħlasijiet u li għalih ma jkunux ittieħdu miżuri korrettivi; jew

(b) l-infiq f'dikjarazzjoni ċertifikata ta' infiq ikun marbut ma' irregolarità serja li ma tkunx ġiet ikkorreġuta; jew

(ċ) Stat Membru ma jkunx ikkonforma ma' l-obbligi tiegħu taħt l-Artikoli 31 u 32.

2. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tissospendi l-ħlasijiet tal-finanzjament minn qabel u tal-bilanċ wara li tkun tat l-opportunità lill-Istat Membru biex jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu f'perijodu ta' tliet xhur.

3. Il-Kummissjoni għandha ttemm is-sospensjoni tal-ħlasijiet tal-finanzjament minn qabel u tal-bilanċ meta din tqis li l-Istat Membru jkun ħa l-miżuri meħtieġa kollha biex is-sospensjoni tkun tista' titneħħa.

4. Fejn l-Istat Membru ma jieħux il-miżuri meħtieġa, il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni biex tikkanċella l-kontribut Komunitarju kollu jew parti minnu għall-programm annwali, skond l-Artikolu 46.

*Artikolu 43*

**Żamma tad-dokumenti**

Bla ħsara għar-regoli li jirregolaw l-għajnuna ta' l-Istat taħt l-Artikolu 87 tat-Trattat, l-awtorità responsabbli għandha tiżgura li d-dokumenti ta' appoġġ kollha rigward l-infiq u l-verifiki tal-programmi konċernati jinżammu disponibbli għall-Kummissjoni u l-Qorti ta' l-Awdituri għal perijodu ta' ħames snin wara l-għeluq tal-programmi skond l-Artikolu 40(1).

Dan il-perijodu għandu jiġi interrott jew fil-każ ta' proċedimenti legali jew fuq talba debitament sostanzjata mill-Kummissjoni.

Id-dokumenti għandhom jinżammu fil-forma ta' l-oriġinali jew f'verżjonijiet iċċertifikati li huma konformi ma' l-oriġinali fuq mezzi ta' żamma ta' data ġeneralment aċċettati.

KAPITOLU VIII

**KORREZZJONIJIET FINANZJARJI**

*Artikolu 44*

**Korrezzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri**

1. L-Istati Membri għandhom jerfgħu primarjament ir-responsabbiltà għall-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, billi jaġixxu fuq il-provi ta' kull bidla ewlenija li taffettwa n-natura jew il-kondizzjonijiet għall-implimentazzjoni jew il-kontroll tal-programmi u jagħmlu l-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa marbuta ma' l-irregolaritajiet individwali jew sistematiċi li jkunu nstabu fl-azzjonijiet jew fil-programmi annwali.

Korrezzjonijiet magħmula mill-Istati Membri għandhom jikkonsistu fil-kanċellazzjoni, u jekk ikun applikabbli, l-irkupru tal-kontribut Komunitarju kollu jew ta' parti minnu. Fejn l-ammont

ma jiġix imħallas fiż-żmien permess mill-Istat Membru rilevanti, għandu jkun dovut imgħax minħabba nuqqas ta' ħlas bir-rata prevista fl-Artikolu 47(2). L-Istati Membri għandhom jieħdu kont tan-natura u l-gravità ta' l-irregolaritajiet u t-telf finanzjarju għall-Fond.

3. Fil-każ ta' irregolaritajiet sistematiċi l-Istat Membru relevanti għandu jestendi l-inkjesti tiegħu biex ikopru l-operazzjonijiet li jistgħu jiġu affettwati.

4. L-Istati Membri għandhom jinkludu fir-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali msemmi fl-Artikolu 51 lista ta' proċedimenti ta' kanċellazzjoni mibdija għall-programm annwali konċernat.

*Artikolu 45*

**Verifika ta' kontijiet u korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni**

1. Bla ħsara għas-setgħat tal-Qorti ta' l-Awdituri jew il-kontrolli mwettqa mill-Istati Membri skond liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali, uffiċjali tal-Kummissjoni jew rappreżentanti awtorizzati tal-Kummissjoni jistgħu jwettqu kontrolli fuq il-post, inklużi kontrolli ta' kampjuni, ta' l-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fond u ta' sistemi ta' ġestjoni u kontroll b'notifika ta' mill-inqas tliet ijiem ta' xogħol. Il-Kummissjoni għandha tavża lill-Istati Membri konċernati bil-ħsieb li tikseb l-assistenza kollha meħtieġa. L-uffiċjali jew ir-rappreżentanti awtorizzati ta' l-Istat Membru konċernat jistgħu jieħdu sehem f'tali kontrolli.

Il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istat Membru konċernat iwettaq kontrolli fuq il-post biex jivverifika l-eżattezza ta' waħda jew iżjed mit-transazzjonijiet. L-uffiċjali tal-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti awtorizzati tal-Kummissjoni jistgħu jieħdu sehem f'tali kontrolli.

2. Jekk, wara li jkunu tlestew il-verifiki meħtieġa, il-Kummissjoni tikkonkludi li Stat Membru ma jkunx konformi ma' l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 31, hija għandha tissospendi l-ħlas tal-finanzjament minn qabel jew ħlas tal-bilanċ skond l-Artikolu 42.

*Artikolu 46*

**Kriterji għall-korrezzjonijiet**

1. Il-Kummissjoni tista' tagħmel korrezzjonijiet finanzjarji billi tħassar il-kontribut Komunitarju kollu jew parti minnu għal programm annwali fejn, wara li jitwettaq l-eżami meħtieġ, hija tikkonkludi li:

(a) hemm nuqqas serju fis-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-programm li qiegħed f'riskju l-kontribut Komunitarju li jkun diġà tħallas lill-programm;

(b) l-infiq imsemmi f'dikjarazzjoni ċertifikata ta' infiq ikun irregolari u ma jkunx ġie kkorreġut mill-Istat Membru qabel il-ftuħ tal-proċedura ta' korrezzjoni taħt dan il-paragrafu;

(ċ) Stat Membru ma jkunx ikkonforma ma' l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 31 qabel il-ftuħ tal-proċedura ta' korrezzjoni taħt dan il-paragrafu.

Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni wara li tkun ħadet kont ta' kwalunkwe kumment magħmul mill-Istat Membru.

2. Il-Kummissjoni għandha tibbaża l-korrezzjonijiet finanzjarji tagħha fuq każijiet individwali ta' irregolaritajiet identifikati, filwaqt li tqis in-natura sistematika ta' l-irregolarità biex jiġi determinat jekk għandhiex tiġi applikata korrezzjoni b'rata fissa jew korrezzjoni estrapolata. Fejn il-każ ta' irregolarità jkun relatat ma' dikjarazzjoni ta' infiq li għalih tkun ingħatat assigurazzjoni raġonevoli mill-awtorità tal-verifika skond l-Artikolu 30(3) punt (b), ser jiġi preżunt li hemm problema sistemika li twassal għall-applikazzjoni ta' korrezzjoni ta' rata fissa jew estrapolata, sakemm l-Istat Membru ma jġibx prova fi żmien tliet xhur li tirribatti din il-preżunzjoni.

3. Meta tiddeċiedi l-ammont ta' korrezzjoni, il-Kummissjoni għandha tiqs l-importanza ta' l-irregolarità u l-medda u l-implikazzjonijiet finanzjarji tan-nuqqasijiet li jkunu nstabu fil-programm annwali konċernat.

4. Fejn il-Kummissjoni tibbaża l-pożizzjoni tagħha fuq il-fatti stabbiliti mill-awdituri għajr dawk tas-servizzi tagħha stess, hija għandha tiġbed il-konklużjonijiet tagħha dwar il-konsegwenzi finanzjarji, wara li tkun eżaminat il-miżuri meħuda mill-Istat Membru konċernat taħt l-Artikolu 32, ir-rapporti ta' irregolaritajiet notifikati u kwalunkwe tweġiba mill-Istat Membru.

*Artikolu 47*

**Ħlas lura**

1. Kwalunkwe ħlas lura li għandu jsir lill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għandu jsir qabel id-data ta' l-għeluq indikata fl-ordni għall-irkupru li tkun tfasslet skond l-Artikolu 72 tar-Regolament Finanzjarju. Din id-data ta' l-għeluq għandha tkun l-aħħar jum tat-tieni xahar wara l-ħruġ ta' l-ordni.

2. Kwalunkwe dewmien tal-ħlas lura għandu jwassal għal imgħax fuq il-ħlas tard, li jibdew fid-data ta' l-għeluq u jintemmu fid-data ta' meta fil-fatt isir il-ħlas. Ir-rata ta' tali imgħax għandha tkun dik applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali tiegħu ta' finanzjament mill-ġdid, kif ippubblikata fis-serje C tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, li tkun fis-seħħ fl-ewwel jum tal-kalendarju tax-xahar li fih taqa' d-data ta' l-għeluq, biż-żieda ta' tliet punti perċentwali u nofs.

*Artikolu 48*

**Obbligi ta' l-Istati Membri**

Korrezzjoni finanzjarja mill-Kummissjoni m'għandhiex tippreġudika l-obbligu ta' Stat Membru biex jissokta bl-irkupri taħt l-Artikolu 44.

KAPITOLU IX

**MONITORAĠĠ, EVALWAZZJONI U RAPPORTI**

*Artikolu 49*

**Monitoraġġ u evalwazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq monitoraġġ regolari tal-Fond f'kooperazzjoni ma' l-Istati Membri.

2. Il-Fond għandu jiġi evalwat mill-Kummissjoni fi sħubija ma' l-Istati Membri biex jiġu vvalutati r-relevanza, l-effettività u l-impatt ta' l-azzjonijiet fid-dawl ta' l-objettiv ġenerali msemmi fl-Artikolu 2 fil-kuntest tat-tħejjija għar-rapporti mniżżla fl-Artikolu 50(3).

3. Il-Kummissjoni għandha tqis ukoll il-komplementarjetà bejn l-azzjonijiet implimentati taħt il-Fond u dawk issuktati taħt linji politiċi, strumenti u inizjattivi rilevanti oħra tal-Komunità.

*Artikolu 50*

**Obbligi ta' rappurtar**

1. F'kull Stat Membru, l-awtorità responsabbli għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' proġetti.

Għal dak il-għan, il-ftehim u l-kuntratti li din tikkonkludi ma' l-organizzazzjonijiet responsabbli għall-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet għandhom jinkludu klawsoli li jistabbilixxu obbligu biex jiġu ppreżentati rapporti regolari u dettaljati dwar l-istat tal-progress ta' l-implimentazzjoni u t-tkomplija ta' l-objettivi assenjati, li għandhom ikunu l-bażi, rispettivament, għar-rapport ta' progress u r-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali msemmi.

2. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2012 għall-perijodu mill-2008 sa l-2010 u sat-30 ta' Ġunju 2015 għall-perijodu mill-2011 sa l-2013 rispettivament, rapport ta' evalwazzjoni dwar ir-riżultati u l-impatt ta' l-azzjonijiet kofinanzjati mill-Fond.

3. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni sal-31 ta' Diċembru 2012 għall-perijodu mill-2008 sa l-2010 u sal-31 ta' Diċembru 2015 għall-perijodu mill-2011 sa l-2013 rispettivament, rapport ta' evalwazzjoni *ex post*.

*Artikolu 51*

**Rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali**

1. Ir-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja sabiex tinkiseb stampa ċara ta' l-implimentazzjoni tal-programm:

(a) l-implimentazzjoni finanzjarja u operattiva tal-programm annwali;

(b) il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-programm pluriennali u l-prijoritajiet tiegħu fir-rigward tal-miri speċifiċi u verifikabbli tagħhom, bi kwantifikazzjoni, kull fejn u kull meta dawn jistgħu jiġu kwantifikati, ta' l-indikaturi;

(ċ) il-passi meħudin mill-awtorità responsabbli biex tiżgura l-kwalità u l-effettività ta' l-implimentazzjoni, b'mod partikolari:

(i) miżuri ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, li jinkludu arranġamenti għall-ġbir ta' data;

(ii) sommarju dwar kwalunkwe problema sinifikattiva li tkun inqalet fl-implimentazzjoni tal-programm operattiv u kwalunkwe miżura li tkun ittieħdet;

(iii) l-użu magħmul mill-assistenza teknika;

(d) il-miżuri meħudin biex tingħata informazzjoni dwar u ssir pubbliċità dwar il-programmi annwali u pluriennali.

2. Ir-rapport għandu jiġi ġġudikat bħala aċċettabbli meta jkun fih l-informazzjoni kollha elenkata fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar il-kontenut tar-rapport ippreżentat mill-awtorità responsabbli fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 1, li għandu jiġi kkonfermat lill-Istati Membri. Jekk il-Kummissjoni ma tirrispondix fit-terminu ta' żmien stabbilit, ir-rapport għandu jitqies li ġie aċċettat.

KAPITOLU X

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 52*

**Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat komuni 'Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni', stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, wara li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 5a(1) sa (4) u 5 (b) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, għandhom japplikaw, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 5a (3)(ċ), (4)(b) u (4)(e) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom jiġu stabbiliti għal sitt ġimgħat.

*Artikolu 53*

**Reviżjoni**

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jirrevedu din id-Deċiżjoni abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2013.

*Artikolu 54*

**Dispożizzjonijiet Transitorji**

1. Din id-Deċiżjoni m'għandhiex taffettwa l-kontinwazzjoni jew il-modifika, inkluż it-tħassir totali jew parzjali, ta' assistenza approvata mill-Kummissjoni abbażi tad-Deċiżjoni 2004/904/KE, jew kwalunkwe leġislazzjoni oħra li tapplika għal dik l-assistenza fil-31 ta' Diċembru 2007.

2. Meta jiġu adottati deċiżjonijiet dwar kofinanzjament taħt dan il-Fond, il-Kummissjoni għandha tieħu kont ta' miżuri adottati abbażi tad-Deċiżjoni 2004/904/KE qabel is-7 ta' Ġunju 2007 li jkollhom riperkussjonijiet finanzjarji matul il-perijodu kopert minn dak il-kofinanzjament.

3. Is-somom iddedikati għall-kofinanzjament approvati mill-Kummissjoni bejn l-1 ta' Jannar 2005 u l-31 ta' Diċembru 2007, li għalihom id-dokumenti meħtieġa għall-għeluq tal-programmi ma jkunux intbagħtu lill-Kummissjoni sat-terminu perentorju għas-sottomissjoni tar-rapport finali, għandhom jiġu diżimpenjati awtomatikament mill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2010, li għandu jwassal għall-ħlas lura ta' ammonti li jkunu tħallsu indebitament.

L-ammonti relatati ma' operazzjonijiet jew programmi li jkunu ġew sospiżi minħabba proċedimenti ġuridiċi jew appelli amministrattivi li għandhom effett ta' sospensjoni m'għandhomx jitqiesu fil-kalkolu ta' l-ammont tad-diżimpenn awtomatiku.

4. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2009 rapport ta' evalwazzjoni dwar ir-riżultati u l-impatti ta' l-azzjonijiet kofinanzjati mill-Fond fir-rigward tal-perijodu 2005-2007.

5. Sal-31 ta' Diċembru 2009, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport dwar ir-riżultati miksubin u dwar l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi ta' l-implimentazzjoni tal-Fond għall-perijodu mill-2005 sa l-2007.

*Artikolu 55*

**Revoka**

Id-Deċiżjoni 2004/904/KE għandha titħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2008.

*Artikolu 56*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2008, bl-eċċezzjoni ta' l-Artikoli 13, 17, 18, 20, 23 u 25, l-Artikolu 31(2), l-Artikolu 31(5), l-Artikolu 32, l-Artikolu 35(4) u l-Artikolu 52 li għandhom japplikaw mis-7 ta' Ġunju 2007.

*Artikolu 57*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri bi qbil mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmula fi Brussell, 23 ta' Mejju 2007.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | G. GLOSER |

# DEĊIŻJONI Nru 574/2007/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tat-23 ta' Mejju 2007

## li tistabbilixxi l-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perijodu mill-2007 sa l-2013 bħala parti mill-programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni"

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62, il-paragrafu (2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura stabbilità fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Waqt li kull Stat Membru jikkontribwixxi għal livell għoli u uniformi ta' kontroll fuq persuni u ta' sorveljanza tal-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea fil-qafas ta' regoli komuni, uħud mill-Istati Membri iħabbtu wiċċhom ma' piż ikbar minn oħrajn.

(2) Id-differenza fil-piż hija spjegata bis-sitwazzjonijiet differenti prevalenti fl-Istati Membri rigward il-ġeografija tal-fruntieri esterni tagħhom, in-numru ta' punti ta' qsim ta' fruntieri awtorizzati u operattivi, il-livell tal-pressjoni ta' migrazzjoni, kemm legali u illegali, ir-riskji u t-theddid li dawn jiltaqgħu magħhom, u fl-aħħarnett il-piż tal-ħidma tas-servizzi nazzjonali fir-rigward ta' eżami ta' l-applikazzjonijiet għal viżi u l-ħruġ ta' viżi.

(3) It-tqassim tal-piż bejn l-Istati Membri u l-Unjoni fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni huwa wieħed mill-ħames komponenti tal-politika komuni għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni, kif propost mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tas-7 ta' Mejju 2002 "Lejn ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea" u approvata mill-Kunsill fil-"Pjan għal-ġestjoni tal-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea" ta' l-14 ta' Ġunju 2002.

(4) Waqt li r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 tas-26 ta' Ottubru 2004, li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva mal-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ([4]), jikkostitwixxi pass importanti lejn l-iżvilupp progressiv tad-dimensjoni operattiva tas-sistema Ewropea komuni integrata tal-ġestjoni tal-fruntieri, l-implimentazzjoni ta' standards effettivi u komuni għall-kontroll u s-sorveljanza tal-fruntieri esterni issejjaħ għal mekkaniżmu ta' solidarjetà finanzjarja tal-Komunità biex ikunu appoġġjati dawk l-Istati Membri li jbatu, għall-ġid tal-Komunità, piż finanzjarju tqil u dewwiemi.

(5) Il-corpus komuni tal-leġislazzjoni kif definit partikolarment bir-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntieri (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) ([5]), jipprovdi għall-kontrolli tal-fruntieri biex jgħinu fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' bnedmin u biex jimpedixxi kwalunkwe theddida għas-sigurtà interna ta' l-Istati Membri filwaqt li fl-istess ħin jipprevedi li jsiru kontrolli b'tali mod li tiġi rispettata bis-sħiħ id-dinjità umana.

(6) Il-Fond għall-Fruntieri Esterni (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Fond") għandu jesprimi solidarjetà permezz ta' assistenza finanzjarja lil dawk l-Istati Membri li japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' Schengen dwar il-fruntieri esterni.

(7) Tali assistenza finanzjarja għandha tkun strutturata b'tali mod biex isservi bħala pont mal-kontribuzzjonijiet finanzjarji ta' l-imgħoddi ta' l-Unjoni Ewropea lill-Istati Membri li, fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, ma jkunux għadhom qed japplikaw id-dispożizzjonijiet kollha ta' l-acquis ta' Schengen, mingħajr, madankollu, ma tikkostitwixxi sempliċiment kontinwazzjoni ta' l-azzjonijiet finanzjati qabel minn sorsi oħrajn koperti mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea. F'każijiet bħal dawn, il-Fond għandu jassisti lil dawk l-Istati Membri li jkunu qed iħejju għal parteċipazzjoni sħiħa mill-aktar fis, b'mod konformi mal-Programm ta' the Hague ta' l-4 u tal-5 ta' Novembru 2004.

(8) Barra minn hekk, il-Fond għandu jqis is-sitwazzjonijiet speċifiċi, bħalma huma t-transitu fuq l-art ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom ta' bilfors jaqsmu l-fruntieri ta' Stat Membru wieħed jew aktar biex jivvjaġġaw bejn żewġ partijiet tal-pajjiż tagħhom stess li ġeografikament ma jkunux kontigwi, mhux biss fl-interess stess ta' l-Istat (i) Membru(i) ikkonċernat(i) iżda wkoll ta' l-Istati Membri kollha li neħħew il-kontrolli fuq il-fruntieri interni tagħhom. F'dawn il-każijiet, l-azzjonijiet li għandhom ikunu ffinanzjati għandhom ikunu definiti b'mod eżawrjenti u l-allokazzjonijiet tar-riżorsi għandhom ikunu determinati abbażi ta' valutazzjoni fattwali tal-ħtiġijiet f'rabta ma' dawk l-azzjonijiet.

(9) Sabiex jiġi żgurat kontroll uniformi u ta' livell għoli tal-fruntieri esterni u tat- traffiku trans-konfinali flessibbli l-Fond għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' sistema Ewropea komuni u integrata tal-ġestjoni tal-fruntieri li tinkludi l-miżuri kollha relatati ma' politika, leġislazzjoni, kooperazzjoni sistematika, distribuzzjoni tal-piż, persunal,

([1]) ĠU C 88, 11.4.2006, p. 15.

([2]) ĠU C 115, 16.5.2006, p. 47.

([3]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-14 ta' Diċembru 2006 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal- Kunsill tas-7 ta' Mejju 2007

([4]) ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1.

([5]) ĠU L 105, 13.4.2006, p. 1.

tagħmir u teknoloġija meħudin f'livelli differenti mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, li jaġixxu f'kooperazzjoni u fejn meħtieġ flimkien ma' atturi oħrajn bl-użu inter alia tal-mudell b' erba' livelli ta' sigurtà tal-fruntieri u analiżi integrata tar-riskju ta' l-Unjoni Ewropea.

(10) Skond il-Protokoll Nru 5 tat-Trattat ta' Adeżjoni ta' l-2003 ([1]) dwar it-transitu ta' persuni bl-art bejn ir-reġjun ta' Kaliningrad u partijiet oħrajn tal-Federazzjoni Russa, l-Fond għandu jagħmel tajjeb għal kull spiża addizzjonali magħmula fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjoni speċifika ta' l-acquis li tkpori tali transitu.

(11) Komplimentari għall-kooperazzjoni operattiva żviluppata taħt il-patroċinju ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva mal-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 2007/2004 (min hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija") u b'mod addizzjonali għall-allokazzjoni tal-fondi lill-Istati Membri, il-Fond għandu jintroduċi wkoll il-possibbiltà għal rispons Komunitarju għal djufijiet fil-punti strateġiċi tal-fruntiera billi jiffinanza konġuntament azzjonijiet speċifiċi biex jiġu ndirizzati dawk id-djufijiet, abbażi ta' ammont speċifiku mwarrab kull sena għal tali-azzjonijiet.

(12) Il-Fond għandu jinkludi appoġġ għal miżuri nazzjonali u kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-politika dwar il-viżi u attivitajiet oħra ta' qabel il-fruntieri, li għandhom jitwettqu fi stadju qabel ma jseħħu l-kontrolli fuq il-fruntieri esterni. It-tmexxija effiċjenti ta' attivitajiet organizzati mis-servizzi konsulari ta' l-Istati Membri f'pajjiżi terzi hija fl-interess tal-politika komuni dwar il-viżi, bħala parti minn sistema maqsuma f'diversi livelli li jkollha l-għan li tħaffef l-ivvjaġġar leġittimu u tittratta l-immigrazzjoni illegali lejn l-Unjoni Ewropea u tikkostitwixxi parti integrali mis-sistema Ewropea komuni integrata tat-tmexxija tal-fruntieri.

(13) Fid-dawl tal-kamp ta' applikazzjoni u l-għan tal-Fond, m'għandu fl-ebda każ, jappoġġa azzjonijiet rigward żoni u ċentri għaż-żamma ta' persuni f'pajjiżi terzi.

(14) Għandhom jiġu stabbiliti kriterji oġġettivi biex jiġu allokati riżorsi annwali disponibbli lill-Istati Membri. Dawn il-kriterji għandhom jiġu suddiviżi skond it-tip ta' fruntiera, b'kont meħud tal-fluss u l-livelli ta' theddid fil-fruntiera esterna ta' l-Istati Membri.

(15) L-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji għandha tiġi riveduta fl-2010 biex ikun jista' jittieħed kont ta' ċirkostanzi ġodda, inklużi partikolarment ċirkostanzi li jirriżultaw minn tibdil fil-fruntieri esterni nfushom.

(16) Minħabba l-missjoni ta' l-Aġenzija li tassisti lill-Istati Membri biex jimplimentaw l-aspetti operattivi tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni u biex din tiżviluppa komplementarjetà bejn il-missjoni tagħha stess u r-responsabbiltajiet ta' l-Istati Membri għall-kontroll u s-sorveljanza tal-fruntieri esterni, l-Aġenzija għandha tiġi kkonsultata mill-Kummissjoni dwar abbozzi ta' programmi pluriennali sottomessi mill-Istati Membri u dwar il-linji gwida strateġiċi mħejjija mill-Kummissjoni.

(17) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Aġenzija biex tagħti kontribut fil-valutazzjoni mill-Kummissjoni ta' l-impatt tal-Fond fuq l-iżvilupp tal-politika u l-leġislazzjoni fuq il-kontroll tal-fruntieri esterni, is-sinerġiji bejn il-Fond u x-xogħlijiet ta' l-Aġenzija, kif ukoll l-adegwatezza tal-kriterji biex iiġu allokati l-fondi bejn l-Istati Membri fid-dawl ta' l-objettivi segwiti mill-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam.

(18) Din id-Deċiżjoni hija mfassla biex tifforma parti minn qafas koerenti li jinkludi wkoll id-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perijodu mill-2008 sa l-2013 bħala parti mill-programm ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" ([2]), id-Deċiżjoni Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Ritorn għall-perijodu mill-2008 sa l-2013 bħala parti mill-programm ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" ([3]), u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007.../KE tal-... li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi għall-perijodu mill-2007 sa l-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" ([4]), li jimmira li jindirizza l-kwistjoni ta' qsim ġust tar-responsabbiltajiet bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-piż finanzjarju li jirriżulta mill-introduzzjoni ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni ta' l-Unjoni Ewropea u mill-implimentazzjoni ta' linji politiċi komuni dwar l-ażil u l-immigrazzjoni, kif żviluppati skond it-Titolu IV tal-Parti 3 tat-Trattat.

(19) Il-parteċipazzjoni ta' Stat Membru f'dan il-Fond m'għandhiex tikkoinċidi mal-parteċipazzjoni tiegħu fi strument temporanju futur mfassal biex jgħin lil Stati Membri benefiċjarji jiffinanzjaw azzjonijiet fuq il-fruntieri esterni l-ġodda ta' l-Unjoni għall-implimentazzjoni ta' l-acquis ta' Schengen u l-kontroll fuq il-fruntieri esterni.

(20) L-azzjonijiet appoġġati taħt dan il-Fond għandhom ikunu f'sinerġija ma' l-azzjonijiet appoġġati mill-istrumenti Komunitarji dwar l-assistenza esterna u jitwettqu fil-qafas tal-politika tar-relazzjonijiet esterni ta' l-Unjoni, partikolarment l-istrateġija għad-dimensjonijiet esterni taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

(21) L-appoġġ ipprovdut mill-Fond ikunu aktar effiċjenti u mmirat aħjar jekk il- finanzjament konġunt ta' azzjonijiet eliġibbli jkun ibbażat fuq programmar strateġiku pluriennali u mfassal minn kull Stat Membru fi djalogu mal-Kummissjoni.

(22) Abbażi ta' linji gwida strateġiċi adottati mill-Kummissjoni, kull Stat Membru għandu jħejji dokument ta' programmar pluriennali li jieħu kont tas-sitwazzjoni speċifika u l-ħtiġijiet tiegħu u jistabbilixxi l-istrateġija ta' l-iżvilupp tiegħu li għandha tikkostitwixxi qafas għat-tħejjija ta' l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet li għandhom jiġu elenkati fil-programmi annwali.

([1]) ĠU L 236, 23.9.2003, p. 946.

([2]) Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

([3]) Ara paġna 45 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

([4]) Għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

(23) Skond il-metodi ta' implimentazzjoni, msemmija fl-Artikolu 53(1), punt (b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]) (minn hawn 'l quddiem msejjaħ 'ir-Regolament Finanzjarju'), il-kondizzjonijiet li jippermettu lill-Kummissjoni teżerċita r-responsabbiltajiet tagħha għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni għandhom jiġu speċifikati, waqt li għandhom jiġu ċċarati l-obbligi għall-kooperazzjoni ta' l-Istati Membri. L-applikazzjoni ta' dawk il-kondizzjonijiet jippermetti lill-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri jutilizzaw il-Fond b'mod leġittimu u korrett u skond il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda fis-sens ta' l-Artikoli 27 u 48(2) tar-Regolment Finanzjarju.

(24) L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri adegwati biex jiggarantixxu tħaddim adegwat tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll u l-kwalità ta' l-implimentazzjoni. Għal dan il-għan, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-prinċipji ġenerali u l-funzjonijiet meħtieġa li l-programmi kollha għandhom jissodisfaw.

(25) Minħabba l-fatt li l-Fond jista' jappoġġa miżuri nazzjonali ta' Stat Membru biex jimplimenta d-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen, li jestendu minn kontroll tal-fruntieri esterni sa politika dwar il-viżi, f'livelli u postijiet differenti, jistgħu jkunu involuti diversi awtoritajiet ta' Stat Membru. Għalhekk l-Istati Membri għandhom jiġu permessi jaħtru diversi awtoritajiet taċ-ċertifika u tal-verifika jew awtoritajiet delegati sakemm hemm allokazzjoni ċara tal-funzjonijiet għal kull waħda minn dawn l-awtoritajiet.

(26) Skond il-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, l-Istati Membri għandu jkollhom ir-responsabbiltà primarja għall-implimentazzjoni u l-kontroll ta' l-interventi tal-Fond.

(27) Għandhom jiġu speċifikati l-obbligi fuq l-Istati Membri fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, iċ-ċertifikazzjoni tan-nefqa, u l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet u ta' ksur tal-liġi tal-Komunità biex tkun garantita implimentazzjoni effiċjenti u korretta tal-programmi pluriennali u annwali tagħhom. B'mod partikolari, safejn huma konċernati l-ġestjoni u l-kontroll, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-modalitajiet li bihom l-Istati Membri jiżguraw li s-sistemi rilevanti jkunu stabbiliti u jaħdmu b'mod sodisfaċenti.

(28) Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kontroll finanzjarju, il-koperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni f'dan il-qasam għandha tiġi inkoraġġita.

(29) L-effettività u l-impatt ta' azzjonijiet appoġġati mill-Fond jiddependu wkoll mill-evalwazzjoni tagħhom u d-disseminazzjoni tar-riżultati tagħhom. Ir-responsabbiltajiet ta' l-Istati Membri u l-Kummissjoni f'dan ir-rigward, u l-arranġamenti biex tiġi żgurata l-affidabbiltà ta' l-evalwazzjoni u l-kwalità ta' l-informazzjoni relatata, għandhom jiġu formalizzati.

(30) L-azzjonijiet għandhom jiġu evalwati bil-ħsieb ta' reviżjoni u valutazzjoni ta' l-impatt f'nofs it-terminu, u l-proċess ta' l-evalwazzjoni għandu jiġi inkorporat fl-arranġamenti ta' monitoraġġ tal-proġett.

(31) Waqt li tinżamm preżenti l-importanza tal-viżibbiltà tal-finanzjament Komunitarju, il-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida biex tiffaċilita r-rikonoxximent xieraq ta' l-appoġġ li jingħata minn kwalunkwe awtorità, organizzazzjoni mhux governattiva, organizzazzjoni internazzjonali jew entità oħra li tirċievi għotja minn dan il-Fond b'kont meħud tal-prattika fir-rigward ta' strumenti oħrajn taħt il-ġestjoni kondiviża, bħall-Fondi Strutturali.

(32) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi pakkett finanzjarju għad-dewmien sħiħ tal-programm, li għandu jkun il-punt ta' referenza ewlieni għall-awtorità tal-baġit matul il-proċedura baġitarja annwali, fi ħdan it-tifsira tal-punt 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda ([2]).

(33) Billi l-objettiv ta' din id-Deċiżjoni, jiġifieri li jiġi appoġġat l-istabbiliment ta' sistema Ewropea komuni integrata tal-ġestjoni tal-fruntieri, li tkopri, inter alia, il-ġestjoni ta' attivitajiet organizzati mis-servizzi konsulari u oħrajn ta' l-Istati Membri f'pajjiżi terzi rigward il-flussi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju ta' l-Istati Membri, ma jistgħax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk minħabba l-iskala u l-effetti ta' l-azzjoni dan jista' jinkiseb aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalitá, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dan l-objettiv.

(34) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999, li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ([3]).

(35) Minħabba li l-miżura ta' din id-Deċiżjoni li għandha x'taqsam ma' l-adozzjoni ta' linji gwida strateġiċi għandha kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Deċiżjoni, inter alia billi jitħassru wħud minn dawk l-elementi jew billi tiġi ssupplimentata din id-Deċiżjoni biż-żieda ta' elementi mhux essenzjali ġodda, għandha tiġi adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju stabbilita fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE. Minħabba raġunijiet ta' effiċjenza, il-limiti ta' żmien normali applikabbli għall-proċedura regolatorja bi skrutinju għandhom jitqassru għall-adozzjoni tal-linji gwida strateġiċi.

([1]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).

([2]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

([3]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċizjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

(36) Sabiex jiġi żgurat li l-Fond jiġi implimentat fil-ħin, ċerti dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2007.

(37) Dwar l-Islanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp ta' l-acquis ta' Schengen li jaqa' fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-Punt A u B tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim milħuq bejn il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen [1].

(38) Għandu jsir arranġament li jippermetti lil rappreżentanti ta' l-Islanda u n-Norveġja jkunu assoċjati mal-ħidma tal-kumitati li jassistu lill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat implimentattivi tagħha. Tali arranġament ġie kkontemplat fil-Ftehima fil-forma ta' Skambji ta' Ittri bejn il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar kumitati li jassistu lill-Kummissjoni Ewropea fl-eżerċizzju tas-setgħat eżekuttivi tagħha [2], annessi mal-Ftehim imsemmi fil-Premessa 37.

(39) Rigward l-Isvizzera, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehima iffirmata bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera fuq l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1(A) tad-Deċiżjoni 1999/437/KE qrat flimkien ma' l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/860/KE [3] dwar l-iffirmar, f'isem il-Komunità Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim.

(40) Għandu jsir arranġament li jippermetti lir-rappreżentanti ta' l-Isvizzera jkunu assoċjati mal-ħidma tal-kumitati li jassistu lill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat implimentattivi tagħha. Tali arranġament ġie kkontemplat fi Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità u l-Isvizzera, anness mal-Ftehim imsemmi fil-Premessa 39.

(41) Biex ikunu stabbiliti r-regoli supplementari meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan l-istrument, għandu jintlaħaq ftehim bejn il-Komunità u l-Iżlanda, in-Norveġja u l-Isvizzera.

(42) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, mehmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Minħabba li din id-Deċiżjoni tibni fuq l-acquis ta' Schengen taħt id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tat-Tielet Parti tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka għandha, skond l-Artikolu 5 ta' l-imsemmi Protokoll, tiddeċiedi f'perijodu ta' sitt xhur minn wara d-data ta' adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, jekk din tkunx ser timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha.

(43) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen li fih ir-Renju Unit ma jiħux sehem, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex dan jieħu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen [4] u d-Deċiżjoni sussegwenti tal-Kunsill 2004/926/KE tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar id-dħul b' effett ta' partijiet ta' l- acquis ta' Schengen mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq [5]. Għalhekk ir-Renju Unit mhux qed jieħu sehem fl-adozzjoni tagħha u mhux marbut biha jew soġġett għall-applikazzjoni tagħha.

(44) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen li fih l-Irlanda ma tiħux sehem, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba ta' l-Irlanda biex din tkun tista' tieħu sehem f'uħud mid-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen [6]. Għalhekk l-Irlanda mhux qed tieħu sehem fl-adozzjoni tagħha u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(45) B'mod konformi mat-tieni inċiż tal-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 67 tat-Trattat, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/927/KE tat-22 ta' Diċembru 2004, li tipprovdi biex ċerti oqsma koperti mit-Titolu IV tal-Parti Tlieta tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea jiġu rregolati mill-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 ta' dak it-Trattat [7], irrendiet il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat applikabbli fl-oqsma koperti mill-Artikoli 62(1), (2)(a) u (3) u 63(2)(b) u (3)(b) tat-Trattat,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

## KAPITOLU 1

## SUĠĠETT, OBJETTIVI U AZZJONIJIET

### *Artikolu 1*

### Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013 il-Fond għall-Fruntieri Esterni (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Fond") bħala parti minn qafas koerenti li jinkludi wkoll id-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE, id-Deċiżjoni Nru 575/2007/KE, u d-Deċiżjoni2007/.../KE, sabiex tikkontribwixxi għat-tisħiħ taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, u l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri.

[1] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.
[2] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 53.
[3] ĠU L 370, 17.12.2004, p. 78.
[4] ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.
[5] ĠU L 395, 31.12.2004, p. 70.
[6] ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.
[7] ĠU L 396, 31.12.2004, p. 45.

Din id-Deċiżjoni tiddefinixxi l-objettivi li għalihom jikkontribwixxi l-Fond, l-implimentazzjoni tiegħu, ir-riżorsi finanzjarji disponibbli u l-kriterji ta' distribuzzjoni għall-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji disponibbli.

Hija tistabbilixxi r-regoli tat-tmexxija tal-Fond, inklużi regoli finanzjarji, il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u kontroll ibbażati fuq il-tqassim tar-responsabbiltajiet bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-fini ta' din id-Deċiżjoni:

1. "fruntieri esterni" tfisser il-fruntieri ta' l-Istati Membri fuq l-art, inklużi fruntieri ta' xmajjar u ta' lagi, fruntieri tal-baħar u l-ajruporti, portijiet tax-xmajjar, portijiet tal-baħar u portijiet tal-lagi tagħhom li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-liġi Komunitarja dwar il-qsim tal-fruntieri esterni, kemm jekk dawn il-fruntieri huma temporanji u kemm jekk le;

2. "fruntieri esterni temporanji" tfisser:

   (a) il-fruntiera komuni bejn Stat Membru li jkun qed jimplimenta b'mod sħiħ l-acquis ta' Schengen u Stat Membru marbut li japplika l-acquis ta' Schengen b'mod sħiħ, f'konformità ma' l-Att ta' l-Adeżjoni tiegħu, iżda fejn id-Deċiżjoni relevanti tal-Kunsill li tawtorizzah japplika b'mod sħiħ dak l-acquis ma tkunx daħlet fis-seħħ;

   (b) il-fruntiera komuni bejn żewġ Stati Membri marbuta li japplikaw l-acquis ta' Schengen b'mod sħiħ, f'konformità ma' l-Atti ta' l-Adeżjoni rispettivi tagħom, iżda fejn id-Deċiżjoni relevanti tal-Kunsill li tawtorizzahom biex japplikaw b'mod sħiħ dak l-acquis tkun għadha ma daħlitx fis-seħħ;

3. "punt ta' qsim tal-fruntiera" tfisser kwalunkwe punt ta' qsim awtorizzat mill-awtoritajiet kompetenti għall-qsim tal-fruntieri esterni kif notifikat b'mod konformi ma' l-Artikolu 34(2) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006;

4. "Aġenzija" tfisser l-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea kif stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 2007/2004.

*Artikolu 3*

**Objettivi Ġenerali tal-Fond**

1. Il-Fond għandu jikkontribwixxi għall-ksib ta' l-objettivi li ġejjin:

(a) l-organizzazzjoni effiċjenti tax-xogħol ta' kontroll, li jkopri kemm spezzjonijiet kif ukoll sorveljanza relatati mal-fruntieri esterni;

(b) il-ġestjoni effiċjenti mill-Istati Membri tal-flussi ta' persuni fil-fruntieri esterni, sabiex jiġi żgurat, min-naħa l-waħda, livell għoli ta' protezzjoni fil-fruntieri esterni u, min-naħa l-oħra, il-qsim bla problemi tal-fruntieri esterni f'konformità ma' l-acquis ta' Schengen, u l-prinċipji ta' trattament b'rispett u d-dinjità;

(ċ) l-applikazzjoni uniformi mill-gwardji tal-fruntieri tad-dispożizzjonijiet tal-liġi Komunitarja dwar il-qsim tal-fruntieri esterni, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 562/2006;

(d) it-titjib tat-tmexxija ta' attivitajiet organizzati mis-servizzi konsulari u minn servizzi oħra ta' l-Istati Membri f'pajjiżi terzi fir-rigward tal-flussi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal ġot-territorju ta' l-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri f'dan ir-rigward.

2. Il-Fond għandu jikkontribwixxi għall-finanzjament ta' l-assistenza teknika fuq l-inizjattiva ta' l-Istati Membri jew tal-Kummissjoni.

*Artikolu 4*

**Objettivi speċifiċi**

1. Fir-rigward ta' l-objettiv stabbilit fl-Artikolu 3(1)(a), il-Fond għandu jappoġġja l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, l-istandards operattivi u l-aħjar prattiki, li jirriżultaw mill-kooperazzjoni operattiva bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-kontroll fil-fruntieri;

(b) l-iżvilupp u l-applikazzjoni tal-miżuri meħtieġa biex jitjiebu s-sistemi ta' sorveljanza bejn il-punti ta' qsim tal-fruntieri;

(ċ) l-introduzzjoni ta' miżuri jew l-iżvilupp ta' sistemi effettivi li jagħmlu possibbli l-ġabra metodoloġika ta' informazzjoni rilevanti fir-rigward tas-sitwazzjoni li tkun qed tiżviluppa fuq l-art viċin il-fruntieri esterni, magħhom u immedjatament warajhom;

(d) l-iżgurar r-reġistrazzjoni xierqa tan-numru ta' persuni li jkunu qed jaqsmu fit-tipi kollha ta' fruntieri esterni (art, sema, baħar);

(e) l-introduzzjoni jew it-titjib ta' sistema ta' ġbir ta' data ta' l-istatistika u data amministrattiva fir-rigward tal-kategoriji ta' vjaġġaturi, in-numru u n-natura ta' kontrolli u miżuri ta' sorveljanza fit-tipi differenti ta' fruntieri esterni, ibbażata fuq ir-reġistrazzjoni u sorsi oħrajn għall-ġbir ta' data;

(f) it-twaqqif ta' koordinazzjoni effettiva, strutturali, strateġika u operattiva bejn l-awtoritajiet kollha li jkunu qed joperaw fil-punti ta' qsim tal-fruntieri;

(g) it-titjib tal-kapaċità u l-kwalifiki ta' gwardji tal-fruntieri fit-twettiq tax-xogħol tagħhom ta' sorveljanza, ta' konsultazzjoni u ta' kontroll;

(h) it-titjib fl-iskambju ta' informazzjoni fil-livell nazzjonali bejn l-awtoritajiet responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni u bejn dawk l-awtoritajiet u awtoritajiet oħrajn

responsabbli għall-migrazzjoni, l-ażil u kwistjonijiet relatati oħrajn;

(i) il-promozzjoni ta' l-istandards ta' ġestjoni ta' kwalità.

2. Fir-rigward ta' l-objettiv stabbilit fl-Artikolu 3(1), punt (b) il-Fond għandu jappoġġja l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) l-iżvilupp ta' metodi ta' ħidma ġodda, miżuri loġistiċi u teknoloġija avvanzata biex jissaħħu l-kontrolli sistematiċi ta' persuni mad-dħul u l-ħruġ fil-punti ta' qsim tal-fruntieri ħlief fil-każ ta' fruntieri esterni temporanji;

(b) il-promozzjoni ta' l-użu tat-teknoloġija u taħriġ speċjalizzat għall-persunal responsabbli mill-isfruttar effettiv tagħha;

(ċ) il-promozzjoni ta' l-iskambju ta' informazzjoni li tirrigwarda, u t-titjib ta' taħriġ fir-rigward ta' dokumenti ta' l-ivvjaġġar iffalsifikati jew foloz, inkluż l-iżvilupp u d-distribuzzjoni ta' għodod u prattiki komuni għall-iskoperta ta' tali dokumenti;

(d) il-promozzjoni ta' konsultazzjoni effiċjenti u fi żmien reali dwar data fil-punti ta' qsim tal-fruntieri permezz ta' l-użu ta' sistemi ta' l-IT fuq skala kbira, bħalma huma s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), u l-iskambju effettiv ta' informazzjoni bejn il-punti kollha ta' qsim tal-fruntieri tul il-fruntieri esterni fi żmien reali;

(e) l-iżgurar ta' l-aħjar implimentazzjoni fil-livell operattiv u tekniku tar-riżultati ta' l-analiżi tar-riskju.

3. Fir-rigward ta' l-objettiv stabbilit fl-Artikolu 3(1), punt (ċ) il-Fond għandu jappoġġja l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) it-twaqqif gradwali f'kull Stat Membru ta' edukazzjoni, taħriġ u kwalifiki uniformi tal-gwardji tal-fruntieri, partikolarment bl-implimentazzjoni tal-kurrikulum b'bażi komuni għat-taħriġ kif żviluppat mill-Aġenzija u billi jkunu supplimentati b'mod koerenti l-attivitajiet ta' l-Aġenzija f'dan il-qasam;

(b) l-appoġġ u ż-żieda fl-iskambju u l-issekondar ta' gwardji tal-fruntieri bejn l-Istati Membri, b'mod komplementari mal-linji gwida u l-attivitajiet ta' l-Aġenzija f'dan il-qasam;

(ċ) il-promozzjoni ta' l-użu ta' teknoloġija kompatibbli l-iżjed avvanzata tul il-fruntieri esterni kollha, kull meta din tkun indispensabbli għall-użu korrett, effettiv jew uniformi tar-regoli;

(d) il-promozzjoni tal-kapaċità ta'l-awtoritajiet li japplikaw l-istess proċeduri u li jieħdu deċiżjonijiet konsistenti, rapidi u ta' kwalità għolja dwar il-qsim tal-fruntieri esterni inkluż rigward il-ħruġ ta' viżi;

(e) il-promozzjoni ta' l-użu tal-Manwal Prattiku komuni għall-Gwardji tal-Fruntiera;

(f) il-bini u t-titjib ta' żoni u ċentri għal persuni, li d-dħul tagħhom jiġi rifjutat u għal persuni li jiġu interċettati wara li jkunu qasmu l-fruntiera illegalment jew meta jkunu javviċinaw il-fruntieri esterni bil-ħsieb li jidħlu illegalment fit-territorju ta' l-Istati Membri;

(g) it-titjib fis-sigurtà tal-postijiet tal-punti ta' qsim tal-fruntieri biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-gwardji tal-fruntieri u l-protezzjoni ta' tagħmir, sistemi ta' sorveljanza u mezzi ta' trasport.

4. Fir-rigward ta' l-objettiv stabbilit fl-Artikolu 3(1), punt (d) il-Fond għandu jappoġġja l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) it-tisħiħ tal-kapaċità operattiva tan-*network* ta' l-uffiċjali ta' kollegamenti ta' l-immigrazzjoni u l-promozzjoni ta' kooperazzjoni aktar effettiva permezz tan-*network* bejn is-servizzi ta' l-Istati Membri;

(b) l-introduzzjoni ta' miżuri mmirati lejn l-assistenza ta' Stati Membri u ta' kumpanniji ta' l-ajru fit-twettiq ta' l-obbligi imposti fuqhom bis-saħħa tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-obbligu ta' trasportaturi li jikkomunikaw data dwar il-passiġġieri ([1]) u l-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni ta' Schengen tad-19 ta' Ġunju 1990 li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-gvernijiet ta' l-Unjoni ta' l-Istati tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija gradwali ta' kontrolli mal-fruntieri komuni tagħhom (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni ta' Schengen") ([2]) sabiex jimpedixxu wasliet illegali fil-fruntieri esterni;

(ċ) il-promozzjoni ta' kooperazzjoni aktar effettiva mat-trasportaturi fl-ajruporti tal-pajjiżi tat-tluq, inkluż taħriġ uniformi lill-persunal tal-kumpanniji ta' l-ajru dwar id-dokumenti ta' l-ivvjaġġar;

(d) il-promozzjoni ta' tmexxija ta' kwalità, u servizzi u faċilitajiet tajba fir-rigward ta' l-infrastruttura tal-proċess ta' l-applikazzjoni għall-viża;

(e) il-promozzjoni ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fit-titjib tal-kapaċità tas-servizzi konsulari biex jeżaminaw l-applikazzjonijiet għal viżi;

(f) il-promozzjoni ta' prattiki komuni investigattivi, proċeduri amministrattivi u deċiżjonijiet uniformi tas-servizzi konsulari ta'l-Istati Membri li jinstabu f'pajjiżi terzi differenti dwar viżi;

(g) il-promozzjoni tal-progress lejn kooperazzjoni sistematika u regolari bejn is-servizzi konsulari u servizzi oħrajn ta' Stati Membri differenti, b'mod partikolari b'konnessjoni

([1]) ĠU L 261, 6.8.2004, p. 24.

([2]) ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19. Konvenzjoni kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4).

mal-VIS, inkluż it-tgħaqqid ta' riżorsi u l-mezzi għall-ħruġ ta' viżi, l-iskambju ta' informazzjoni, stħarriġ u investigazzjonijiet dwar applikazzjonijiet għal viżi u l-iżvilupp ta' ċentri komuni għall-applikazzjoni għal viżi;

(h) il-promozzjoni ta' inizjattivi nazzjonali mmirati lejn prattiki investigattivi komuni, proċeduri amministrattivi u deċiżjonijiet uniformi dwar viżi mis-servizzi konsulari ta' Stati Membri differenti;

(i) l-iżvilupp ta' uffiċċji konsulari komuni.

*Artikolu 5*

**Azzjonijiet eliġibbli fl-Istati Membri**

1. Il-Fond għandu jappoġġja azzjonijiet fl-Istati Membri relatati ma' l-objettivi speċifiċi definiti fl-Artikolu 4 u b'mod partikolari ma' dawn li ġejjin:

(a) l-infrastrutturi u l-bini relatat fil-punti ta' qsim tal-fruntieri, bħalma huma stazzjonijiet tal-fruntieri, postijiet ta' nżul għall-ħelikopter jew mogħdijiet jew kabini fejn jistgħu joqogħdu fil-kju vetturi jew persuni f'punti ta' qsim tal-fruntieri;

(b) l-infrastrutturi, il-bini u s-sistemi meħtieġa għas-sorveljanza bejn il-punti ta' qsim tal-fruntieri u l-protezzjoni kontra l-qsim illegali tal-fruntieri esterni;

(ċ) it-tagħmir ta' l-operat, bħal sensors, sorveljanza bil-vidjo, strumenti li jeżaminaw id-dokumenti, għodda tat-tfittxija u terminali mobbli jew fissi għall-konsultazzjoni tas-SIS, il-VIS, is-Sistema Ewropea ta' Arkivjar ta' l-Immaġni (FADO) u sistemi Ewropej u nazzjonali oħrajn;

(d) il-mezzi ta' trasport għall-kontroll tal-fruntieri esterni, bħal vetturi, vapuri, ħelikopters, u ajruplani żgħar, li jkunu mgħammra apposta b'tagħmir elettroniku għas-sorveljanza tal-fruntiera u s-sejbien ta' persuni f'mezzi ta' trasport;

(e) it-tagħmir għall-iskambju ta' informazzjoni fi żmien reali bejn l-awtoritajiet rilevanti;

(f) is-sistemi ta' l-ICT;

(g) programmi għall-issekondjar u l-bdil ta' persunal bħalma huma l-gwardji tal-fruntieri, uffiċjali ta' l-immigrazzjoni u uffiċjali konsulari;

(h) it-taħriġ u l-edukazzjoni tal-persunal ta' awtoritajiet rilevanti, inkluż it-taħriġ fil-lingwa;

(i) l-investimenti fl-iżvilupp, l-ittestjar u l-istallazzjoni ta' teknoloġija avvanzata;

(j) l-istudji u l-proġetti pilota li jimplimentaw rakkomandazzjonijiet, standards operattivi u l-aħjar prattiki, li jirriżultaw mill-kooperazzjoni operattiva bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-kontroll tal-fruntieri;

(k) l-istudji u l-proġetti pilota mfassla biex jistimulaw l-innovazzjoni, jiffaċilitaw l-iskambji ta' esperjenza u prattika tajba u jtejbu l-kwalità tat-tmexxija ta' l-attivitajiet organizzati mis-servizzi konsulari u servizzi oħrajn ta' l-Istati Membri f'pajjiżi terzi fir-rigward tal-flussi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal ġot-territorju ta' l-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri f'dan ir-rigward.

2. Il-Fond m'għandux jappoġġja azzjonijiet fir-rigward ta' fruntieri esterni temporanji meta tali azzjonijiet jammontaw għal investiment strutturali, li ma jkunx kompatibbli ma' l-objettiv li jitneħħew il-kontrolli fuq persuni f'dawn il-fruntieri, b'mod partikolari azzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1.

*Artikolu 6*

**L-Iskema ta' Transitu Speċjali**

1. Il-Fond għandu jipprovdi appoġġ biex jikkompensa għad-drittijiet mitlufa minn fuq il-viżi ta' transitu u spejjeż addizzjonali li jkunu saru fl-implimentazzjoni tad-Dokument ta' Tranżitu Faċilitat (FTD) u tad-Dokument ta' Tranżitu Faċilitat bil-Ferrovija (FRTD) skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 693/2003 ([1]) u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 694/2003 ([2]).

2. Għall-fini tal-paragrafu 1, spejjeż addizzjonali tfisser spejjeż li jirriżultaw direttament mill-ħtiġiet speċifiċi ta' l-implimentazzjoni ta' l-operat ta' l-iskema ta' transitu speċjali u li ma jiġux iġġenerati bħala riżultat tal-ħruġ ta' viżi ta' transitu jew ta' viżi oħrajn.

It-tipi ta' spejjeż addizzjonali li ġejjin għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament:

(a) investiment fl-infrastruttura;

(b) taħriġ ta' persunal li jimplimentaw l-iskema ta' transitu speċjali;

(ċ) l-ispiża addizzjonali ta' l-operat, inklużi s-salarji għall-persunal li jkunu qed jimplimentaw speċifikament l-operat ta' l-skema ta' transitu speċjali.

3. Id-drittijiet mitlufa previsti fil-paragrafu 1 għandhom jiġu kkalkulati abbażi tal-livell ta' drittijiet mitluba għall-viżi ta' transitu stabbilita fl-Anness 12 għall-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni dwar il-viżi, fil-qafas finanzjarju stabbilit fl-Artikolu 14 (9).

*Artikolu 7*

**Azzjonijiet Komunitarji**

1. Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, jista' jintuża sa 6 % tar-riżorsi disponibbli tal-Fond biex jiġu ffinanzjati azzjonijiet transnazzjonali jew azzjonijiet ta' interess għall-Komunità kollha (minn hawn 'il quddiem imsejħa "azzjonijiet Komunitarji") rigward l-objettivi li ġejjin:

(a) jikkontribwixxu għat-tisħiħ ta' l-attivitajiet organizzati mis-servizzi konsulari u oħrajn ta' l-Istati Membri f'pajjiżi terzi rigward il-fluss ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju ta' l-

([1]) ĠU L 99, 17.4.2003, p. 8

([2]) ĠU L 99, 17.4.2003, p. 15.

Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri rigward dan, inklużi l-attivitajiet ta' uffiċjali tal-kollegament ta' ajru u uffiċjali tal-kollegamenti ta' l-immigrazzjoni;

(b) il-promozzjoni ta' l-inklużjoni progressiva ta' kontrolli doganali, veterinarji u fito-sanitarji f'attivitajiet integrati tal-ġestjoni tal-fruntiera skond l-evoluzzjoni tal-politika f'dan il-qasam;

(ċ) il-provvista ta' servizzi ta' appoġġ lill-Istati Membri f'każ ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza debitament issostanzjati li jkunu jeħtieġu azzjoni urġenti fil-fruntieri esterni.

2. Biex ikunu eliġibbli għall-finanzjament, l-azzjonijiet tal-Komunità elenkati taħt il-paragrafu 1 punt (a) u (b) għandhom b'mod speċjali:

(a) iżidu l-kooperazzjoni tal-Komunità fl-implimentazzjoni tal-liġi Komunitarja u l-prattiki tajbin;

(b) jappoġġaw l-istabbiliment ta' *networks* ta' kooperazzjoni transnazzjonali u proġetti pilota bbażati fuq sħubiji transnazzjonali bejn is-servizzi konsulari minn żewġ Stati Membri jew aktar imfassla biex jistimolaw l-innovazzjoni u jiffaċilitaw l-iskambju ta' esperjenza u prattika tajba;

(ċ) jappoġġjaw studji, it-tixrid u l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattiki u l-aspetti l-oħrajn kollha ta' l-objettiv ġenerali li jikkontribwixxi għat-tisħiħ ta' l-attivitajiet organizzati mis-servizzi konsulari ta' l-Istati Membri f'pajjiżi terzi u għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri f'dan il-qasam, inkluż dwar l-użu ta' teknoloġija l-aktar avanzata;

(d) jappoġġaw proġetti u studji li jesploraw il-possibbiltà ta' forom ġodda ta' kooperazzjoni Komunitarja u ta' liġi Komunitarja f'dan il-qasam, partikolarment ċentri ta' applikazzjoni komuni;

(e) jappoġġaw l-iżvilupp u l-applikazzjoni mill-Istati Membri ta' għodod, metodi u indikaturi ta' statistika komuni biex jiġu mkejla żviluppi ta' politika fil-qasam tal-politika dwar il-viżi u l-kooperazzjoni konsulari.

3. Il-programm ta' ħidma annwali li jistabbilixxi l-prijoritajiet għal azzjonijiet Komunitarji għandu jiġi adottat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 56(2).

KAPITOLU II

## PRINĊIPJI TA' ASSISTENZA

*Artikolu 8*

### Komplementarjetà, konsistenza u konformità

1. Il-Fond għandu jipprovdi assistenza li tikkomplementa azzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali, filwaqt li jintegra fihom il-prijoritajiet tal-Komunità.

2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assistenza mill-Fond u mill-Istati Membri tkun konsistenti ma' l-attivitajiet, il-linji politiċi u l-prijoritajiet tal-Komunità. Din il-konsistenza għandha tintwera b'mod partikolari fil-programm pluriennali msemmi fl-Artikolu 21.

3. L-operazzjonijiet iffinanzjati mill-Fond għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat u ta' l-atti adottati taħthom.

*Artikolu 9*

### Programmazzjoni

1. L-objettivi tal-Fond għandhom jiġu segwiti fil-qafas ta' perijodu ta' programmazzjoni pluriennali mill-2007 sa l-2013, soġġett għal reviżjoni ta' nofs it-terminu skond l-Artikolu 24. Is-sistema ta' programmazzjoni pluriennali għandha tinkludi l-prijoritajiet u l-proċess tal-ġestjoni, it-teħid ta' deċiżjonijiet, il-verifika u ċ-ċertifikazzjoni.

2. Il-programmi pluriennali approvati mill-Kummissjoni għandhom jiġu implimentati permezz ta' programmi annwali.

*Artikolu 10*

### Intervent sussidjarju u proporzjonali

1. L-implimentazzjoni ta' programmi pluriennali u annwali msemmijin fl-Artikoli 21 u 23 għandha tkun ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri fil-livell territorjali xieraq, skond is-sistema istituzzjonali speċifika għal kull Stat Membru. Din ir-responsabbiltà għandha tiġi eżerċitata skond din id-Deċiżjoni.

2. F'relazzjoni mad-dispożizzjonijiet ta' verifika, il-mezzi użati mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri għandhom ivarjaw skond id-daqs tal-kontribut Komunitarju. L-istess prinċipju għandu japplika għad-dispożizzjonijiet dwar l-evalwazzjoni u għar-rapporti dwar programmi pluriennali u annwali.

*Artikolu 11*

### Metodi ta' implimentazzjoni

1. Il-baġit tal-Komunità allokat għall-Fond għandu jiġi implimentat, skond l-Artikolu 53(1) (b) tar-Regolament Finanzjarju, bl-eċċezzjoni ta' l-azzjonijiet Komunitarji msemmija fl-Artikolu 7 u l-assistenza teknika msemmija fl-Artikolu 17 ta' din id-Deċiżjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha teżerċita r-responsabbiltà tagħha biex timplimenta l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea billi:

(a) tiċċekkja l-eżistenza u t-tħaddim tajjeb ta' sistemi ta' ġestjoni u kontroll fl-Istati Membri skond il-proċeduri deskritti fl-Artikolu 34;

(b) iżżomm jew tissospendi l-pagamenti kollha jew partijiet minnhom skond il-proċeduri deskritti fl-Artikoli 43 u 44, jekk is-sistemi nazzjonali ta' ġestjoni u kontroll ma jaħdmux, u billi tapplika kwalunkwe korrezzjoni finanzjarja meħtieġa oħra, skond il-proċeduri deskritti fl-Artikoli 47 u 48.

3. Il-pajjiżi assoċjati ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen għandhom jieħdu sehem fil-Fond skond din id-Deċiżjoni.

4. Għandhom jiġu konklużi arranġamenti li jispeċifikaw ir-regoli supplementari meħtieġa għal tali parteċipazzjoni, inkluż dispożizzjonijiet li jiżguraw il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità u s-setgħa tal-verifika tal-Qorti ta' l-Awdituri.

*Artikolu 12*

**Sħubija**

1. Kull Stat Membru għandu jorganizza, skond ir-regoli u l-prattika nazzjonali attwali, sħubija ma' l-awtoritajiet u l-korpi li huma involuti fl-implimentazzjoni tal-programm pluriennali jew li fl-opinjoni ta' l-Istat Membru kkonċernat jistgħu jipprovdu kontribut utli għall-iżvilupp tiegħu.

Tali awtoritajiet u korpi jistgħu jinkludu l-awtoritajiet reġjonali, lokali, urbani u awtoritajiet pubbliċi oħrajn, organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari l-Kummissarju Għoli għar-Rifuġjati tan-Nazzjonjiet Uniti (UNHCR), u korpi li jirrappreżentaw is-soċjetà ċivili bħal organizzazzjonijiet mhux governattivi jew imsieħba soċjali.

2. Tali sħubija għandha titwettaq f'konformità sħiħa mal-ġurisdizzjoni istituzzjonali, legali u finanzjarja rispettiva ta' kull kategorija ta' msieħba.

KAPITOLU III

**QAFAS FINANZJARJU**

*Artikolu 13*

**Riżorsi globali**

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013 għandu jkun ta' EUR 1 820 miljun.

2. L-approprjazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità tal-baġit fil-limiti tal-Qafas Finanzjarju.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel tqassim annwali indikattiv għal kull Stat Membru skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 14.

*Artikolu 14*

**Distribuzzjoni annwali tar-riżorsi għal azzjonijiet eliġibbli fl-Istati Membri**

1. Ir-riżorsi annwali disponibbli għandhom jiġu maqsuma bejn l-Istati Membri kif ġej:

(a) 30 % għall-fruntieri esterni fuq l-art;

(b) 35 % għall-fruntieri esterni marittimi;

(ċ) 20 % għall-ajruporti;

(d) 15 % għall-uffiċċji konsulari.

2. Ir-riżorsi disponibbli taħt il-punt (a) tal-paragrafu 1 għandhom jiġu mqassmin bejn l-Istati Membri kif ġej:

(a) 70 % għat-tul tal-fruntieri esterni, li jiġi kkalkulat għal kull sezzjoni speċifika, abbażi tal-fatturi ta' ippeżar determinati skond l-punt (a) ta' l-Artikolu 15(3) u

(b) 30 % għall-ammont ta' xogħol fil-fruntieri esterni fuq l-art tagħhom, hekk kif determinati skond il-punt (a) tal-paragrafu 7.

3. Ir-riżorsi disponibbli taħt il-punt (b) tal-paragrafu 1 għandhom jiġu suddiviżi bejn l-Istati Membri kif ġej:

(a) 70 % għat-tul tal-fruntiera esterna, li jiġi kkalkulat għal kull sezzjoni speċifika, abbażi tal-fatturi ta' ippeżar, determinati skond il-punt (b) ta' l-Artikolu 15(3); u

(b) 30 % għall-ammont ta' xogħol fil-fruntieri esterni marittimi tagħhom, hekk kif determinat skond il-punt (a) tal-paragrafu 7.

4. Ir-riżorsi disponibbli taħt il-punt (ċ) tal-paragrafu 1 għandhom jiġu mqassmin bejn l-Istati Membri skond l-ammont ta' xogħol fl-ajruporti tagħhom, hekk kif determinat skond il-punt (b) tal-paragrafu 7.

5. Ir-riżorsi disponibbli taħt il-punt (d) tal-paragrafu 1 għandhom jiġu mqassmin bejn l-Istati Membri kif ġej:

(a) 50 % għan-numru ta' uffiċċji konsulari ta' l-Istati Membri fil-pajjiżi elenkati fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 tal-15 ta' Marzu 2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom irid ikollhom viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżentati minn dik il-ħtieġa ([1]); u

(b) 50 % għall-ammont ta' xogħol fir-rigward tal-ġestjoni tal-politika dwar il-viżi fl-uffiċċji konsulari ta' l-Istati Membri fil-pajjiżi elenkati fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001, hekk kif determinat skond il-punt (ċ) tal-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu.

6. Għall-finijiet tad-distribuzzjoni annwali tar-riżorsi skond il-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1:

a) kont se jiġi meħud tal-linja bejn iż-żoni msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 866/2004 tad-29 ta' April 2004 rigward *regime* taħt l-Artikolu 2 tal-Protokoll No 10 ta'l-Att ta' Adeżjoni ([2]), għalkemm ma tikkostitwix fruntiera esterna fuq l-art, sakemm jibqgħu applikabbli d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 1 tal-Protokoll 10 ta' l-Att ta' Adeżjoni 2003, iżda l'ebda kont ma jiġi meħud tat-tul tal-fruntiera marittima fit-Tramuntana ta' dik il-linja;

b) "Fruntieri esterni marittimi" għandha tfisser il-limitu estern tal-baħar territorjali ta' l-Istati Membri hekk kif definit

([1]) ĠU L 81, 21.3.2001, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 851/2005 (ĠU L 141, 4.6.2005, p. 3).

([2]) ĠU L 161, 30.4.2004, p. 128. Verżjoni kkorreġuta fil-ĠU L 206, 9.6.2004, p. 51. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1283/2005 (ĠU L 203, 4.8.2005, p. 8).

skond l-Artikoli 4 sa 16 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar. Madankollu, f'każijiet fejn huma meħtieġa regolarment operazzjonijiet fuq distanza twila sabiex jiġu impeduti l-migrazzjoni irregolari/dħul illegali, din għandha tkun il-limitu estern ta' żoni b'livell għoli ta' theddid. Dan għandu jkun determinat billi jittieħed kont tad-data operattiva tul l-aħħar sentejn hekk kif provduta mill-Istati Membri in kwistjoni. Din id-definizzjoni ta' "fruntieri esterni marittimi" tintuża esklużivament għall-għan ta' din id-Deċiżjoni u kull operazzjoni għandha tirrispetta l-liġi internazzjonali.

7. L-ammont tax-xogħol għandu jkun ibbażat fuq medja ta' figuri tul is-sentejn preċedenti għall-fatturi li ġejjin:

(a) fil-fruntieri esterni fuq l-art u fruntieri esterni marittimi:

(i) in-numru ta' persuni li jaqsmu l-fruntieri esterni f'punti ta' qsim tal-fruntiera awtorizzati;

(ii) in-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ġew miċħuda d-dħul f'dik il-fruntiera esterna;

(iii) in-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi maqbuda wara li jkunu qasmu l-fruntiera esterna illegalment, inkluż in-numru ta' persuni maqbuda fuq il-baħar;

(b) fl-ajruporti:

(i) in-numru ta' persuni li jaqsmu l-fruntiera esterna f'punti ta' qsim tal-fruntiera awtorizzati;

(ii) in-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ġew miċħuda d-dħul f'dik il-fruntiera esterna;

(ċ) f'uffiċċji konsulari:

in-numru ta' applikazzjonijiet għall-viża.

Għall-2007, l-ammont ta' xogħol għandu jkun ibbażat biss fuq il-figuri ta' l-2005.

8. L-ippeżar kif imsemmi fil-paragrafi 2 u 3 għandu jiġi iddeterminat mill-Aġenzija skond l-Artikolu 15.

9. Fir-rigward tat-tul tal-fruntiera esterna fuq l-art kif imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 2, il-kalkolu tad-distribuzzjoni annwali tar-riżorsi m'għandux iqis il-fruntieri esterni temporanji. Madankollu, għandu jittieħed kont tal-fruntieri esterni temporanji bejn Stat Membru li ngħaqad ma' l-Unjoni Ewropea sa l-1 ta' Mejju 2004 u Stat Membru li ngħaqad wara l-1 ta' Mejju 2004.

10. Il-figuri ta' referenza dwar l-ammont tax-xogħol imsemmija fil-paragrafu 7 għandhom ikunu l-aħħar statistika pprovduta mill-Kummissjoni (Eurostat) abbażi tad-data pprovduta mill-Istati Membri skond il-liġi Komunitarja.

Meta l-Istati Membri ma jkunux taw l-istatistika kkonċernata lill-Kummissjoni (Eurostat), huma għandhom jipprovdu data proviżorja malajr kemm jista' jkun.

Qabel taċċetta din id-data bħala figuri ta' referenza, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tevalwa l-kwalità, il-paragunabbiltà u l-kompletezza ta' l-informazzjoni statistika skond il-proċeduri operattivi normali. Fuq talba tal-Kummissjoni (Eurostat), l-Istati Membri għandhom jagħtuha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tagħmel dan.

11. Meta l-figuri ta' referenza ma jkunux disponibbli bħala statistika magħmula mill-Kummissjoni (Eurostat) skond il-liġi Komunitarja, l-Istati Membri għandhom jipprovdu data proviżorja lill-Kummissjoni sa l-1 ta' Novembru ta' kull sena għall-istima ta' l-ammont li għandu jiġi allokat lilhom għas-sena sussegwenti skond l-Artikolu 23(2).

Qabel ma l-Kummissjoni taċċetta din id-data bħala figuri ta' referenza, il-Kummissjoni (Eurostat) tista' tevalwa l-kwalità, il-paragunabbiltà u l-kompletezza ta' l-informazzjoni statistika skond il-proċeduri operattivi normali. Fuq talba tal-Kummissjoni (Eurostat), l-Istati Membri għandhom jagħtuha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tagħmel dan.

12. L-allokazzjoni tar-riżorsi msemmija fil-paragrafu 1 m'għandhiex tinkludi r-riżorsi allokati għall-iskop ta' l-Artikoli 6 u 19. Ir-riżorsi allokati għall-iskop ta' l-Artikolu 6 m'għandhomx jaqbżu EUR 108 miljuni għall-perijodu mill-2007 sa l-2013.

*Artikolu 15*

**Analiżi tar-Riskju mwettqa mill-Aġenzija għall-iskop tad-distribuzzjoni annwali ta' riżorsi**

1. Biex jiġi determinat l-ippeżar kif imsemmi fl-Artikolu 14(8), l-Aġenzija għandha tipprovdi lill-Kummissjoni, sa l-1 ta' April ta' kull sena, rapport speċifiku li jiddeskrivi d-diffikultà biex titwettaq is-sorveljanza tal-fruntieri u s-sitwazzjoni fil-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri b'attenzjoni speċjali mogħtija lill-prossimità partikolari ta' l-Istati Membri għal żoni b'riskju għoli ta' immigrazzjoni illegali għas-sena preċedenti b'kont meħud ukoll tan-numru ta' persuni li jkunu daħlu f'dawn l-Istati Membri illegalment u d-daqs ta' dawn l-Istati Membri.

2. Ir-rapport għandu, b'mod konformi mal-Mudell Integrat Komuni dwar l-Analiżi tar-Riskju msemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2007/2004, janalizza t-theddid li jkun affettwa s-sigurtà fil-fruntieri esterni ta' l-Istati Membri fis-sena preċedenti, b'kont meħud ta' l-iżviluppi politiċi, ekonomiċi u soċjali fil-pajjiżi terzi konċernati, partikolarment fil-pajjiżi terzi ġirien u għandu jistabbilixxi tendenzi futuri possibbli dwar flussi migratorji u attivitajiet illegali fil-fruntieri esterni.

Din l-analiżi ta' riskju għandha tkun ibbażata primarjament fuq l-informazzjoni li ġejja miġbura mill-Aġenzija, ipprovduta mill-Istati Membri jew miksuba mill-Kummissjoni (Eurostat):

(a) in-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ġew miċħuda d-dħul fil-fruntiera esterna;

(b) in-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi arrestati meta jkunu qed jaqsmu jew jippruvaw jaqsmu l-fruntiera illegalment;

(ċ) in-numru ta' faċilitaturi interċettati li assistew intenzjonalment fid-dħul mhux awtorizzat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi;

(d) in-numru ta' dokumenti ta' l-ivvjaġġar falsifikati jew foloz u n-numru ta' dokumenti ta' l-ivvjaġġar u viżi maħruġin għal raġunijiet foloz li ġew skoperti fil-punti ta' qsim tal-fruntiera b'mod konformi mal-Kodiċi tal-Fruntiera ta' Schengen.

Meta l-figuri ta' referenza ma jkunux ġew provduti bħala statistika magħmula mill-Kummissjoni (Eurostat) iżda mill-Istati Membri, l-Aġenzija tista' titlob mingħand dawk l-Istati Membri l-informazzjoni meħtieġa biex tevalwa l-kwalità, il-komparabilita' u l-kompletezza ta' l-informazzjoni statistika. L-Aġenzija tista' titlob l-għajnuna tal-Kummissjoni (Eurostat) rigward tali evalwazzjoni.

3. Finalment ir-rapport għandu, b'mod konformi mal-paragrafi 1 u 2, jidentifika l-livelli attwali tad-theddid fil-fruntieri esterni ta' kull wieħed mill-Istati Membri u jiddetermina l-fatturi speċifiċi ta' ippeżar li ġejjin għal kull sezzjoni tal-fruntiera esterna ta' dak l-Istat Membru partikolari:

(a) fruntiera esterna fuq l-art:

i) fattur 1 għal livell ta' theddid normali;

ii) fattur 1,5 għal livell ta' theddid medju;

iii) fattur 3 għal livell ta' theddid għoli;

(b) fruntiera esterna marittima:

i) fattur 0 għal livell ta' theddid minimu;

ii) fattur 1 għal livell ta' theddid normali;

iii) fattur 3 għal livell ta' theddid medju;

iv) fattur 8 għal livell ta' theddid għoli.

*Artikolu 16*

**Struttura ta' finanzjament**

1. Kontribuzzjonijiet finanzjarji taħt il-Fond għandhom jieħdu l-forma ta' għotjiet.

2. L-azzjonijiet appoġġjati mill-Fond għandhom ikunu kofinanzjati minn sorsi pubbliċi jew privati, għandhom ikunu bla qligħ u m'għandhomx ikunu eliġibbli għall-finanzjament minn sorsi oħra li jkunu koperti mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

3. L-approprjazzjonijiet ta' fondi għandhom ikunu kumplimentari għan-nefqa pubblika jew l-ekwivalenti tagħha allokata mill-Istati Membri għall-miżuri koperti minn din id-Deċiżjoni.

4. Il-kontribuzzjoni tal-Komunità għall-proġetti appoġġjati, fejn għandhom x'jaqsmu l-azzjonijiet implimentati fl-Istati Membri taħt l-Artikolu 4, m'għandhiex tkun aktar minn 50 % tan-nefqa totali ta' azzjoni speċifika.

Din tista' tiżdied għal 75 % għall-proġetti li jindirizzaw prijoritajiet speċifiċi li jkunu ġew identifikati fil-linji gwida strateġiċi msemmija fl-Artikolu 20.

Il-kontribuzzjoni tal-Komunità għandha tiżdied għal 75 % fl-Istati Membri koperti mill-Fond ta' Koeżjoni.

5. Fil-qafas ta' l-implimentazzjoni tal-programmazzjoni nazzjonali kif imniżżel fil-Kapitolu IV, l-Istati Membri għandhom jagħżlu proġetti għall-finanzjament abbażi tal-kriterji minimi li ġejjin:

(a) is-sitwazzjoni u l-ħtiġiet fl-Istat Membru konċernat;

(b) l-effikaċja fid-dawl ta'l-ispejjeż tan-nefqa, inter alia firrigward tan-numru ta' persuni konċernati mill-proġett;

(ċ) l-esperjenza, il-kompetenza, l-affidabbiltà u l-kontribut finanzjarju ta' l-organizzazzjoni li tkun qed tapplika għall-fondi u ta' kwalunkwe organizzazzjoni msieħba;

(d) il-punt sa liema l-proġetti jikkumplimentaw azzjonijiet oħra ffinanzjati mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea jew bħala parti minn programmi nazzjonali.

6. Bħala regola ġenerali, għajnuna finanzjarja tal-Komunità mogħtija għal azzjonijiet appoġġjati mill-Fond għandha tingħata għal perijodu ta' mhux iżjed minn tliet snin, soġġett għal rapporti perijodiċi ta' progress.

*Artikolu 17*

**Assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni**

1. Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni u/jew f'isimha, soġġett għal limitu massimu ta' EUR 500 000 ta' l-allokazzjoni annwali tal-Fond, il-Fond jista' jiffinanzja l-miżuri ta' tħejjija, monitoraġġ, il-miżuri ta' appoġġ amministrattiv u tekniku, kif ukoll miżuri ta' evalwazzjoni, verifika u spezzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. Dawk il-miżuri għandhom jinkludu:

(a) studji, evalwazzjonijiet, rapporti ta' esperti u statistika, inklużi dawk ta' natura ġenerali dwar it-tħaddim tal-Fond;

(b) miżuri ta' informazzjoni għall-Istati Membri, il-benefiċjarji finali u l-pubbliku ġenerali, inklużi kampanji ta' sensibilizzazzjoni u database komuni dwar il-proġetti ffinanzjati taħt il-Fond;

(ċ) l-installazzjoni, it-tħaddim u l-interkonnessjoni ta' sistemi kompjuterizzati għall-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-ispezzjoni u l-evalwazzjoni;

(d) it-tfassil ta' qafas komuni għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ kif ukoll sistemi ta' indikaturi, li jqiesu, fejn xieraq, indikaturi nazzjonali;

(e) titjib fil-metodi ta' evalwazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar prattika f'dan il-qasam;

(f) miżuri ta' informazzjoni u taħriġ għall-awtoritajiet magħżulin mill-Istati Membri skond l-Artikolu 27, komplementari ma' l-isforzi ta' l-Istati Membri biex jipprovdu gwida lill-awtoritajiet tagħhom skond l-Artikolu 33(2).

*Artikolu 18*

**Assistenza teknika fuq l-inizjattiva ta' l-Istati Membri**

1. Fuq l-inizjattiva ta' Stat Membru, għal kull programm annwali, il-Fond jista' jiffinanzja miżuri ta' tħejjija, ġestjoni, monitoraġġ, evalwazzjoni, informazzjoni u kontroll, kif ukoll miżuri għat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Fond.

2. L-ammont imwarrab għal assistenza teknika taħt kull programm annwali ma jistax jaqbeż:

(a) għall-perjodu mill-2007 sa l-2010, 7 % ta' l-ammont annwali totali tal-kofinanzjament allokat għal dak l-Istat Membru magħdud ma' EUR 30 000; u

(b) għall-perjodu mill-2011 sa l-2013, 4 % ta' l-ammont annwali totali tal-finanzjament konġunt allokat għal dak l-Istat Membru magħdud ma' EUR 30 000.

*Artikolu 19*

**Azzjonijiet speċifiċi**

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi kull sena lista ta' azzjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu implimentati mill-Istati Membri u, fejn adatt, f'kooperazzjoni ma' l-Aġenzija, li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea komuni integrata tal-ġestjoni tal-fruntieri billi jiġu indirizzati id-djufijiet f'punti tal-fruntieri strateġiċi identifikati fl-analiżi tar-riskju msemmija fl-Artikolu 15.

2. Il-programm ta' ħidma annwali msemmi fl-Artikolu 7(3), għandu jistabbilixxi qafas għall-finanzjament ta' dawn l-azzjonijiet, inklużi l-objettivi u l-kriterji ta' evalwazzjoni.

3. Il-lista ta' l-azzjonijiet magħżulin għandha tiġi adottata skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 56(2).

4. L-assistenza finanzjarja mill-Fond għal azzjonijiet speċifiċi għandha tkun limitata għal perijodu ta' sitt xhur u m'għandiex teċċedi 80 % ta' l-ispiża ta' kull azzjoni.

5. Ir-riżorsi annwali disponibbli għal dawn l-azzjonijiet m'għandhomx jeċċedu EUR 10 miljun. Ir-riżorsi li jibqgħu disponibbli wara s-selezzjoni msemmija fil-paragrafu 3 jistgħu jintużaw biex jiġu ffinanzjati azzjonijiet kif stabbilit fl-Artikolu 7.

KAPITOLU IV

**PROGRAMMAZZJONI**

*Artikolu 20*

**Adozzjoni tal-linji gwida strateġiċi**

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta linji gwida strateġiċi li jistabbilixxu qafas għall-intervent tal-Fond, waqt li jittieħed kont tal-progress fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika dwar il-fruntieri esterni u l-viżi kif ukoll id-distribuzzjoni indikattiva tar-riżorsi finanzjarji tal-Fond għall-perijodu tal-programm pluriennali.

2. Għall-objettivi ġenerali msemmija fl-Artikolu 3(1) (a), (b) u (ċ), dawk il-linji gwida għandhom b'mod speċjali jagħtu effett lill-prijoritajiet tal-Komunità bil-ħsieb li jitkompla t-twaqqif gradwali tas-sistema Ewropea komuni integrata tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni u t-tisħiħ tal-kontrolli u s-sorveljanza tal-fruntieri esterni ta' l-Unjoni;

3. Għall-objettiv ġenerali msemmi fl-Artikolu 3, paragrafu 1, punt (d), dawk il-linji gwida għandhom b'mod speċjali jagħtu effett lill-prijoritajiet tal-Komunità bil-ħsieb li tkompli tiżviluppa l-politika komuni tagħha dwar il-viżi bħala parti minn sistema maqsuma f'diversi livelli li għandha l-għan li tħaffef l-ivvjaġġar leġittimu u li tittratta l-immigrazzjoni illegali billi tissaħħaħ il-prattika tat-trattament waqt missjonijiet konsulari lokali.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-linji gwida strateġiċi relatati mal-perijodu ta' programmazzjoni pluriennali sal-31 ta' Lulju 2007.

5. L-linji gwida strateġiċi għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 56(3). Ladarba jiġu adottati, dawn il-linji gwida strateġiċi, għandhom jiġu annessi mad-Deċiżjoni preżenti.

*Artikolu 21*

**It-tħejjija u l-approvazzjoni tal-programmi nazzjonali pluriennali**

1. Kull Stat Membru għandu jipproponi, abbażi tal-linji gwida strateġiċi msemmijin fl-Artikolu 20, abbozz ta' programm pluriennali li għandu jikkonsisti mill-elementi li ġejjin:

(a) deskrizzjoni tas-sitwazzjoni attwali f'dak l-Istat Membru rigward infrastruttura, tagħmir, mezzi ta' trasport, sistemi ta' ICT u arranġamenti għat-taħriġ u l-edukazzjoni għall-persunal li jaħdem mal-awtoritajiet tal-fruntieri u mal-awtoritajiet konsulari;

(b) analiżi tal-ħtiġiet fl-Istat Membru konċernat dwar l-infrastruttura, tagħmir, mezzi ta' trasport, sistemi ta' ICT u arranġamenti għat-taħriġ u l-edukazzjoni għall-persunal li jaħdem mal-awtoritajiet tal-fruntieri u mal-awtoritajiet konsulari, u indikazzjoni ta' l-objettivi ta' l-operat imfassla biex jintlaħqu dawk l-objettivi matul il-perijodu kopert bil-programm pluriennali;

(ċ) preżentazzjoni ta' strateġija xierqa biex jinkisbu dawk l-objettivi u l-prijoritajiet marbutin mal-kisba tagħhom, u deskrizzjoni ta' l-azzjonijiet previsti biex jiġu implimentati dawk il-prijoritajiet;

(d) indikazzjoni dwar jekk dik l-istrateġija hix kompatibbli ma' strumenti oħrajn reġjonali, nazzjonali u Komunitarji;

(e) informazzjoni dwar il-prijoritajiet u l-miri speċifiċi tagħhom. Dawk il-miri għandhom jiġu kwantifikati bl-użu ta' numru limitat ta' indikaturi, b'kont meħud tal-prinċipju ta' proporzjonalità. L-indikaturi għandhom jagħmluha possibbli li jitkejjel il-progress imqabbel mas-sitwazzjoni tal-bidu u l-effikaċja tal-miri li jimplimentaw il-prijoritajiet;

(f) deskrizzjoni ta' l-approċċ magħżul għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' sħubija stabbilit fl-Artikolu 12;

(g) abbozz ta' pjan ta' finanzjament li jistabbilixxi, għal kull prijorità u kull programm annwali, il-kontribut finanzjarju propost tal-Fond u l-ammont ġenerali ta' finanzjament konġunt pubbliku jew privat;

(h) id-dispożizzjonijiet stabbiliti biex jiġi żgurat li l-programm pluriennali jsir pubbliku.

2. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw l-abbozz tal-programm pluriennali tagħhom lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn erba' xhur wara li l-Kummissjoni tkun ipprovdiet il-linji gwida strateġiċi.

3. Sabiex tapprova l-abbozz tal-programm pluriennali, il-Kummissjoni għandha teżamina:

(a) il-konsistenza ta' l-abbozz tal-programm pluriennali ma' l-objettivi tal-Fond u l-linji gwida strateġiċi msemmija fl-Artikolu 20;

(b) ir-rilevanza ta' l-azzjonijiet previsti fl-abbozz tal-programm pluriennali fid-dawl ta' l-istrateġija li hija proposta;

(ċ) il-konformità ta' l-arranġamenti ta' ġestjoni u kontroll stabbiliti mill-Istat Membru għall-implimentazzjoni ta' l-interventi tal-Fond mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni;

(d) il-konformità ta' l-abbozz tal-programm pluriennali mal-liġi Komunitarja u b'mod partikolari mal-liġi Komunitarja li timmira li tiżgura l-moviment ħieles ta' persuni, flimkien mal-miżuri ta' appoġġ li huma relatati direttament fir-rigward tal-kontrolli tal-fruntieri esterni, l-ażil u l-immigrazzjoni.

4. Fejn il-Kummissjoni tqis li abbozz ta' programm pluriennali ma jkunx konsistenti mal-linji gwida strateġiċi u/jew ma jkunx jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni li tistabbilixxi s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll jew mal-liġi Komunitarja, hija għandha tistieden lill-Istat Membru kkonċernat biex jipprovdi l-informazzjoni addizzjonali kollha meħtieġa u, fejn xieraq, jirrevedi l-abbozz tal-programm pluriennali kif meħtieġ.

5. Il-Kummissjoni għandha tapprova kull programm pluriennali fi żmien tliet xhur mis-sottomissjoni formali tiegħu, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 56(2).

*Artikolu 22*

**Reviżjoni ta' programmi pluriennali**

1. Fuq l-inizjattiva ta' l-Istat Membru kkonċernat jew il-Kummissjoni, il-programm pluriennali għandu jiġi eżaminat mill-ġdid u, jekk ikun meħtieġ, rivedut għall-bqija tal-perijodu tal-programmazzjoni sabiex jikkunsidra aktar jew b'mod differenti l-prijoritajiet Komunitarji. Il-programmi pluriennali jistgħu jiġu eżaminati mill-ġdid fid-dawl ta' l-evalwazzjonijiet u/jew wara diffikultajiet fl-implimentazzjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li tapprova r-reviżjoni tal-programm pluriennali malajr kemm jista' jkun wara s-sottomissjoni formali ta' talba għal dan mill-Istat Membru kkonċernat. Ir-reviżjoni tal-programm pluriennali għandha ssir skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 56(2).

*Artikolu 23*

**Programmi annwali**

1. Il-programm pluriennali approvat mill-Kummissjoni għandu jiġi implimentat permezz ta' programmi annwali.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istati Membri, sa l-1 ta' Lulju ta' kull sena, stima ta' l-ammonti li għandhom jiġu allokati lilhom għas-sena ta' wara mit-total ta' approprijazzjonijiet allokati taħt il-proċedura baġitarja annwali, ikkalkolati kif previst fl-Artikolu 14.

3. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni, sa l-1 ta' Novembru ta' kull sena, abbozz ta' programm annwali għas-sena ta' wara, stabbilit skond il-programm pluriennali u li jikkonsisti mill-elementi li ġejjin:

(a) ir-regoli ġenerali għall-għażla tal-proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati taħt il-programm annwali;

(b) deskrizzjoni ta' l-azzjonijiet li għandhom jiġu appoġġati taħt il-programm annwali;

(ċ) it-tqassim finanzjarju propost tal-kontribut tal-Fond bejn id-diversi azzjonijiet tal-programm u indikazzjoni ta' l-ammont mitlub biex ikopri l-assistenza teknika taħt l-Artikolu 18 għall-fini ta' l-implimentazzjoni tal-programm annwali.

4. Meta teżamina l-abbozz tal-programm annwali ta' Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tqis l-ammont finali ta' l-approprjazzjonijiet allokati għall-Fond taħt il-proċedura baġitarja.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat, fi żmien xahar mill-preżentazzjoni formali ta' l-abbozz tal-programm annwali, dwar jekk jistax jiġi approvat. Jekk l-abbozz tal-programm annwali ma jkunx konsistenti mal-programm pluriennali, il-Kummissjoni għandha titlob lil dak l-Istat Membru biex jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa u, fejn xieraq, biex jirrevedi l-abbozz tal-programm annwali propost kif meħtieġ.

Il-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjoni tal-finanzjament, li tapprova l-programm annwali, sa l-1 ta' Marzu tas-sena kkonċernata. Id-deċiżjoni għandha tindika l-ammont allokat lill-Istat Membru kkonċernat u l-perijodu li għalih l-infiq huwa eliġibbli.

5. Biex jitqiesu s-sitwazzjonijiet ta' emerġenza debitament issostanzjati li ma jkunux previsti fiż-żmien ta' l-approvazzjoni tal-programm annwali u li jkunu jeħtieġu azzjoni urġenti, Stat Membru jista' jirrevedi sa 10 % tat-tqassim finanzjarju tal-kontribut mill-Fond bejn id-diversi azzjonijiet elenkati fil-programm annwali jew jalloka sa 10 % tat-tqassim bejn l-azzjonijiet oħrajn skond din id-Deċiżjoni. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar il-programm annwali rivedut.

*Artikolu 24*

**Reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-programm pluriennali**

1. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-linji gwida strateġiċi u fejn meħtieġ, tadotta linji gwida strateġiċi riveduti sal-31 ta' Marzu 2010 għall-perijodu mill-2011 sa l-2013.

2. Jekk jiġu adottati tali linji gwida strateġiċi riveduti, kull Stat Membru għandu jeżamina l-programm pluriennali tiegħu mill-ġdid u fejn xieraq, jirrevedih.

3. Ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 21 dwar it-tħejjija u l-approvazzjoni tal-programmi pluriennali nazzjonali għandhom japplikaw mutatis mutandis għat-tħejjija u l-approvazzjoni ta' dawn il-programmi pluriennali riveduti.

4. Il-linji gwida strateġiċi riveduti għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 56(3).

KAPITOLU V

**SISTEMI TA' ĠESTJONI U KONTROLL**

*Artikolu 25*

**Implimentazzjoni**

Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għandha tadotta tali regoli ta' implimentazzjoni li jistgħu jkunu meħtieġa.

*Artikolu 26*

**Prinċipji ġenerali tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll**

Is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-programmi pluriennali stabbiliti mill-Istati Membri għandhom jipprovdu:

(a) għad-definizzjoni tal-funzjonijiet tal-korpi konċernati fil-ġestjoni u l-kontroll u l-allokazzjoni tal-funzjonijiet fi ħdan kull korp;

(b) għar-rispett tal-prinċipju ta' separazzjoni tal-funzjonijiet bejn u fi ħdan tali korpi;

(ċ) għal riżorsi adegwati għal kull korp biex iwettaq il-funzjonijiet li jkunu ġew allokati lilu matul il-perijodu kollu ta' l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet kofinanzjati mill-Fond;

(d) għal proċeduri biex tiġi żgurata l-korrettezza u r-regolarità ta' l-infiq iddikjarat taħt il-programmi annwali;

(e) għal sistemi affidabbli ta' kontabilità, monitoraġġ u rappurtar finanzjarju f'forma kompjuterizzata;

(f) għal sistema ta' rappurtar u monitoraġġ fejn il-korp responsabbli jafda t-twettiq tal-kompiti lil korp ieħor;

(g) għal manwali tal-proċeduri fir-rigward tal-funzjonijiet li għandhom jitwettqu;

(h) għal arranġamenti għall-verifika tat-tħaddim tas-sistema;

(i) għal sistemi u proċeduri biex jiġi żgurat rekord ta' verifika adegwat;

(j) għal proċeduri ta' rappurtar u monitoraġġ għal irregolaritajiet u għall-irkupru ta' ammonti mħallsin indebitament.

*Artikolu 27*

**Ħatra ta' awtoritajiet**

1. Għall-implimentazzjoni tal-programm pluriennali u l-programmi annwali tiegħu l-Istat Membru għandu jaħtar dawn li ġejjin:

(a) awtorità responsabbli: korp funzjonali ta' l-Istat Membru, awtorità pubblika nazzjonali jew korp maħtur mill-Istat Membru jew korp regolat mil-liġi privata ta' l-Istat Membru u li għandu missjoni ta' servizz pubbliku, li se jkun responsabbli għall-ġestjoni tal-programm pluriennali u programmi annwali appoġġati mill-Fond u li għandu jittratta l-komunikazzjonijiet kollha mal-Kummissjoni;

(b) awtorità ta' ċertifikazzjoni: korp jew awtorità pubblika nazzjonali, jew individwu li jaġixxi bħala tali korp jew awtorità, maħtur mill-Istat Membru biex jiċċertifika d-dikjarazzjonijiet ta' l-infiq qabel ma jintbagħtu lill-Kummissjoni;

(ċ) awtorità ta' verifika: awtorità jew korp pubbliku nazzjonali, sakemm jitħaddem b'mod indipendenti mill-awtorità responsabbli u mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni, magħżul mill-Istat Membru u responsabbli għall-verifika tat-tħaddim effettiv tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll;

(d) fejn xieraq, awtorità delegata.

2. L-Istat Membru għandu jistabbilixxi regoli li jirregolaw ir-relazzjonijiet tiegħu ma' l-awtoritajiet imsemmijin fil-paragrafu 1 u r-relazzjonijiet tagħhom mal-Kummissjoni.

3. Soġġett għall-Artikolu 26, punt (b), uħud mill-awtoritajiet imsemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jew kollha kemm huma jistgħu jkunu fi ħdan l-istess korp.

4. Ir-regoli għall-implimentazzjoni ta' l-Artikoli 28 sa 32 għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 56(2).

*Artikolu 28*

**L-Awtorità responsabbli**

1. L-awtorità responsabbli għandha tissodisfa l-kondizzjonijiet minimi li ġejjin. Hija għandha:

(a) jkollha personalità ġuridika, ħlief fejn ikun korp funzjonali ta' l-Istat Membru;

(b) jkollha l-infrastruttura meħtieġa biex tikkomunika b'mod faċli ma' sensiela wiesgħa ta' utenti u ma' korpi responsabbli fl-Istati Membri l-oħrajn u mal-Kummissjoni;

(ċ) taħdem f'kuntest amministrattiv li jkun jippermettilha li twettaq il-kompiti tagħha b'mod korrett u li jkun evitat kwalunkwe kunflitt ta' interess;

(d) tkun f'pożizzjoni li tapplika r-regoli ta' ġestjoni tal-fond Komunitarju;

(e) jkollha kapaċitajiet finanzjarji u ta' ġestjoni li jkunu proporzjonati għall-volum tal-fondi Komunitarji li hija jkollha tamministra;

(f) jkollha għad-dispożizzjoni tagħha persunal bi kwalifiki professjonali xierqa għal xogħol amministrattiv f'ambjent internazzjonali.

2. L-Istat Membru għandu jipprovdi lill-awtorità responsabbli bil-finanzjament adegwat biex hija tkun tista' tkompli twettaq il-kompiti tagħha sew matul il-perijodu kollu mill-2007 sa l-2013.

3. Il-Kummissjoni tista tassisti lill-Istati Membri fit-taħriġ tal-persunal, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-applikazzjoni korretta tal-Kapitoli V sa IX.

*Artikolu 29*

**Kompiti ta' l-awtorità responsabbli**

1. L-awtorità responsabbli għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-programm pluriennali skond il-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja soda.

Hija għandha b'mod partikolari:

(a) tikkonsulta l-imsieħba skond l-Artikolu 12;

(b) tippreżenta lill-Kummissjoni proposti għall-programmi pluriennali u annwali li għalihom jirreferu l-Artikoli 21 u 23;

(ċ) torganizza u tirreklama sejħiet għal offerti u proposti, jekk xieraq;

(d) torganizza l-għażla ta' proġetti għall-finanzjament konġunt ta' azzjonijiet taħt il-Fond skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 16(5);

(e) tirċievi l-ħlasijiet imwettqa mill-Kummissjoni, u tħallas lill-benefiċjarji finali;

(f) tiżgura konsistenza u komplementarjetà bejn il-finanzjament konġunt taħt il-Fond u minn strumenti finanzjarji nazzjonali u Komunitarji rilevanti oħrajn;

(g) tissorvelja l-kunsinna tal-prodotti u s-servizzi kofinanzjati u tikkontrolla li l-infiq iddikjarat għall-azzjonijiet ikun fil-fatt sar u jkun konformi mar-regoli Komunitarji u nazzjonali;

(h) tiżgura li jkun hemm sistema ta' reġistrazzjoni u ħażna f'rekords ta' kontabilità ta' forma kompjuterizzata għal kull azzjoni taħt il-programmi annwali u li d-data dwar l-implimentazzjoni li tkun meħtieġa għall-ġestjoni, il-monitoraġġ, il-kontroll u l-evalwazzjoni finanzjarja tinġabar;

(i) tiżgura li l-benefiċjarji finali u l-korpi l-oħra involuti fl-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet kofinanzjati mill-Fond iżommu sistema ta' kontabilità separata jew kodiċi adegwat ta' kontabilità għat-transazzjonijiet kollha relatati ma' l-azzjoni mingħajr ħsara għar-regoli nazzjonali tal-kontabilità;

(j) tiżgura li l-evalwazzjonijiet tal-Fond imsemmijin fl-Artikolu 51 jitwettqu fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 52 (2) u jkunu jilħqu l-istandards ta' kwalità miftiehma bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru;

(k) tistabbilixxi proċeduri li jiżguraw li d-dokumenti kollha dwar l-infiq u l-verifika meħtieġa biex ikun żgurat rekord adegwat ta' verifika, jinżammu skond il-ħtiġijiet imsemmijin fl-Artikolu 45;

(l) tiżgura li l-awtorità ta' verifika tirċievi, għall-finijiet tat-twettiq tal-verifiki definiti fl-Artikolu 32(1), l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-proċeduri ta' ġestjoni li jkunu qed jiġu applikati u dwar il-proġetti kofinanzjati mill-Fond;

(m) tiżgura li l-awtorità ta' ċertifikazzjoni tirċievi l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-proċeduri u l-verifiki li jitwettqu fir-rigward tan-nefqa għall-fini ta' ċertifikazzjoni;

(n) tfassal u tippreżenta lill-Kummissjoni rapporti ta' progress u rapporti finali dwar l-implimentazzjoni tal-programmi annwali, dikjarazzjonijiet ta' l-infiq iċċertifikati mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni u talbiet għal ħlas, jew, fejn ikun xieraq, dikjarazzjonijiet ta' rimborż;

(o) twettaq attivitajiet ta' informazzjoni u konsultattivi u xxerred ir-riżultati ta' l-azzjonijiet appoġġati;

(p) tikkoopera mal-Kummissjoni u ma' l-awtoritajiet responsabbli fl-Istati Membri l-oħrajn;

(q) tivverifika l-implimentazzjoni mill-benefiċjarji finali tal-linji gwida msemmija fl-Artikolu 35(6).

2. L-attivitajiet ta' ġestjoni ta' l-awtorità responsabbli għall-proġetti implimentati fl-Istati Membri jistgħu jiġu ffinanzjati taħt l-arranġamenti ta' assistenza teknika msemmijin fl-Artikolu 18.

*Artikolu 30*

**Delegazzjoni ta' kompiti mill-awtorità responsabbli**

1. Fejn il-kompiti kollha ta' l-awtorità responsabbli, jew uħud minnhom, jiġu delegati lil awtorità delegata, l-awtorità responsabbli għandha tiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-kompiti delegati, u tistabbilixxi proċeduri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-kompiti delegati, li għandhom ikunu konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 28.

2. Dawn il-proċeduri għandhom jinkludu l-għoti ta' informazzjoni regolari lill-awtorità responsabbli dwar il-prestazzjoni effettiva tal-kompiti delegati u deskrizzjoni tal-mezzi li jkunu ntużaw.

*Artikolu 31*

**Awtorità ta' ċertifikazzjoni**

1. L-awtorità ta' ċertifikazzjoni għandha:

(a) tiċċertifika li:

(i) id-dikjarazzjoni ta' l-infiq hija preċiża, tirriżulta minn sistemi ta' kontabilità affidabbli u hija bbażata fuq dokumenti ta' appoġġ verifikabbli,

(ii) l-infiq iddikjarat ikun konformi mar-regoli Komunitarji u nazzjonali applikabbli u jkun sar għall-azzjonijiet magħżulin skond il-kriterji applikabbli għall-programm u li jkunu konformi mar-regoli Komunitarji u nazzjonali;

(b) tiżgura għall-finijiet ta' ċertifikazzjoni li tkun irċeviet informazzjoni adegwata mill-awtorità responsabbli dwar il-proċeduri u l-verifiki mwettqa fir-rigward ta' l-infiq inkluż fid-dikjarazzjonijiet ta' l-infiq;

(ċ) tieħu kont għall-finijiet taċ-ċertifikazzjoni tar-riżultati tal-verifiki kollha li jkunu twettqu minn jew taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtorità ta' verifika;

(d) iżżomm rekords ta' kontabilità f'forma kompjuterizzata ta' l-infiq iddikjarat lill-Kummissjoni;

(e) tivverifika l-irkupru ta' kwalunkwe finanzjament Komunitarju li jinstab li tħallas indebitament bħala riżultat ta' irregolaritajiet li jiġu identifikati, flimkien ma' l-imgħax fejn ikun il-każ;

(f) iżżomm kont ta' l-ammonti rekuperabbli u tħallas lura lill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea l-ammonti rkuprati, fejn huwa possibbli billi dawn jitnaqqsu mid-dikjarazzjoni ta' l-infiq li jmiss.

2. L-attivitajiet ta' l-awtorità ta' ċertifikazzjoni relatati mal-proġetti implimentati fl-Istati Membri jistgħu jiġu ffinanzjati taħt l-arranġamenti ta' l-assistenza teknika msemmija fl-Artikolu 18, sakemm il-prerogattivi ta' din l-awtorità, kif deskritt fl-Artikolu 27, jiġu rispettati.

*Artikolu 32*

**Awtorità ta' Verifika**

1. L-awtorità ta' verifika għandha:

(a) tiżgura li l-verifiki jitwettqu biex jiġi verifikat it-tħaddim effettiv tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll;

(b) tiżgura li jsiru l-verifiki ta' l-azzjonijiet abbażi ta' kampjun xieraq biex tivverifika l-infiq iddikjarat; il-kampjun għandu jirrappreżenta mill-inqas 10 % ta' l-infiq eliġibbli kollu għal kull programm annwali;

(ċ) tippreżenta lill-Kummissjoni, fi żmien sitt xhur mill-approvazzjoni tal-programm pluriennali, strateġija ta' verifika li tkopri l-korpi li se jwettqu l-verifiki msemmijin taħt il-punti (a) u (b), b'hekk jiġi tiżgura li l-benefiċjarji ewlenin tal-finanzjament konġunt mill-Fond jiġu verifikati, u li l-verifiki jkunu mifruxin b'mod uniformi matul il-perijodu kollu tal-programmazzjoni.

2. Fejn l-awtorità ta' verifika maħtura taħt din id-deċiżjoni tkun ukoll l-awtorità ta' verifika maħtura taħt id-Deċiżjonijiet Nru 573/2007/KE, Nru 575/2007/KE u 2007/.../KE jew fejn sistemi komuni jkunu japplikaw għal tnejn minn dawn il-Fondi jew aktar, tista' tiġi sottomessa strateġija unika kombinata ta' verifika taħt il-punt (ċ) tal-paragrafu 1.

3. Għal kull programm annwali, l-awtorità ta' verifika għandha tabbozza rapport li għandu jinkludi:

(a) rapport ta' verifika annwali li jistabbilixxi r-riżultati tal-verifiki li jkunu twettqu skond l-istrateġija ta' verifika fir-rigward tal-programm annwali u li jirrapporta kwalunkwe nuqqasijiet li jkunu instabu fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-programm;

(b) opinjoni, abbażi tal-kontrolli u l-verifiki li jkunu saru taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtorità ta' verifika, dwar jekk it-tħaddim tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll tipprovdix assigurazzjoni raġonevoli li d-dikjarazzjonijiet ta' l-infiq ippreżentati lill-Kummissjoni huma korretti u li t-transazzjonijiet sottostanti huma legali u regolari;

(ċ) dikjarazzjoni li tivvaluta l-validità tat-talba għall-ħlas jew dikjarazzjoni ta' rimborż tal-bilanċ finali u l-legalità u r-regolarità ta' l-infiq konċernat.

4. L-awtorità ta' verifika għandha tiżgura li l-ħidma ta' verifika tqis l-istandards ta' verifika aċċettati internazzjonalment.

5. Il-verifika relatata mal-proġetti implimentati fl-Istati Membri jistgħu jiġu ffinanzjati taħt l-arranġamenti ta' assistenza teknika

msemmija fl-Artikolu 18, sakemm il-prerogattivi ta' l-awtorità tal-verifika, kif deskritt fl-Artikolu 27, jiġu rispettati.

KAPITOLU VI

**RESPONSABBILTAJIET U KONTROLLI**

*Artikolu 33*

**Responsabbiltajiet ta' l-Istati Membri**

1. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli biex jiżguraw amministrazzjoni finanzjarja soda tal-programmi pluriennali u annwali u l-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet sottostanti.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet responsabbli u kwalunkwe awtorità delegata, l-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni, l-awtoritajiet ta' verifika u kwalunkwe korp ieħor konċernat jirċievu gwida adegwata dwar l-istabbiliment tassistemi ta' ġestjoni u kontroll msemmijin fl-Artikoli 26 sa 32 biex jiġi żgurat li l-finanzjament Komunitarju jintuża b'mod effiċjenti u korrett.

3. L-Istati Membri għandhom jimpedixxu, jidentifikaw u jikkoreġu l-irregolaritajiet. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dawn, u jżommu lill-Kummissjoni informata dwar il-progress li jkun sar fil-proċedimenti amministrattivi u legali.

Meta ammonti mħallsa indebitament lil benefiċjarju finali ma jkunux jistgħu jiġu rkuprati, l-Istat Membru kkonċernat għandu jkun responsabbli biex iħallas lura l-ammonti mitlufin lill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea meta jiġi stabbilit li t-telf ikun iġġarrab minħabba nuqqas jew negliġenza tiegħu.

4. L-Istati Membri għandhom ikunu primarjament responsabbli għall-kontroll finanzjarju ta' l-azzjonijiet u għandhom jiżguraw li s-sistemi u l-verifiki ta' ġestjoni u kontroll jiġu implimentati b'tali mod li jiggarantixxi li l-fondi Komunitarji jintużaw sew u b'mod effettiv. Dawn għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'deskrizzjoni ta' dawn is-sistemi.

5. Ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 sa 4 għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 56(2).

*Artikolu 34*

**Sistemi ta' ġestjoni u kontroll**

1. Qabel l-approvazzjoni mill-Kummissjoni tal-programm pluriennali, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 56(2), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll ikunu ġew stabbiliti skond l-Artikoli 26 sa 32. Huma għandhom ikunu responsabbli biex jiżguraw li s-sistemi jaħdmu b'mod effettiv matul il-perijodu kollu tal-programmazzjoni.

2. Flimkien ma' l-abbozz tal-programm pluriennali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni deskrizzjoni ta' l-organizzazzjoni u l-proċeduri ta' l-awtoritajiet responsabbli, l-awtoritajiet delegati u l-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni, u s-sistemi ta' verifika interni li jkunu qed jitħaddmu f'dawk l-awtoritajiet u l-korpi, fl-awtorità ta' verifika, u fi kwalunkwe korp ieħor li jwettaq il-verifiki taħt ir-responsabbiltà tagħha.

3. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni fil-kuntest tat-tħejjija tar-rapport għall-perijodu mill-2007 sa l-2010 imsemmi fl-Artikolu 52(3).

*Artikolu 35*

**Responsabbiltajiet tal-Kummissjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha taċċerta, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 34, li l-Istati Membri jkunu stabbilixxew sistemi ta' ġestjoni u kontroll li jkunu konformi ma' l-Artikoli 26 sa 32, u abbażi tar-rapporti dwar verifiki annwali u l-verifiki tagħha stess, li dawn is-sistemi jitħaddmu b'mod effettiv matul il-perijodu tal-programmazzjoni.

2. Mingħajr ħsara għall-verifiki mwettqa mill-Istati Membri, l-uffiċjali tal-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti awtorizzati tal-Kummissjoni jistgħu jwettqu kontrolli fuq il-post biex jivverifikaw it-tħaddim effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, li jistgħu jinkludu verifiki ta' azzjonijiet inklużi fil-programmi annwali, b'avviż ta' mill-inqas tliet ijiem ta' xogħol. L-uffiċjali u r-rappreżentanti awtorizzati ta' l-Istat Membru kkonċernat jistgħu jieħdu sehem f'tali verifiki.

3. Il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru jwettaq kontrolli fuq il-post biex jivverifika t-tħaddim korrett tas-sistemi jew il-korrettezza ta' transazzjoni waħda jew aktar. Uffiċjali tal-Kummissjoni jew rappreżentanti awtorizzati tal-Kummissjoni jistgħu jieħdu sehem f'tali kontrolli.

4. Il-Kummissjoni, flimkien ma' l-Istati Membri, għandha tiżgura li l-azzjonijiet appoġġati mill-Fond jingħataw informazzjoni, pubbliċità u segwitu xierqa.

5. Il-Kummissjoni, flimkien ma' l-Istati Membri, għandha tiżgura li l-azzjonijiet ikunu konsistenti ma', u komplementari għal, linji politiċi, strumenti u inizjattivi Komunitarji rilevanti oħrajn.

6. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi linji gwida biex tiżgura l-viżibbiltà tal-finanzjament mogħti taħt din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 36*

**Kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet tal-verifika ta' l-Istati Membri**

1. Il-Kummissjoni għandha tikkoopera ma' l-awtoritajiet ta' verifika biex tikkoordina l-pjanijiet ta' verifika u l-metodi rispettivi tagħhom u għandha minnufih tiskambja r-riżultati tal-verifiki mwettqin fuq is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll sabiex isir l-aħjar użu possibbli tar-riżorsi ta' kontroll u biex jiġi evitat xogħol dupplikat mhux ġustifikat.

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-kummenti tagħha dwar l-istrateġija ta' verifika ppreżentata taħt l-Artikolu 32 sa mhux aktar tard minn tliet xhur minn meta tirċeviha.

2. Meta tiddetermina l-istrateġija ta' verifika tagħha, il-Kummissjoni għandha tidentifika dawk il-programmi annwali li hija tikkunsidra sodisfaċenti abbażi ta' l-għarfien eżistenti tagħha tas-sistemi ta' tmexxija u kontroll.

Għal dawk il-programmi, il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li hija tista' tafda prinċipalment fl-evidenza ta' verifika pprovduta mill-

Istati Membri u li hija ser twettaq il-kontrolli tagħha fuq il-post biss jekk ikun hemm evidenza li tissuġġerixxi nuqqasijiet fis-sistemi.

KAPITOLU VII

## ĠESTJONI FINANZJARJA

*Artikolu 37*

### Eliġibbiltà – dikjarazzjonijiet ta' l-infiq

1. Id-dikjarazzjonijiet kollha ta' l-infiq għandhom jinkludu l-ammont ta' l-infiq li jkun sar mill-benefiċjarji finali biex jimplimentaw l-azzjonijiet u l-kontribuzzjoni li tikkorrespondi mill-fondi pubbliċi jew privati.

2. In-nefqa għandha tkun tikkorrispondi għall-pagamenti li jkunu saru mill-benefiċjarji finali. Din għandha tkun ġustifikata b'fatturi mmarkati bħala mħallsa jew b'dokumenti ta' kontabilità ta' valur evidenzjali ekwivalenti.

3. In-nefqa tista' tiġi kkunsidrat bħala eliġibbli għal appoġġ mill-Fond biss jekk tiġi effettivament imħallsa mhux qabel l-1 ta' Jannar tas-sena msemmija fid-deċiżjoni ta' finanzjament, li tapprova l-programm annwali msemmi fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 23(4). L-azzjonijiet ko-finanzjati m'għandhomx ikunu tlestew qabel id-data tal-bidu għall-eliġibbiltà.

B'eċċezzjoni, il-perijodu li għalih l-infiq hu eliġibbli għandu jkun iffissat għal tliet snin għall-infiq li jimplimenta l-azzjonijiet appoġġati taħt il-programmi annwali ta' l-2007.

4. Ir-regoli li jirregolaw l-eliġibbiltà tan-nefqa fil-qafas ta' l-azzjonijiet implimentati li jkunu ko-finanzjati mill-Fond fl-Istati Membri taħt l-Artikolu 4 għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 56(2).

*Artikolu 38*

### Kompletezza ta' ħlas lil benefiċjarji finali

L-Istati Membri għandhom jaċċertaw li l-awtorità responsabbli tiżgura li l-benefiċjarji finali jirċievu l-ammont totali tal-kontribut mill-fondi pubbliċi malajr kemm jista' jkun. L-ebda ammont m'għandu jitnaqqas jew jinżamm, lanqas m'għandha titħallas xi spiża speċifika ulterjuri jew spiża oħra b'effett ekwivalenti li tnaqqas dawn l-ammonti għall-benefiċjarji finali, sakemm il-benefiċjarji finali jissodisfaw il-ħtiġijiet kollha rigward l-eleġibbiltà ta' l-azzjonijiet u l-ispejjeż.

*Artikolu 39*

### Użu tal-euro

1. L-ammonti stabbiliti fl-abbozz tal-programmi pluriennali u annwali ta' l-Istati Membri msemmijin fl-Artikoli 21 u 23 rispettivament, id-dikjarazzjonijiet iċċertifikati ta' l-infiq, it-talbiet għal ħlas imsemmijin fl-Artikolu 29(1), punt (n) u l-infiq imsemmi fir-rapporti ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali msemmijin fl-Artikolu 41(4) u r-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali msemmi fl-Artikolu 53 għandhom jidhru f'euro.

2. Id-deċiżjonijiet ta' finanzjament tal-Kummissjoni li japprovaw il-programmi annwali ta' l-Istati Membri msemmijin fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 23(4), l-impenji tal-Kummissjoni u l-ħlasijiet tal-Kummissjoni għandhom jidhru u jitwettqu f'euros.

3. L-Istati Membri li m'adottawx il-euro bħala l-munita tagħhom fid-data tat-talba għall-ħlas għandhom jibdlu f'euro l-ammonti ta' l-infiq li jsir fil-munita nazzjonali. Dan l-ammont għandu jiġi konvertit f'euro bl-użu tar-rata tal-kambju tal-kontabilità mensili tal-Kummissjoni fix-xahar li matulu l-infiq jiddaħħal fil-kontijiet ta' l-awtorità responsabbli tal-programm konċernat. Din ir-rata għandha tiġi ppubblikata elettronikament kull xahar mill-Kummissjoni.

4. Meta l-euro ssir il-munita ta' Stat Membru, il-proċedura ta' konverżjoni stabbilita fil-paragrafu 3 għandha tkompli tapplika għall-infiq kollu rreġistrat fil-kontijiet mill-awtorità ta' ċertifikazz-
joni qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tar-rata fissa ta' konverżjoni bejn il-munita nazzjonali u l-euro.

*Artikolu 40*

### Impenji

L-impenji baġitarji Komunitarji għandhom isiru kull sena abbażi tad-deċiżjoni ta' finanzjament tal-Kummissjoni, li tapprova l-programm annwali msemmi fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 23(4).

*Artikolu 41*

### Ħlasijiet – Finanzjament minn qabel

1. Ħlasijiet mill-Kummissjoni tal-kontribut mill-Fond għandhom isiru skond l-impenji baġitarji.

2. Il-ħlasijiet għandhom ikunu f'forma ta' finanzjament minn qabel u ta' ħlas tal-bilanċ. Huma għandhom isiru lill-awtorità responsabbli maħtura mill-Istat Membru.

3. L-ewwel ħlas ta' finanzjament minn qabel li jirrappreżenta 50 % ta' l-ammont allokat fid-deċiżjoni ta' finanzjament li tapprova l-programm annwali għandu jsir lill-Istat Membru fi żmien sittin jum wara l-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni.

4. It-tieni ħlas ta' finanzjament minn qabel għandu jsir sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara li l-Kummissjoni tkun approvat, fi żmien xahrejn mis-sottomissjoni formali ta' talba għal ħlas minn Stat Membru, rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali u dikjarazzjoni ċertifikata ta' l-infiq imfassal skond l-Artikoli 31(1)(a) u l-Artikolu 37 li jammonta għal mill-inqas 60 % ta' l-ammont tal-ħlas inizjali.

L-ammont tat-tieni ħlas ta' finanzjament minn qabel imwettaq mill-Kummissjoni m'għandux jaqbeż 50 % ta' l-ammont totali allokat mid-deċiżjoni ta' finanzjament, li tapprova l-programm annwali u, fi kwalunkwe każ, fejn Stat Membru impenja nazzjonalment ammont inqas mill-ammont indikat fid-deċiżjoni ta' finanzjament, li tapprova l-programm annwali, il-bilanċ ta' l-ammont tal-fondi Komunitarji li kien fil-fatt impenjat mill-Istat

Membru għall-proġetti magħżulin taħt il-programm annwali bit-tnaqqis ta' l-ewwel ħlas ta' finanzjament minn qabel.

5. Kull imgħax iġġenerat mill-ħlasijiet ta' finanzjament minn qabel għandhom jiġu assenjati lill-programm annwali konċernat, filwaqt li jitqiesu bħala riżors għall-Istat Membru bħala kontribut pubbliku nazzjonali u għandhom jiġu ddikjarati lill-Kummissjoni fiż-żmien tad-dikjarazzjoni ta' l-infiq rigward ir-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali kkonċernat.

6. L-ammonti mħallsin bħala finanzjament minn qabel għandhom jitħallsu mill-kontijiet meta l-programm annwali jintemm.

*Artikolu 42*

**Ħlasijiet tal-bilanċ**

1. Il-Kummissjoni għandha tħallas il-bilanċ sakemm tkun irċeviet id-dokumenti li ġejjin sa mhux aktar tard minn disa' xhur wara l-iskadenza ta' l-eleġibbiltà għall-infiq stabbilit fid-deċiżjoni ta' finanzjament, li tapprova l-programm annwali:

(a) dikjarazzjoni ċertifikata ta' l-infiq u talba għall-ħlas tal-bilanċ jew dikjarazzjoni tar-rimborż debitament imfassla skond l-Artikolu 31(1) (a) u l-Artikolu 37;

(b) ir-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali kif stabbilit fl-Artikolu 53;

(ċ) ir-rapport ta' verifika annwali, l-opinjoni u d-dikjarazzjoni previsti fl-Artikolu 32(3).

Il-ħlas tal-bilanċ għandu jkun soġġett għall-aċċettazzjoni tar-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali u d-dikjarazzjoni li tevalwa l-validità tat-talba għall-ħlas tal-bilanċ.

2. Jekk l-awtorità responsabbli tonqos milli tipprovdi d-dokumenti meħtieġa fil-paragrafu 1 sad-data ta' l-għeluq u f'forma aċċettabbli, il-Kummissjoni għandha tħassar kwalunkwe parti mill-impenn tal-baġit tal-programm annwali korrispondenti li ma tkunx intużat għall-ħlas tal-finanzjament minn qabel.

3. Il-proċedura ta' kanċellazzjoni awtomatika mfissra fil-paragrafu 2 għandha tiġi sospiża, għall-ammont tal-proġetti konċernati, fejn proċedimenti legali jew appell amminstrattiv li jkollu effetti ta' sospensjoni jkunu għadhom għaddejjin fil-livell ta' Stat Membru meta d-dokumenti definiti fil-paragrafu 1 jiġu ppreżentati. L-Istat Membru, fir-rapport finali li jkun ġie ppreżentat, għandu jagħti informazzjoni dettaljata dwar tali proġetti, u jibgħat rapporti dwar progress li jkun sar fir-rigward ta' dawn il-proġetti kull sitt xhur. Fi żmien tliet xhur mill-konklużjoni tal-proċedimenti legali jew il-proċedura ta' appell amministrattiv, l-Istat Membru għandu jippreżenta d-dokumenti meħtieġa fil-paragrafu 1 għall-proġetti kkonċernati.

4. Il-perijodu ta' disa' xhur msemmi fil-paragrafu 1 għandu jieqaf milli jiddekorri jekk il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni li tissospendi l-ħlasijiet tal-finanzjament konġunt għall-programm annwali rilevanti skond l-Artikolu 44. Il-perijodu għandu jerġa' jibda għaddej mid-data meta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 44(3) tkun ġiet notifikata lill-Istat Membru.

5. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 43, fi żmien sitt xhur mir-riċeviment tad-dokumenti msemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istat Membru dwar l-ammont ta' l-infiq rikonoxxut mill-Kummissjoni bħala li għandu jitħallas mill-Fond, u dwar kwalunkwe korrezzjoni finanzjarja li tkun ġejja mid-differenza bejn l-infiq iddikjarat u l-infiq rikonoxxut. L-Istat Membru għandu jingħata tliet xhur biex jippreżenta l-kummenti tiegħu.

6. Fi żmien tliet xhur mir-riċeviment tal-kummenti ta' l-Istat Membru, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-ammont ta' l-infiq rikonoxxut bħala li għandu jitħallas mill-Fond, u tirkupra l-bilanċ li jkun ġej mid-differenza bejn l-infiq finali rikonoxxut u s-somom li jkunu diġà tħallsu lil dak l-Istat Membru.

7. Soġġett għall-fondi disponibbli, il-Kummissjoni għandha tħallas il-bilanċ f'mhux iktar minn sittin jum mid-data li fiha din taċċetta d-dokumenti msemmijin fil-paragrafu 1. Il-bilanċ ta' l-impenn baġitarju għandu jiġi diżimpenjat fi żmien sitt xhur wara l-ħlas.

*Artikolu 43*

**Żamma tal-ħlas**

1. Il-ħlas għandu jinżamm mill-uffiċjal ta' awtorizzazzjoni b'delega skond it-tifsira tar-Regolament Finanzjarju għal perijodu massimu ta' sitt xhur jekk:

(a) f'rapport ta' korp ta' verifika nazzjonali jew Komunitarju jkun hemm provi li jissuġġerixxu defiċjenza sinifikattiva fit-tħaddim tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll;

(b) dak l-uffiċjal ikollu jwettaq verifiki addizzjonali wara li tkun ġiet għall-attenzjoni tiegħu 'informazzjoni li turieh li l-infiq f'dikjarazzjoni ċertifikata ta' l-infiq hija marbuta ma' irregolarità serja li ma ġietx ikkorreġuta.

2. L-Istat Membru u l-awtorità responsabbli għandhom jiġu informati minnufih dwar ir-raġunijiet għaż-żamma tal-pagament. Il-ħlas għandu jinżamm hekk kif l-Istat Membru jkun ħa l-miżuri meħtieġa.

*Artikolu 44*

**Sospensjoni tal-ħlasijiet**

1. Il-ħlasijiet kollha tal-finanzjament minn qabel u tal-bilanċ, jew parti minnhom, jistgħu jiġu sospiżi mill-Kummissjoni meta:

(a) jkun hemm nuqqas serju fis-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-programm li jaffettwa l-affidabbiltà tal-proċedura għaċ-ċertifikazzjoni tal-ħlasijiet u li għalih ma jkunux ittieħdu miżuri korrettivi; jew

(b) l-infiq f'dikjarazzjoni ċertifikata ta' infiq ikun marbut ma' irregolarità serja li ma tkunx ġiet ikkorreġuta; jew

(ċ) Stat Membru ma jkunx ikkonforma ma' l-obbligi tiegħu taħt l-Artikoli 33 u 34.

2. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tissospendi l-ħlasijiet tal-finanzjament minn qabel u tal-bilanċ wara li tkun tat l-opportunità lill-Istat Membru biex jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu f'perijodu ta' tliet xhur.

3. Il-Kummissjoni għandha ttemm is-sospensjoni tal-ħlasijiet tal-finanzjament minn qabel u tal-bilanċ meta din tqis li l-Istat Membru jkun ħa l-miżuri meħtieġa kollha biex is-sospensjoni tkun tista' titneħħa.

4. Fejn l-Istat Membru ma jieħux il-miżuri neċessarji, il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni biex tikkanċella l-kontribut Komunitarju kollu jew parti minnu għall-programm annwali, skond l-Artikolu 48.

*Artikolu 45*

**Żamma tad-dokumenti**

Mingħajr ħsara għar-regoli li jirregolaw l-għajnuna ta' l-Istat taħt l-Artikolu 87 tat-Trattat, l-awtorità responsabbli għandha tiżgura li d-dokumenti ta' appoġġ kollha rigward l-infiq u l-verifiki tal-programmi kkonċernati jinżammu disponibbli għall-Kummissjoni u l-Qorti ta' l-Awdituri għal perijodu ta' ħames snin wara l-għeluq tal-programmi bi qbil ma' l-Artikolu 42(1).

Dan il-perijodu għandu jiġi interrott jew fil-każ ta' proċedimenti legali jew fuq talba debitament sostanzjata mill-Kummissjoni.

Id-dokumenti għandhom jinżammu fil-forma ta' l-oriġinali jew f'verżjonijiet iċċertifikati li huma konformi ma' l-oriġinali fuq mezzi ta' żamma ta' data ġeneralment aċċettati.

KAPITOLU VIII

**KORREZZJONIJIET FINANZJARJI**

*Artikolu 46*

**Korrezzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri**

1. L-Istati Membri għandhom jerfgħu primarjament r-responsabbiltà għall-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, billi jaġixxu fuq il-provi ta' kull bidla ewlenija li taffettwa n-natura jew il-kondizzjonijiet għall-implimentazzjoni jew il-kontroll tal-programmi u jagħmlu l-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa marbuta ma' l-irregolaritajiet individwali jew sistematiċi li jkunu nstabu fl-azzjonijiet jew fil-programmi annwali.

Korrezzjonijiet magħmula mill-Istati Membri għandhom jikkonsistu fil-kanċellazzjoni, u jekk ikun applikabbli, fl-irkupru tal-kontribut Komunitarju kollu jew ta' parti minnu. Fejn l-ammont ma jiġix imħallas lura fiż-żmien permess mill-Istat Membru rilevanti, għandu jkun dovut imgħax minħabba nuqqas ta' ħlas bir-rata prevista fl-Artikolu 49(2). L-Istati Membri għandhom iqisu n-natura u l-gravità ta' l-irregolaritajiet u t-telf finanzjarju għall-Fond.

3. Fil-każ ta' irregolaritajiet sistemiċi l-Istati Membri għandhom jestendu l-inkjesti tiegħu biex ikopru l-operazzjonijiet li jistgħu jiġu affettwati.

4. L-Istati Membri għandhom jinkludu fir-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali msemmi fl-Artikolu 53 lista ta' proċeduri ta' kanċellazzjoni mibdija għall-programm annwali konċernat.

*Artikolu 47*

**Verifika ta' kontijiet u korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni**

1. Mingħajr ħsara għas-setgħat tal-Qorti ta' l-Awdituri jew il-kontrolli mwettqa mill-Istati Membri skond liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali, uffiċjali tal-Kummissjoni jew rappreżentanti awtorizzati tal-Kummissjoni jistgħu jwettqu kontrolli fuq il-post, inklużi kontrolli ta' kampjuni, ta' l-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fond u ta' sistemi ta' ġestjoni u kontroll b'notifika ta' mill-inqas tliet ijiem ta' xogħol. Il-Kummissjoni għandha tavża lill-Istati Membri kkonċernati bil-ħsieb li tikseb l-assistenza kollha meħtieġa. L-uffiċjali jew ir-rappreżentanti awtorizzati ta' l-Istat Membru kkonċernat jistgħu jieħdu sehem f'tali kontrolli.

Il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istat Membru kkonċernat sabiex iwettaq kontrolli fuq il-post biex jivverifika l-korrettezza ta' waħda jew iżjed mit-transazzjonijiet. L-uffiċjali tal-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti awtorizzati tal-Kummissjoni jistgħu jieħdu sehem f'tali kontrolli.

2. Jekk, wara li jkunu tlestew il-verifiki meħtieġa, il-Kummissjoni tikkonkludi li Stat Membru ma jkunx konformi ma' l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 33, hija għandha tissospendi l-ħlas tal-finanzjament minn qabel jew tal-bilanċ skond l-Artikolu 44.

*Artikolu 48*

**Kriterji għall-korrezzjonijiet**

1. Il-Kummissjoni tista' tagħmel korrezzjonijiet finanzjarji billi tħassar il-kontribut Komunitarju kollu jew parti minnu għal programm annwali fejn, wara li jitwettaq l-eżami meħtieġ, hija tikkonkludi li:

(a) hemm nuqqas serju fis-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-programm li qiegħed f'riskju l-kontribut Komunitarju li jkun diġà tħallas lill-programm;

(b) l-infiq imsemmi f'dikjarazzjoni ċertifikata ta' infiq ikun irregolari u ma jkunx ġie korret mill-Istat Membru qabel il-ftuħ tal-proċedura ta' korrezzjoni taħt dan il-paragrafu;

(ċ) Stat Membru ma jkunx ikkonforma ma' l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 33 qabel il-ftuħ tal-proċedura ta' korrezzjoni taħt dan il-paragrafu.

Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi wara li tkun qieset kwalunkwe kumment imwettaq mill-Istat Membru.

2. Il-Kummissjoni għandha tibbaża l-korrezzjonijiet finanzjarji tagħha fuq każijiet individwali ta' irregolaritajiet identifikati, filwaqt li tqis in-natura sistemika ta' l-irregolarità biex jiġi determinat jekk għandhiex tiġi applikata korrezzjoni b'rata fissa jew korrezzjoni estrapolata. Fejn il-każ ta' irregolarità jkun relatat ma' dikjarazzjoni ta' infiq li għalih tkun ingħatat assigurazzjoni raġonevoli mill-awtorità tal-verifika skond l-Artikolu 32(3) (b), ser jiġi preżunt li hemm problema sistematika li twassal għall-applikazzjoni ta' korrezzjoni b'rata fissa jew estrapolata, sakemm l-Istat Membru ma jġibx prova fi żmien tliet xhur li tirribatti din il-preżunzjoni.

3. Meta tiddeċiedi l-ammont ta' korrezzjoni, il-Kummissjoni għandha tqis l-importanza ta' l-irregolarità u l-medda u l-implikazzjonijiet finanzjarji tan-nuqqasijiet li jkunu nstabu fil-programm annwali konċernat.

4. Fejn il-Kummissjoni tibbaża l-pożizzjoni tagħha fuq il-fatti stabbiliti mill-awdituri għajr dawk tas-servizzi tagħha stess, hija għandha tiġbed il-konklużjonijiet tagħha dwar il-konsegwenzi finanzjarji, wara li tkun eżaminat il-miżuri meħuda mill-Istat Membru kkonċernat taħt l-Artikolu 34, ir-rapporti ta' irregolaritajiet notifikati u kwalunkwe tweġiba mill-Istat Membru.

*Artikolu 49*

**Ħlas lura**

1. Kwalunkwe ħlas lura li għandu jsir lill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għandu jsir qabel id-data ta' l-għeluq indikata fl-ordni għall-irkupru li tkun tfasslet skond l-Artikolu 72 tar-Regolament Finanzjarju. Din id-data ta' l-għeluq għandha tkun l-aħħar ġurnata tat-tieni xahar wara l-ħruġ ta' l-ordni.

2. Kwalunkwe dewmien tal-ħlas lura għandu jwassal għal imgħax fuq il-ħlas tard, li jibdew fid-data ta' l-għeluq u jintemmu fid-data ta' meta fil-fatt isir il-ħlas. Ir-rata ta' tali *imgħax* għandha tkun dik applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali tiegħu ta' finanzjament mill-ġdid, kif ippubblikata fis-serje C tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, li tkun fis-seħħ fl-ewwel jum tal-kalendarju tax-xahar li fih taqa' d-data ta' l-għeluq, biż-żieda ta' tliet punti perċentwali u nofs.

*Artikolu 50*

**Obbligi ta' l-Istati Membri**

Korrezzjoni finanzjarja mill-Kummissjoni m'għandhiex tippreġudika l-obbligu ta' Stat Membru li jissokta bl-irkupri taħt l-Artikolu 46.

KAPITOLU IX

**MONITORAĠĠ, EVALWAZZJONI U RAPPORTI**

*Artikolu 51*

**Monitoraġġ u evalwazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq monitoraġġ regolari tal-Fond f'koperazzjoni ma' l-Istati Membri.

2. Il-Fond għandu jiġi evalwat mill-Kummissjoni fi sħubija ma' l-Istati Membri biex jiġu evalwati r-relevanza, l-effikaċja u l-impatt ta' l-azzjonijiet fid-dawl ta' l-objettiv ġenerali msemmi fl-Artikolu 3 fil-kuntest tat-tħejjija għar-rapport stabbilit fl-Artikolu 52(3).

3. Il-Kummissjoni għandha tqis ukoll il-komplementarjetà bejn l-azzjonijiet implimentati taħt il-Fond u dawk segwiti taħt linji politiċi, strumenti u inizjattivi rilevanti Komunitarji oħrajn.

4. Bħala parti mir-rapport għall-perijodu mill-2007 sa l-2010 imsemmi fl-Artikolu 52(3) punt (ċ), il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-impatt tal-Fond dwar l-iżvilupp tal-politika u l-leġislazzjoni fuq il-kontroll tal-fruntieri esterni, tivvaluta s-sinerġiji bejn il-Fond u x-xogħlijiet ta' l-Aġenzija kif ukoll l-adegwatezza tal-kriterji stabbiliti biex ikunu allokati l-fondi bejn l-Istati Membri fid-dawl ta' l-objettivi segwiti mill-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam.

*Artikolu 52*

**Obbligi ta' Rappurtaġġ**

1. F'kull Stat Membru, l-awtorità responsabbli għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-proġetti.

Għal dak il-għan, il-ftehim u l-kuntratti li din tikkonkludi ma' l-organizzazzjonijiet responsabbli għall-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet għandhom jinkludu klawsoli li jistabbilixxu obbligu biex jiġu ppreżentati rapporti regolari u dettaljati dwar l-istat ta' progress ta' l-implimentazzjoni u l-ikkompletar ta' l-objettivi assenjati, li għandhom ikunu, rispettivament, il-bażi tar-rapporti ta' progress u r-rapporti finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali.

2. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni:

(a) sat-30 ta' Ġunju 2010, rapport ta' evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet kofinanzjati mill-Fond;

(b) sat-30 ta' Ġunju 2012 għall-perijodu mill-2007 sa l-2010 u sat-30 ta' Ġunju 2015 għall-perijodu mill-2011 sa l-2013 rispettivament, rapport ta' evalwazzjoni dwar ir-riżultati u l-impatt ta' azzjonijiet kofinanzjati mill-Fond.

3. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni:

(a) sat-30 ta' Ġunju 2010, rapport ta' reviżjoni dwar l-Artikoli 14 u 15, flimkien ma' proposti għal emendi jekk ikunu meqjusa li huma meħtieġa;

(b) sal-31 ta' Diċembru 2010, rapport intermedju dwar ir-riżultati miksuba u dwar l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi ta' l-implimentazzjoni tal-Fond, flimkien ma' proposta dwar l-iżvilupp futur tal-Fond;

(ċ) sal-31 ta' Diċembru 2012 għall-perijodu mill-2007 sa l-2010 u l-31 ta' Diċembru 2015 għall-perijodu mill-2011 sa l-2013 rispettivament, rapport ta' evalwazzjoni ex post.

*Artikolu 53*

**Rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programmi annwali**

1. Ir-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja sabiex jagħti stampa ċara ta' l-implimentazzjoni tal-programm:

(a) l-implimentazzjoni finanzjarja u operattiva tal-programm annwali;

(b) il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-programm pluriennali u l-prijoritajiet tiegħu fir-rigward tal-miri speċifiċi u verifikabbli tiegħu, bi kwantifikazzjoni, kulfejn u kull meta dawn jistgħu jiġu kwantifikati, ta' l-indikaturi;

(ċ) il-miżuri meħuda mill-awtorità responsabbli biex tiżgura l-kwalità u l-effettività ta' l-implimentazzjoni, b'mod partikolari:

(i) miżuri ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, li jinkludu arranġamenti għall-ġbir tad-data;

(ii) taqsira dwar kwalunkwe problema sinifikanti li wieħed ikun iltaqa' magħha waqt l-implimentazzjoni tal-programm operattiv u kwalunkwe miżura li tkun ittieħdet;

(iii) l-użu magħmul mill-assistenza teknika;

(d) il-miżuri meħuda biex tingħata informazzjoni fuq u ssir pubbliċità dwar il-programmi annwali u pluriennali.

2. Ir-rapport għandu jiġi ġġudikat bħala aċċettabbli meta hu jkun fih l-informazzjoni kollha elenkata fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar il-kontenut tar-rapport ippreżentat mill-awtorità responsabbli fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 1, li għandha tiġi mgħarrfa lill-Istati Membri. Jekk il-Kummissjoni ma tirrispondix fit-terminu ta' żmien stabbilit, ir-rapport għandu jitqies li ġie aċċettat.

3. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-Aġenzija r-rapporti approvati finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali.

KAPITOLU X

**DISPOŻIZZJONIJIET TRANSITORJI**

*Artikolu 54*

**It-tħejjija tal-programm pluriennali**

1. B'deroga mill-Artikolu 20, l-Istati Membri għandhom:

(a) mill-aktar fis wara s-7 ta' Ġunju 2007 iżda mhux aktar tard mit-22 ta' Ġunju 2007, jaħtru l-awtorità nazzjonali responsabbli msemmija fl-Artikolu 27 (1), punt (a), kif ukoll, fejn xieraq, l-awtorità delegata;

(b) mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2007, jippreżentaw deskrizzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll imsemmijin fl-Artikolu 34, paragrafu 2.

2. Sa l-1 ta' Lulju 2007, il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istati Membri:

(a) bi stima ta' l-ammonti allokati lilhom għas-sena finanzjarja 2007;

(b) bi stimi ta' l-ammonti li għandhom jiġu allokati lilhom għas-snin finanzjarji mis-2008 sa l-2013, abbażi ta' estrapolazzjoni tal-kalkolu għall-istima għas-sena finanzjarja 2007, b'kont meħud ta' l-approprjazzjonijiet proposti annwali għas-snin mis-2007sa l-2013 kif stabbiliti mill-Qafas Finanzjarju.

*Artikolu 55*

**It-tħejjija għall-programm annwali 2007 u 2008**

1. B'deroga mill-Artikolu 23, l-iskeda ta' żmien li ġejja għandha tapplika għall-implimentazzjoni fis-sena finanzjarja 2007 u 2008:

(a) Sa l-1 ta' Lulju 2007, il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istati Membri stima ta' l-ammonti allokati lilhom għas-sena finanzjarja 2007;

(b) Sa l-1 ta' Diċembru 2007, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw l-abbozz tal-programm annwali għall-2007 lill-Kummissjoni;

(ċ) Sa l-1 ta' Marzu 2008, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw l-abbozz tal-programm annwali għall-2008 lill-Kummissjoni.

2. Fir-rigward tal-programm annwali għall-2007, l-infiq li fil-fatt isir bejn l-1 ta' Jannar 2007 u d-data li fiha d-deċiżjoni ta' finanzjament, li tapprova l-programm annwali ta' l-Istat Membru konċernat tkun adottata jista' jikkwalifika għal appoġġ mill-Fond.

3. Sabiex tippermetti l-adozzjoni fl-2008 ta' deċiżjonijiet finanzjarji, li japprovaw il-programm annwali għall-2007, il-Kummissjoni għandha tfassal l-impenn baġitarju tal-Komunità għall-2007 abbażi ta' l-istima ta' l-ammont li għandu jiġi allokat lill-Istati Membri, ikkalkulat kif previst fl-Artikoli 14 u 15.

KAPITOLU XI

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 56*

**Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat komuni "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni", stabbilit minn din id-Deċiżjoni.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5a(1) sa (4) u 5 (b) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jittieħed kont tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 5a (3)(ċ), (4)(b) u (4)(e) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom jiġu ffissati għal sitt ġimgħat.

*Artikolu 57*

**Reviżjoni**

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jirrevedu din id-Deċiżjoni abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2013.

*Artikolu 58*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara li tkun ġiet ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mis-7 ta' Ġunju 2007, ħlief għall-Artikoli 14, 15, 20, 21, 23, 27, l-Artikolu 33(2), l-Artikolu 33(5), l-Artikolu 34, l-Artikolu 37(4) u l-Artikolu 56 li għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2007.

*Artikolu 59*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri bi qbil mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmula fi Brussell, 23 ta' Mejju 2007.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H. –G. PÖTTERING | G. GLOSER |

# DEĊIŻJONI Nru 575/2007/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tat-23 ta' Mejju 2007

## li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Ritorn għall-perijodu mill-2008 sa l-2013 bħala parti mill-programm ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni"

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL ta' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 63(2)(b) u 63(3)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Bil-ħsieb ta' l-istabbiliment progressiv ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, it-Trattat jipprovdi kemm għall-adozzjoni ta' miżuri mmirati li jiżguraw il-moviment liberu ta' persuni, flimkien mal-miżuri ta' appoġġ relatati mal-kontrolli tal-fruntieri esterni, l-ażil u l-immigrazzjoni, kif ukoll għall-adozzjoni ta' miżuri relatati ma' l-ażil, l-immigrazzjoni u s-salvagwardja tad-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

(2) Il-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa tiegħu f'Tampere fil-15 u s-16 ta' Ottubru 1999, afferma mill-ġdid ir-riżoluzzjoni tiegħu li joħloq żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Għal dak il-għan, politika Ewropea komuni dwar l-ażil u l-migrazzjoni għandha jkollha l-għan li tiżgura kemm it-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi kif ukoll lejn ġestjoni aħjar tal-flussi ta' migrazzjoni.

(3) Politika Komunitarja għar-ritorn effettiva hija komplement meħtieġa għal politika kredibbli għall-immigrazzjoni legali u l-ażil politiku kif ukoll element importanti fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali. L-Istati Membri qed jippjanaw baġits sostanzjali biex ikunu implimentati programmi ta' ritorn u operazzjonijiet ta' ritorn sfurzat. Azzjoni komuni ta' l-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam, appoġġata b'mezzi finanzjarji xierqa mill-Komunità, tista' tappoġġa lill-Istati Membri, tisħaq dwar il-ħtieġa tar-ritorn ta' residenti illegali u tikkontribwixxi biex tissaħħaħ is-solidarjetà fost l-Istati Membri.

(4) Fit-28 ta' Frar 2002 il-Kunsill adotta l-Pjan Komprensiv għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' bnedmin fl-Unjoni Ewropea ([4]) fejn saħaq li politika ta' ammissjoni mill-ġdid u ritorn issawwar komponent integrali u ewlieni fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u identifika żewġ elementi li fuqhom għandha tiġi bbażata l-politika tal-Komunità dwar ir-ritorn, jiġifieri prinċipji u miżuri komuni, fi ħdan il-qafas li titjieb il-koperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri.

(5) Il-Programm ta' Azzjoni għar-Ritorn tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2002, ibbażat fuq il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni ta' l-14 ta' Ottubru 2002 dwar il-politika tal-Komunità dwar ir-ritorn ta' residenti illegali, jindirizza l-katina sħiħa ta' azzjoni fir-rigward tal-ġestjoni tar-ritorn fl-Istati Membri, li tkopri kemm ritorn sfurzat kif ukoll dak volontarju ta' ċittadini minn pajjiżi terzi, kif ukoll l-istadji ċentrali tar-ritorn, inkluż it-tħejjija u s-segwitu.

(6) Il-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa tiegħu f'Tessaloniki fid-19 u l-20 ta' Ġunju 2003, talab lill-Kummissjoni biex din teżamina l-aspetti kollha relatati ma' strument Komunitarju separat dwar ir-ritorn sabiex ikunu appoġġati, b'mod partikolari l-prijoritajiet kif stabbiliti fil-Programm ta' Azzjoni għar-Ritorn.

(7) Il-Konklużjonijiet mill-Kunsill dwar il-prijoritajiet għall-iżvilupp b'suċċess ta' politika komuni ta' ammissjoni mill-ġdid tat-2 ta' Novembru 2004, jenfasizzaw li l-ftehim Komunitarji ta' ammissjoni mill-ġdid jagħmlu kontribut importanti għal ġestjoni konġunta effettiva tal-migrazzjoni u għandhom rwol prezzjuż fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali. Huma element importanti fil-qafas tad-djalogu u l-koperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi ta' oriġini, ta' residenza preċedenti u ta' transitu ta' immigranti illegali.

(8) Wara l-Konklużjonijiet tat-8 ta' Ġunju 2004 li fihom il-Kunsill talab lill-awtorità baġitarja biex tagħmel disponibbli azzjonijiet ta' tħejjija u stieden lill-Kummissjoni biex tqis l-ideat tiegħu dwar l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' ritorn integrati f'koperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri, ingħata bidu għal azzjonijiet ta' tħejjija għall-perijodu 2005 u 2006.

(9) Il-Kunsill Ewropew, fil-laqgħa tiegħu fi Brussel fl-4 u l-5 ta' Novembru 2004, sejjaħ għall-"Programm ta' l-Aja" għat-tnedija tal-fażi preparatorja ta' Fond Ewropew għar-Ritorn (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Fond") u l-istabbiliment tal-Fond sa l-2007, b'kont meħud ta' l-evalwazzjoni tal-fażi preparatorja.

([1]) ĠU C 88, 11.4.2006, p. 15.

([2]) ĠU C 115, 16.5.2006, p. 47.

([3]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-14 ta' Diċembru 2006 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2007.

([4]) ĠU C 142, 14.6.2002, p. 23.

(10) F'Novembru 2004 l-Kunsill ħa nota tar-rapport tal-Presidenza dwar analiżi ta' l-aħjar prattiki rappurtati dwar ir-ritorn lejn pajjiżi speċifiċi. Ir-rapport iddikjara diversi possibbiltajiet u htieġa għal koperazzjoni aktar prattika bejn l-Istati Membri fil-prattika tar-ritorn. Ir-rapport wera possibbiltajiet għal approċċ aktar integrat, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll dak Komunitarju, dwar il-politika tar-ritorn kif ukoll dwar politika ġenerali. Barra minn hekk, ir-rapport identifika l-aħjar prattiki mill-Istati Membri rigward ir-ritorn volontarju jew sfurzat ta' ċittadini minn pajjiżi terzi lejn il-pajjiż ta' l-oriġini jew ta' transitu tagħhom, bħalma huma l-promozzjoni ta' Programmi ta' Ritorn Volontarju Assistit għal ritorn sostenibbli, parir dwar ir-ritorn, u l-organizzazzjoni ta' operazzjonijiet konġunti ta' ritorn, inklużi titjiriet *charter*.

(11) Huwa meħtieġ li l-Komunità tingħata strument li jkun imfassal biex jappoġġa u jinkoraġġixxi l-isforzi magħmula mill-Istati Membri biex itejbu l-ġestjoni tar-ritorn fid-dimensjonijiet kollha tagħha, fuq il-bażi tal-prinċipju ta' ġestjoni ta' ritorn integrata, u bil-ħsieb li jappoġġa implimentazzjoni ġusta u effettiva ta' standards komuni dwar ir-ritorn, kif stabbilit taħt il-leġislazzjoni Komunitarja dwar ir-ritorn.

(12) M'hemm provdut l-ebda finanzjament għall-2007 taħt din id-Deċiżjoni, sabiex ikunu jistgħu jitqiesu r-riżultati ta' l-azzjonijiet ta' tħejjija dwar ir-ritorn fl-2005 u fl-2006, abbażi ta' rapport mill-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni ta' l-azzjonijiet ta' tħejjija.

(13) L-istandards komuni kkonċernati huma b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE tat-28 ta' Mejju 2001 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet dwar it-tneħħija ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ([1]) u l-korollarja tagħha, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/191/KE tat-23 ta' Frar 2004 li tistabbilixxi l-kriterji u l-arranġamenti prattiċi għall-kumpens ta' żbilanċi finanzjarji li jkunu ġejjin mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2001/40/KE dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet dwar it-tkeċċija ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ([2]), u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/573/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-organizzazzjoni ta' titjiriet konġunti għat-tkeċċija mit-territorju ta' żewġ Stati Membri jew aktar, ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu s-suġġetti ta' ordnijiet individwali ta' tkeċċija ([3]).

(14) Dan jikkonċerna wkoll l-istrumenti Komunitarji futuri, bħal strument dwar standards komuni dwar proċeduri fi Stati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali, li għandhom joħolqu pjattaforma bilanċjata fl-Unjoni Ewropea dwar il-proċeduri tar-ritorn u li għalhekk ikunu jistgħu jiddefinixxu l-kondizzjonijiet u l-marġinu li fih l-Istati Membri jieħdu l-miżuri ta' ritorn.

(15) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li azzjonijiet taħt il-Fond jirrispettaw l-obbligi li ġejjin mid-drittijiet fundamentali, stabbiliti, b'mod partikolari fil- Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali (il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem), il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 dwar l-Istatus tar-Refuġjati, kif supplimentata bil-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967, u strumenti internazzjonali oħra rilevanti, bħall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-1989 dwar id-Drittijiet tat-Tfal, fejn applikabbli.

(16) Waqt li jżomm preżenti li l-espulsjoni kollettiva hija projbita taħt il-Protokoll 4 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bnieden, persuni li huma soġġetti għal ordnijiet individwali ta' tkeċċija biss għandhom jintbagħtu lura permezz ta' operazzjonijiet konġunti ta' ritorn eliġibbli għal finanzjament taħt din id-Deċiżjoni.

(17) Fid-dawl tal-kamp ta' applikazzjoni u l-għan tal-Fond, ma għandu fl-ebda każ, jappoġġa azzjonijiet rigward żoni u ċentri għaż-żamma ta' persuni f'pajjiżi terzi.

(18) Kif iddikjarat fil-Programm ta' Azzjoni għar-Ritorn, approvat mill-Kunsill fit-28 ta' Novembru 2002, u affermat mill-ġdid kontinwament fl-istrumenti ta' l-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam, bħal, b'mod partikolari, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ritorn volontarjutat-2 ta' Novembru 2005, ir-ritorn volontarju huwa komponent importanti ta' approċċ bilanċjat, effettiv u sostenibbli għar-ritorn.

(19) Azzjonijiet eliġibbli fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ġestjoni integrata ta' ritorn għandhom jieħdu kont tas-sitwazzjoni speċifika ta' persuni vulnerabbli.

(20) Biex tissaħħaħ l-effiċjenza fil-ġestjoni ta' ritorn f'livell nazzjonali, il-Fond għandu jkopri wkoll azzjonijiet relatati mar-ritorn volontarju ta' persuni li mhumiex taħt l-obbligu li jħallu t-territorju, bħal applikanti għall-ażil li għadhom ma rċevewx deċiżjoni negattiva jew persuni li jgawdu minn forma ta' protezzjoni internazzjonali skond it-tifsira tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-istandards minimi għall-kwalifika u l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr ċittadinanza bħala refuġjati jew bħala persuni li b'xi mod jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija ([4]), jew li jgawdu minn protezzjoni temporanja skond it-tifsira tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE ta' l-20 ta' Lulju 2001 dwar standards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja f'każ ta' influss bil-massa ta' persuni spostjati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dan ([5]).

(21) Objettiv ewlieni ta' din id-Deċiżjoni għandu jkun il-promozzjoni ta' ġestjoni integrata tar-ritorn fil-livell nazzjonali. L-Istati Membri qed ikunu mħeġġa biex jimplimentaw operazzjonijiet ta' ritorn fid-dawl tal-pjani ta' azzjoni ta' ritorn integrati, li janalizzaw is-sitwazzjoni fl-

([1]) ĠU L 149, 2.6.2001, p. 34.
([2]) ĠU L 60, 27.2.2004, p. 55.
([3]) ĠU L 261, 6.8.2004, p. 28.
([4]) ĠU L 304, 30.9.2004, p. 12.
([5]) ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12.

Istati Membri fir-rigward tal-popolazzjoni mmirata, jistabbilixxu miri fir-rigward ta' l-operazzjonijiet previsti u, flimkien mal-partijiet interessati kkonċernati, bħall-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR) u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM), joffru skemi ta' ritorn li jiffukaw fuq ritorn effettiv u sostenibbli permezz ta' diversi miżuri. Fejn ikun xieraq, il-pjanijiet ta' ritorn integrati għandhom ikunu valutati u aġġustati regolarment.

(22) Biex ikun promoss ir-ritorn volontarju ta' persuni, b'mod partikolari persuni li m'huma taħt l-ebda obbligu li jħallu t-territorju, għandhom ikunu previsti inċentivi għal dawn il-persuni, bħalma huwa t-trattament preferenzjali billi tingħata għajnuna msaħħa dwar ir-ritorn. Dan it-tip ta' ritorn volontarju huwa kemm fl-interess ta' ritorn dinjituż ta' persuni ripatrijati, kif ukoll ta' l-awtoritajiet f'termini ta' effettivita' fl-infiq. L-Istati Membri għandhom jitheġġew biex jagħtu preferenza għar-ritorn volontarju.

(23) Madankollu, mil-lat ta' politika, ir-ritorn volontarju u dak sfurzat huma interkonnessi u għandhom effett li jsaħħu lil xulxin u l-Istati Membri għandhom ikunu mħeġġa fil-ġestjoni tagħhom tar-ritorn biex jinfurzaw mill-ġdid il-komplementarjetà taż-żewġ forom. Hemm ħtieġa ċara li jitwettaq ritorn sfurzat biex tkun salvagwardjata l-integrità tal-politika dwar l-immigrazzjoni u l-ażil ta' l-Unjoni Ewropea u tas-sistemi ta' l-immigrazzjoni u l-ażil ta' l-Istati Membri. Għalhekk, il-possibbiltà ta' ritorn sfurzat huwa prerekwiżit biex ikun żgurat li din il-politika ma tkunx mhedda u biex ikun infurzat l-istat tad-dritt, li fih innifsu huwa meħtieġ għall-ħolqien ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Għalhekk din id-Deċiżjoni għandha tappoġġa l-azzjonijiet ta' l-Istati Membri biex jitħaffef ir-ritorn infurzat.

(24) Barra minn hekk, l-ostakli l-kbar li qed isibu l-Istati Membri fil-qasam tar-ritorn ta' spiss isiru fir-rigward tar-ritorn sfurzat. Ostaklu importanti huwa l-inċertezza dwar l-identità tal-persuna kkonċernata u/jew in-nuqqas tad-dokumenti ta' l-ivvjaġġar meħtieġa. Sabiex jingħelbu problemi bħal dawn, l-Istati Membri għandhom ikunu mħeġġa biex itejbu l-koperazzjoni mas-servizzi konsulari ta' pajjiżi terzi u li jżidu l-iskambju ta' informazzjoni u l-koperazzjoni ta' l-operat bejniethom stess fejn jikkonċerna l-koperazzjoni ma' dawn is-servizzi.

(25) Huwa wkoll importanti ħafna li din id-Deċiżjoni tappoġġa, f'dawk l-Istati Membri, fejn dawn jqisuh bħala xieraq, miżuri speċifiċi għal dawk il-persuni ripatrijati fil-pajjiż tar-ritorn sabiex l-ewwel ikun żgurat ritorn effettiv lejn il-belt jew ir-reġjun tagħhom ta' l-oriġini taħt kondizzjonijiet tajbin, u t-tieni biex tissaħħaħ l-integrazzjoni mill-ġdid dejjiema tagħhom fil-komunità tagħhom. Tali miżuri m'għandhomx jikkonsistu f'għajnuna lill-pajjiżi terzi bħala tali u dawn għandhom ikunu eliġibbli biss għall-finanzjament meta u sakemm ikun hemm il-kontinwazzjoni meħtieġa ma' attivitajiet mibdija u li jkunu twettqu partikolarment fit-territorju ta' l-Istati Membri taħt pjan ta' ritorn integrat.

(26) Barra minn hekk, dawk il-miżuri għandhom ikunu f'sinerġija ma' l-azzjonijiet appoġġati mill-istrumenti Komunitarji dwar l-assistenza esterna, b'mod partikolari l-programm tematiku dwar l-ażil u l-migrazzjoni.

(27) Din id-Deċiżjoni hija mfassla biex tifforma parti minn qafas koerenti li jinkludi wkoll id-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-perijodu mill-2008 sa l-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" ([1]), id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perijodu mill-2007 sa l-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" ([2]), u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/.../KE tal-... li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi għall-perijodu mill-2007 sa l-2013 bħala parti mill-Programm Ġenerali "Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni" ([3]), li jimmira li jindirizza l-kwistjoni ta' qsim ġust tar-responsabbiltajiet bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-piż finanzjarju li jirriżulta mill-introduzzjoni ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni ta' l-Unjoni u mill-implimentazzjoni ta' linji politiċi komuni dwar l-ażil u l-immigrazzjoni, kif żviluppati skond it-Titolu IV tal-Parti 3 tat-Trattat.

(28) L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Koperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, stabbilita skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 ([4]) (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija"), għandha bħala wieħed mill-kompiti tagħha li tipprovdi l-għajnuna meħtieġa għall-organizzazzjoni ta' operazzjonijiet konġunti tar-ritorn ta' l-Istati Membri u tidentifika l-aħjar prattiki dwar l-akkwist ta' dokumenti ta' l-ivvjaġġar u t-tkeċċija ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jinsabu illegalment fit-territorji ta' l-Istati Membri. Għaldaqstant, l-Aġenzija għandha tiżgura li jintlaħqu l-kondizzjonijiet għal sforz ta' ritorn koordinat u effettiv bejn l-Istati Membri, filwaqt li l-implimentazzjoni u l-organizzazzjoni ta' l-operazzjonijiet konġunti tar-ritorn jitħallew f'idejn is-servizzi nazzjonali kompetenti. Għalhekk, l-Aġenzija għandha tkun tista' tuża r-riżorsi disponibbli kollha mill-azzjonijiet Komunitarji f'din id-Deċiżjoni.

(29) L-appoġġ ipprovdut mill-Fond ikun aktar effiċjenti u mmirat aħjar jekk il-finanzjament konġunt ta' l-azzjonijiet eliġibbli jkun ibbażat fuq programmi strateġiċi pluriennali, imfassla minn kull Stat Membru fi djalogu mal-Kummissjoni.

(30) Abbażi ta' linji gwida strateġiċi adottati mill-Kummissjoni, kull Stat Membru għandu jħejji dokument ta' programmazzjoni pluriennali b'kont meħud tas-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet speċifiċi tiegħu u jistabbilixxi l-istrateġija tiegħu ta' l-iżvilupp li għandha ssawwar il-qafas għall-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet li se jkunu elenkati fil-programmi annwali.

([1]) Ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([2]) Ara paġna 22 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([3]) Għadu mhux ippubblikat fuq il-Ġurnal Uffiċjali.
([4]) ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1.

(31) Fil-kuntest ta' ġestjoni kondiviża kif imsemmi fl-Artikolu 53 (1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Finanzjarju"), il-kondizzjonijiet li jippermettu lill-Kummissjoni li teżerċita r-responsabbiltajiet tagħha għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għandhom jiġu speċifikati u l-obbligi għall-koperazzjoni ta' l-Istati Membri għandhom jiġu kjarifikati. L-applikazzjoni ta' dawk il-kondizzjonijiet tkun tippermetti li l-Kummissjoni tissodisfa ruħha li l-Istati Membri qed jużaw il-Fond b'mod legali u korrett u skond il-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja soda fis-sens ta' l-Artikoli 27 u 48(2) tar-Regolment Finanzjarju.

(32) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-rendikont indikattiv ta' l-approprjazzjonijiet ta' impenn disponibbli bl-użu ta' metodu oġġettiv u trasparenti.

(33) L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri adegwati biex jiggarantixxu t-tħaddim adegwat tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll u l-kwalità ta' l-implimentazzjoni. Għal dan il-għan, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-prinċipji ġenerali u l-funzjonijiet meħtieġa li l-programmi kollha għandhom jissodisfaw.

(34) Skond il-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, l-Istati Membri għandu jkollhom ir-responsabbiltà primarja għall-implimentazzjoni u l-kontroll ta' l-interventi tal-Fond.

(35) Għandhom jiġu speċifikati l-obbligi fuq l-Istati Membri fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, iċ-ċertifikazzjoni tan-nefqa, u l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet u ta' ksur tal-liġi tal-Komunita' biex tkun garantita l-implimentazzjoni effiċjenti u korretta tal-programmi pluriennali u annwali tagħhom. B'mod partikolari, safejn huma konċernati l-ġestjoni u l-kontroll, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-modalitajiet li bihom l-Istati Membri jiżguraw li s-sistemi rilevanti jkunu stabbiliti u jaħdmu b'mod sodisfaċenti.

(36) Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni fir-rigward tal-kontroll finanzjarju, il-koperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni f'dan il-qasam għandha tiġi inkoraġġuta.

(37) L-effettività u l-impatt ta' azzjonijiet appoġġati mill-Fond jiddependu wkoll mill-evalwazzjoni tagħhom u t-tixrid tar-riżultati tagħhom. Ir-responsabbiltajiet ta' l-Istati Membri u l-Kummissjoni f'dan ir-rigward, u l-arranġamenti biex tiġi żgurata l-affidabbiltà ta' l-evalwazzjoni u l-kwalità ta' l-informazzjoni relatata, għandhom jiġu formalizzati.

(38) L-azzjonijiet għandhom jiġu evalwati bil-ħsieb ta' reviżjoni u valutazzjoni ta' l-impatt f'nofs it-terminu, u l-proċess ta' l-evalwazzjoni għandu jiġi inkorporat fl-arranġamenti ta' monitoraġġ tal-proġett.

(39) Waqt li tinżamm preżenti l-importanza tal-viżibbiltà tal-finanzjament Komunitarju, il-Kummissjoni għandha tipprovi gwida biex tiffaċilita r-rikonoxximent xieraq ta' l-appoġġ li jingħata lil kwalunkwe awtorità, organizzazzjoni mhux governattiva, organizzazzjoni internazzjonali jew entità oħra li tirċievi għotja minn dan il-Fond, b'kont meħud tal-prattika fir-rigward ta' strumenti oħrajn taħt ġestjoni kondiviża, bħall-Fondi Strutturali.

(40) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi pakkett finanzjarju għad-dewmien sħiħ tal-programm, li għandu jkun il-punt ta' referenza ewlieni għall-awtorità tal-baġit matul il-proċedura baġitarja annwali, fi ħdan it-tifsira tal-punt 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda ([2]).

(41) Minħabba li l-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni, jiġifieri li jkun promoss ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'residenza illegali fil-qafas ta' l-istandards komuni u l-prinċipju ta' ġestjoni ta' ritorn integrata, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti ta' l-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dan l-għan.

(42) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ([3]).

(43) Minħabba li l-miżura ta' din id-Deċiżjoni li għandha x'taqsam ma' l-adozzjoni ta' linji gwida strateġiċi għandha kamp ta' applikazzjoni ġenerali u hija mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Deċiżjoni, inter alia billi jitħassru wħud minn dawk l-elementi jew billi tiġi ssupplimentata din id-Deċiżjoni biż-żieda ta' elementi mhux essenzjali ġodda, għandha tiġi adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju stabbilita fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE. Minħabba raġunijiet ta' effiċjenza, il-limiti ta' żmien normali applikabbli għall-proċedura regolatorja bi skrutinju għandhom jitqassru għall-adozzjoni tal-linji gwida strateġiċi.

(44) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitá Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u għalhekk mhijiex marbuta biha u lanqas ma hi soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(45) Skond l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u ta' l-Irlanda, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni

([1]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).

([2]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

([3]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitá Ewropea, l-Irlanda nnotifikat, permezz ta' l-ittra tas-6 ta' Settembru 2005, ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(46) Skond l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u ta' l-Irlanda, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ir-Renju Unit innotifika, permezz ta' l-ittra tas-27 ta' Ottubru 2005, ix-xewqa tiegħu li jieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(47) Skond it-tieni inċiż tal-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 67 tat-Trattat, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/927/KE tat-22 ta' Diċembru 2004 li tistabbilixxi li ċerti oqsma koperti mit-Titolu IV tal-Parti Tlieta tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ikunu regolati permezz tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 ta' dak it-Trattat ([1]) għamlet il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat applikabbli fl-oqsma koperti mill-Artikoli 62(1), (2)(a) u (3) u 63(2) (b) u (3)(b) tat-Trattat,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

KAPITOLU I

## SUĠĠETT, OBJETTIVI U AZZJONIJIET

*Artikolu 1*

### Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2013 il-Fond Ewropew għar-Ritorn (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Fond") bħala parti minn qafas koerenti li jinkludi wkoll id-Deċiżjoni Nru 573/2007/KE, id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE, u d-Deċiżjoni2007/.../KE, sabiex tikkontribwixxi għat-tisħiħ taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, u l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri.

Din id-Deċiżjoni tiddefinixxi l-objettivi li għalihom jikkontribwixxi l-Fond, l-implimentazzjoni tiegħu, ir-riżorsi finanzjarji disponibbli u l-kriterji ta' distribuzzjoni għall-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji disponibbli.

Hija tistabbilixxi r-regoli ta' ġestjoni tal-Fond, inklużi r-regoli finanzjarji kif ukoll il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u kontroll ibbażati fuq it-tqassim tar-responsabbiltajiet bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

*Artikolu 2*

### Objettiv ġenerali tal-Fond

1. L-objettiv ġenerali tal-Fond għandu jkun li jappoġġa l-isforzi magħmula mill-Istati Membri biex itejbu l-ġestjoni ta' ritorn fid-dimensjonijiet kollha tagħha permezz ta' l-użu tal-kunċett ta' ġestjoni integrata u bil-provvediment għal azzjonijiet konġunti li jiġu implimentati mill-Istati Membri jew azzjonijiet nazzjonali li jissoktaw l-objettivi Komunitarji taħt il-prinċipju ta' solidarjetà, b'kont meħud tal-leġislazzjoni Komunitarja f'dan il-qasam u f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali.

2. Il-Fond għandu jikkontribwixxi għall-finanzjament ta' assistenza teknika fuq l-inizjattiva ta' l-Istati Membri jew tal-Kummissjoni.

*Artikolu 3*

### Objettivi speċifiċi

1. Il-Fond għandu jikkontribwixxi għall-kisba ta' l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) l-introduzzjoni u t-titjib ta' l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-ġestjoni ta' ritorn integrata mill-Istati Membri;

(b) it-tisħiħ tal-koperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qafas tal-ġestjoni ta' ritorn integrata u l-implimentazzjoni tagħha;

(ċ) il-promozzjoni ta' applikazzjoni effettiva u uniformi ta' standards komuni dwar ir-rirorn skond l-iżvilupp tal-politika f'dan il-qasam.

2. Il-ġestjoni ta' ritorn integrata għandha tinkludi b'mod partikolari l-iżvilupp u l-implimentazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' pjanijiet ta' ritorn integrati li:

(a) huma bbażati fuq valutazzjoni komprensiva tas-sitwazzjoni fl-Istat Membru fir-rigward tal-popolazzjoni mmirata jew kwistjoni speċifika mmirata li tikkonċerna r-ritorn u l-isfidi fir-rigward ta' l-operazzjonijiet previsti (bħalma huma dawk relatati ma' l-akkwist tad-dokumenti ta' l-ivvjaġġar u ostakli prattiċi oħrajn għar-ritorn), b'kont meħud, fejn xieraq, tan-numru ta' każijiet rilevanti. Il-valutazzjoni komprensiva għandha titfassal flimkien ma' l-awtoritajiet u l-imsieħba kollha rilevanti;

(b) ikunu mmirati biex jinkiseb sett wiesa' ta' miżuri li jheġġu skemi ta' ritorn volontarji minn ċittadini ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari għal dawk li ma jissodisfawx jew li m'għadhomx jissodisfaw il-kondizzjonijiet għal dħul u soġġorn fit-territorji tiegħu, u, fejn ikun meħtieġ, biex ikunu implimentati operazzjonijiet ta' ritorn infurzati fir-rigward ta' dawn il-persuni, f'konformità sħiħa mal-prinċipji umanitarji u b'rispett lejn id-dinjità tagħhom;

(ċ) jinkludu ppjanar u/jew skeda ta' żmien u, fejn ikun xieraq, jipprovdu għal mekkaniżmu ta' evalwazzjoni perjodika biex jippermettu għall-aġġustament fil-prattika ta' l-ippjanar u l-valutazzjoni ta' l-impatt tal-pjan; u

(d) jinkludu, meta l-Istati Membri jqisu dan rilevanti, miżuri biex tiġi faċilitata l-koperazzjoni bejn korpi amministrattivi, ta' l-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji kompetenti, fejn xieraq fuq livelli differenti ta' gvern.

3. Il-Pjanijiet ta' Ritorn Integrati għandhom jiffukaw partikolarment fuq ir-ritorn effettiv u sostenibbli permezz ta' tali azzjonijiet bħal informazzjoni effiċjenti fl-istadju ta' qabel it-tluq,

([1]) ĠU L 396, 31.12.2004, p. 45.

arranġamenti ta' l-ivvjaġġar, transitu fil-pajjiż ta' ritorn kemm għal ritorn volontarju kif ukoll għal dak infurzat. Kemm jista' jkun, l-inċentivi għal persuni ripatrijati volontarjament, bħalma hija l-assistenza għar-ritorn, jistgħu jkunu pprovduti sabiex ikun promoss ir-ritorn volontarju.

Fejn l-Istati Membri jqisuh xieraq, dawn jistgħu jinkludu d-dispożizzjoni ta' riċeviment u appoġġ ta' integrazzjoni mill-ġdid.

*Artikolu 4*

**Azzjonijiet eliġibbli fl-Istati Membri**

1. L-azzjonijiet relatati ma' l-objettiv stabbilit fl-Artikolu 3(1), il-punt (a), u b'mod partikolari dawn li ġejjin, għandhom ikunu eliġibbli għal appoġġ mill-Fond:

(a) l-istabbiliment jew it-titjib ta' koperazzjoni operattiva effettiva, stabbli u dejjiema ta' l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri ma' l-awtoritajiet konsulari u s-servizzi ta' l-immigrazzjoni ta' pajjiżi terzi, bil-ħsieb li jinkisbu d-dokumenti ta' l-ivvjaġġar għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u biex ikunu żgurati tneħħijiet bla telf ta' żmien u ta' suċċess;

(b) il-promozzjoni ta' metodi u mezzi biex tingħata informazzjoni dwar ir-ritorn kemm jista' jkun malajr fi proċeduri ta' ażil u immigrazzjoni u biex ikunu inkoraġġuti individwalment ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jagħmlu użu mill-possibbiltà ta' ritorn volontarju;

(ċ) is-simplifikazzjoni ta' ritorn volontarju ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, parikolarment permezz ta' programmi ta' ritorn volontarju megħjun, bil-ħsieb li jkunu żgurati l-effettività u s-sostenibbiltà tar-ritorn;

(d) l-iżvilupp ta' metodi ta' koperazzjoni bejn livelli differenti ta' awtoritajiet nazzjonali, reġjonali, lokali, urbani u awtoritajiet pubbliċi oħra li jippermettu lil uffiċjali jiksbu malajr informazzjoni dwar esperjenzi ta' ritorn u prattika f'postijiet oħra u, meta possibbli, li jgħaqqdu flimkien ir-riżorsi;

(e) is-simplifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' ritorn infurzat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew m'għadhomx jissodisfaw il-kondizzjonijiet għal dħul u soġġorn, bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kredibbiltà u l-integrità tal-linji politiċi ta' l-immigrazzjoni u biex jitnaqqas il-perijodu ta' kustodja tal-persuni li jkunu qed jistennew it-tkeċċija sfurzata tagħhom.

2. L-azzjonijiet relatati ma' l-objettiv stabbilit fl-Artikolu 3(1) (b), u b'mod partikolari dawn li ġejjin, għandhom ikunu eliġibbli mill-Fond:

(a) il-koperazzjoni biex tinġabar u tingħata lil persuni li x'aktarx ser jiġu ritornati, l-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini, ta' residenza preċedenti jew ta' transitu;

(b) il-koperazzjoni biex ikunu żviluppati relazzjonijiet ta' ħidma effettivi, stabbli u dejjiema bejn l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri u l-awtoritajiet konsulari u s-servizzi ta' l-immigrazzjoni ta' pajjiżi terzi, biex titħaffef l-għajnuna konsulari biex jinkisbu d-dokumenti ta' l-ivvjaġġar għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u biex ikunu żgurati tkeċċijiet ta' malajr u b'suċċess;

(ċ) it-tfassil ta' pjanijiet konġunti ta' ritorn integrati u l-implimentazzjoni tagħhom, inklużi programmi konġunti ta' ritorn volontarju dwar pajjiżi jew reġjuni speċifiċi ta' oriġini, ta' residenza preċedenti jew it-transitu;

(d) studji dwar is-sitwazzjoni preżenti u l-possibbiltajiet li tissaħħaħ il-koperazzjoni amministrattiva fost l-Istati Membri fil-qasam tar-ritorn kif ukoll fir-rwol li l-organizzazzjonijiet internazzjonali u dawk mhux governattivi għandu jkollhom f'dan il-kuntest;

(e) l-iskambju ta' informazzjoni u ta' l-aħjar prattiki, appoġġ u pariri li jkollhom x'jaqsmu mar-ritorn ta' gruppi li jkunu vulnerabbli b'mod partikolari;

(f) l-organizzazzjoni ta' seminars dwar l-aħjar prattika għal dawk involuti li jkunu jiffokaw fuq pajjiżi terzi u/jew reġjuni speċifiċi;

(g) miżuri konġunti li jippermettu li jkunu milqugħa persuni mdaħħla mill-ġdid fil-pajjiżi ta' oriġini, ta' residenza preċedenti jew ta' transitu;

(h) l-iżvilupp konġunt ta' azzjonijiet biex ikun żgurat ir-ritorn sostenibbli ta' persuni lejn il-pajjiż ta' l-oriġini jew ta' residenza preċedenti.

3. Azzjonijiet relatati ma' l-objettiv stabbilit fl-Artikolu 3(1)(ċ), u b'mod partikolari dawn li ġejjin, għandhom ikunu eliġibbli mill-Fond:

(a) it-tisħiħ tal-kapaċità ta' l-awtoritajiet kompetenti biex jieħdu deċiżjonijiet ta' ritorn ta' kwalità għolja kemm jista' jkun malajr;

(b) it-tisħiħ tal-kapaċità ta' l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti biex jimplimentaw jew jinfurzaw kemm jista' jkun malajr deċiżjonijiet ta' tneħħija b'rispett sħiħ għad-dinjità tal-bniedem u skond l-standards Ewropej ta' sigurtà rilevanti dwar tali operazzjonijiet;

(ċ) it-tisħiħ tal-kapaċità tal-korpi ġudizzjarji biex jevalwaw aktar malajr id-deċiżjonijiet ta' ritorn li jkunu ġew appellati;

(d) l-organizzazzjoni ta' seminars u taħriġ konġunt għall-persunal tal-korpi amministrattivi, ta' l-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji kompetenti nazzjonali, reġjonali, lokali, u urbani u korpi kompetenti oħra dwar aspetti legali u prattiċi ta' l-operazzjonijiet tar-ritorn;

(e) it-tisħiħ tal-kapaċità ta' l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti biex jimplimentaw b'mod effettiv arranġamenti komuni dwar ir-rikonoxximent reċiproku u operazzjonijiet konġunti ta' ritorn, inklużi r-rakkomandazzjonijiet, l-istandards operattivi u l-aħjar prattiki definiti mill-Aġenzija fil-qasam tar-ritorn.

4. L-azzjonijiet previsti fil-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom, b'mod partikolari, jippromwovu l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni Komunitarja rilevanti fil-qasam tas-sistema komuni Ewropea ta' l-immigrazzjoni u r-ritorn.

*Artikolu 5*

**Miżuri eliġibbli fl-Istati Membri**

L-azzjonijiet appoġġati jistgħu jinkludu l-miżuri li ġejjin:

(1) fil-każijiet kollha ta' ritorn, l-informazzjoni lil ċittadini ta' pajjiżi terzi dwar ir-ritorn in ġenerali, il-parir lil individwi dwar il-possibbiltajiet għal ritorn volontarju, spejjeż ta' traduzzjoni, l-akkwist pubbliku ta' dokumenti indispensabbli ta' l-ivvjaġġar, l-ispejjeż tal-verifiki mediċi meħtieġa ta' qabel ir-ritorn, l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar u l-ikel għal dawk li jkunu ripatrijati u għal dawk li jakkumpanjawhom, inkluż il-persunal mediku u l-interpreti, l-akkommodazzjoni għal dawk il-persuni li jakkumpanjaw inklużi l-persunal mediku u l-interpreti, l-ispejjeż tat-trasport fl-Istat Membru u sal-pajjiż tar-ritorn u l-koperazzjoni ma' l-awtoritajiet tal-pajjiż ta' l-oriġini, tar-residenza preċedenti jew ta' transitu;

(2) fil-każijiet kollha ta' ritorn, assistenza speċifika għal persuni vulnerabbli bħal minuri, minuri mhux akkumpanjati, persuni diżabbli, persuni anzjani, nisa tqal, ġenituri waħedhom bi tfal minuri, u persuni li kienu soġġetti għal tortura, stupru jew forom serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali;

(3) barra minn hekk, fil-każ tar-ritorn sfurzat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew m'għadhomx jissodisfaw il-kondizzjonijiet għal dħul u soġġorn, l-ispejjeż għall-ivjaġġar, ikel u akkommodazzjoni temporanja tal-persuni ripatrijati u ta' dawk li jkunu qed jakkumpanjawhom mill-Istat Membru li qed jipparteċipa fl-Istat Membru li qed jorganizza qabel it-tluq fil-każ ta' operazzjonijiet konġunti ta' ritorn;

(4) barra minn hekk, fil-każ tar-ritorn volontarju ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew m'għadhomx jissodisfaw il-kondizzjonijiet għal dħul u soġġorn, għajnuna għal dawk ripatrijati fit-tħejjija għar-ritorn, kif ukoll l-ispejjeż meħtieġa ta' qabel ir-ritorn;

(5) barra minn hekk, fil-każ ta' ritorn volontarju ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex taħt obbligu li jħallu t-territorju ta' l-Istati Membri u f'każijiet oħrajn, fejn jitqies xieraq mill-Istati Membri, kontribut finanzjarju limitat għall-ispejjeż tal-bidu ta' wara r-ritorn, it-trasport ta' l-affarijiet personali tal-persuni ripatrijati, akkommodazzjoni temporanja xierqa għall-ewwel jiem wara l-wasla tagħhom fil-pajjiż tar-ritorn f'ċentru ta' akkoljenza jew, jekk ikun hemm il-ħtieġa, f'lukanda, għajnuna għal taħriġ u impjieg u, fejn ikun xieraq, appoġġ limitat tal-bidu għal attivitajiet ekonomiċi;

(6) l-edukazzjoni u t-taħriġ għall-persunal tal-korpi amministrattivi, ta' l-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji kompetenti, l-issekondar ta' dawn il-kategoriji ta' persunal minn Stati Membri oħrajn, sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni effettiva u uniformi ta' standards komuni dwar ir-ritorn u r-rispett ta' l-obbligi taħt l-istrumenti internazzjonali li jaffettwaw it-trattament ta' persuni ripatrijati, u biex tissaħħaħ il-koperazzjoni, kif ukoll missjonijiet biex ikunu valutati r-riżultati tal-linji politiċi tar-ritrorn f'pajjiżi terzi;

(7) fil-każ ta' koperazzjoni operattiva ma' l-awtoritajiet konsulari u mas-servizzi ta' l-immigrazzjoni ta' pajjiżi terzi bil-ħsieb li jinkisbu d-dokumenti ta' l-ivvjaġġar u biex ikunu żgurati proċeduri ta' tneħħija mgħaġġla, l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar u ta' l-akkommodazzjoni fl-Istati Membri għall-persunal ta' l-awtoritajiet u s-servizzi responsabbli għall-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-verifika tad-dokumenti ta' l-ivvjaġġar tagħhom;

(8) fil-każ ta' miżuri ta' integrazzjoni mill-ġdid għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex taħt obbligu li jħallu t-territorju ta' Stat Membru, inċentivi ta' flus kontanti u miżuri oħrajn għall-perijodu qasir meħtieġa għat-tnedija tal-progress ta' integrazzjoni mill-ġdid għall-iżvilupp personali tal-persuna ripatrijata bħal taħriġ, għajnuna għall-allokazzjoni u l-impjieg, appoġġ tal-bidu għal attivitajiet ekonomiċi u għajnuna u parir ta' wara r-ritorn;

(9) fil-każ ta' miżuri ta' integrazzjoni mill-ġdid għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew m'għadhomx jissodisfaw il-kondizzjonijiet għal dħul u soġġorn, fejn l-Istati Membri jqisu bħala xieraq, inċentivi ta' flus kontanti u miżuri oħrajn għall-perijodu qasir għat-tnedija tal-progress ta' l-integrazzjoni mill-ġdid għall-iżvilupp personali ta' persuni ripatrijati bħal taħriġ, għajnuna għall-allokazzjoni u l-impjieġ, appoġġ tal-bidu għal attivitajiet ekonomiċi u għajnuna u parir ta' wara r-ritorn, kif ukoll miżuri li bihom l-Istati Membri jkunu jistgħu joffru l-arranġmenti xierqa biex il-persuni ripatrijati jintlaqgħu lura fil-pajjiżi terzi meta dawn jaslu hemm.

*Artikolu 6*

**Azzjonijiet Komunitarji**

1. Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, jista' jintuża sa 7 % tar-riżorsi disponibbli tal-Fond biex jiġu ffinanzjati azzjonijiet transnazzjonali jew azzjonijiet ta' interess għall-Komunità kollha (minn hawn 'il quddiem imsejħa "azzjonijiet Komunitarji") li jikkonċernaw il-politika ta' ritorn u miżuri applikabbli għall-gruppi mmirati msemmijin fl-Artikolu 7.

2. Biex ikunu eliġibbli għal finanzjament, l-azzjonijiet Komunitarji għandhom b'mod partikolari:

(a) imexxu 'l quddiem il-koperazzjoni Komunitarja fl-implimentazzjoni tal-liġi Komunitarja u prattiki tajbin;

(b) jappoġġaw l-istabbiliment ta' networks ta' koperazzjoni transnazzjonali u proġetti pilota bbażati fuq sħubiji transnazzjonali bejn korpi li jkunu jinstabu f'żewġ Stati Membri jew aktar, li jkunu tfasslu biex jistimolaw l-innovazzjoni, jiffaċilitaw l-iskambju ta' esperjenza u prattika tajba u jtejbu l-kwalità tal-politika ta' ritorn;

(ċ) jappoġġaw kampanji transnazzjonali li jżidu l-għarfien;

(d) jappoġġaw l-istudji, it-tixrid u l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-aħjar prattiki u l-aspetti l-oħrajn kollha tal-politika ta' ritorn, inkluż l-użu ta' l-aktar teknoloġija moderna, b'mod partikolari biex titheġġeġ riċerka aktar komparattiva relatata ma' l-impatt ta' programmi ta' ritorn tal-passat u dawk preżenti;

(e) jappoġġaw proġetti pilota u studji li jistħarrġu l-possibbiltà ta' forom ġodda ta' koperazzjoni Komunitarja u tal-liġi Komunitarju f'dan il-qasam;

(f) jappoġġaw l-iżvilupp u l-applikazzjoni mill-Istati Membri ta' għodod, metodi u indikaturi ta' statistika komuni biex jiġu mkejla żviluppi ta' politika fil-qasam tar-ritorn, b'mod partikolari bil-ħsieb tad-disseminazzjoni ta' statistika diżaggregata skond ritorn volontarju u sfurzat;

(g) jappoġġaw l-iżvilupp u l-aġġornament regolari, f'koperazzjoni ma' l-Aġenzija Ewropea, ta' manwal komuni dwar l-aħjar prattiki fil-qasam tar-ritorn, inkluż dwar akkumpanjament;

(h) jipprovdu lill-Istati Membri b'servizzi ta' appoġġ f'każ ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza debitament sostanzjati li jeħtieġu azzjonijiet urġenti.

3. Il-programm ta' ħidma annwali li jistabbilixxi l-prijoritajiet għal azzjonijiet Komunitarji għandu jiġi adottat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

*Artikolu 7*

**Gruppi ta' mira**

1. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni l-gruppi ta' mira għandhom jinkludu:

(a) iċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li għadhom ma rċevewx deċiżjoni negattiva finali għat-talba tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru u li jistgħu jagħżlu li jagħmlu użu mir-ritorn volontarju, sakemm m'akkwistawx ċittadinanza ġdida u ma ħallewx it-territorju ta' dak l-Istat Membru;

(b) iċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li jgawdu minn forma ta' protezzjoni internazzjonali skond it-tifsira tad-Direttiva 2004/83/KE jew protezzjoni temporanja skond it-tifsira tad-Direttiva 2001/55/KE fi Stat Membru u li jagħżlu li jagħmlu użu mir-ritorn volontarju, sakemm m'akkwistawx ċittadinanza ġdida u ma ħallewx it-territorju ta' dak l-Istat Membru;

(ċ) iċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew m'għadhomx jissodisfaw il-kondizzjonijiet għal dħul u/jew soġġorn fi Stat Membru u li, skond l-obbligu li jħallu t-territorju ta' dak l-Istat Membru, jagħmlu użu mir-ritorn volontarju;

(d) iċ-ċittadini l-oħrajn kollha ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew m'għadhomx jissodisfaw il-kondizzjonijiet għal dħul u/jew soġġorn fi Stat Membru.

2. Ċittadin ta' pajjiżi terzi tfisser kwalunkwe persuna li ma tkunx ċittadin ta' l-Unjoni fit-tifsira ta' l-Artikolu 17(1) tat-Trattat.

KAPITOLU II

**PRINĊIPJI TA' ASSISTENZA**

*Artikolu 8*

**Komplementarjetà, konsistenza u konformità**

1. Il-Fond għandu jipprovdi assistenza li tikkomplementa azzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali, filwaqt li jintegra fihom il-prijoritajiet tal-Komunità.

2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assistenza mill-Fond u mill-Istati Membri tkun konsistenti ma' l-attivitajiet, il-linji politiċi u l-prijoritajiet tal-Komunità. Din il-konsistenza għandha tintwera b'mod partikolari fil-programm pluriennali msemmi fl-Artikolu 19.

3. L-operazzjonijiet iffinanzjati mill-Fond għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat u ta' l-atti adottati taħthom.

*Artikolu 9*

**Programmazzjoni**

1. L-objettivi tal-Fond għandhom jiġu segwiti fil-qafas ta' perijodu tal-programmazzjoni pluriennali mill-2008 sa l-2013, soġġett għal reviżjoni ta' nofs it-terminu skond l-Artikolu 22. Is-sistema ta' programmazzjoni pluriennali għandha tinkludi l-prijoritajiet u l-proċess tal-ġestjoni, it-teħid ta' deċiżjonijiet, il-verifika u ċ-ċertifikazzjoni.

2. Il-programmi pluriennali approvati mill-Kummissjoni għandhom jiġu implimentati permezz ta' programmi annwali.

*Artikolu 10*

**Intervent sussidjarju u proporzjonali**

1. L-implimentazzjoni tal-programmi pluriennali u annwali msemmijin fl-Artikoli 19 u 21 għandha tkun ir-responsabbiltà ta' l-Istati Membri fil-livell territorjali xieraq, skond is-sistema istituzzjonali speċifika għal kull Stat Membru. Din ir-responsabbiltà għandha tiġi eżerċitata skond din id-Deċiżjoni.

2. F'relazzjoni mad-dispożizzjonijiet ta' verifika, il-mezzi użati mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri għandhom ivarjaw skond id-daqs tal-kontribut Komunitarju. L-istess prinċipju għandu japplika għad-dispożizzjonijiet dwar l-evalwazzjoni u għar-rapporti dwar programmi pluriennali u annwali.

*Artikolu 11*

**Metodi ta' implimentazzjoni**

1. Il-baġit Komunitarju allokat għall-Fond għandu jiġi implimentat skond l-Artikolu 53 (1), punt (b) tar-Regolament Finanzjarju, bl-eċċezzjoni ta' l-azzjonijiet Komunitarji msemmijin fl-Artikolu 6 u l-assistenza teknika msemmija fl-Artikolu 16 ta' din id-Deċiżjoni.

2. Il-Kummissjoni teżerċita r-responsabbiltà tagħha biex timplimenta l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea billi:

(a) tikkontrolla l-eżistenza u l-funzjonament xieraq tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll fl-Istati Membri skond il-proċeduri deskritti fl-Artikolu 32;

(b) iżżomm jew tissospendi l-ħlasijiet kollha jew partijiet minnhom skond il-proċedura deskritta fl-Artikoli 41 u 42 jekk is-sistemi nazzjonali ta' ġestjoni u kontroll jonqsu, u billi tapplika kwalunkwe korrezzjoni finanzjarja oħra meħtieġa, skond il-proċeduri deskritti fl-Artikoli 45 u 46.

*Artikolu 12*

**Sħubija**

1. Kull Stat Membru għandu jorganizza, skond ir-regoli u l-prattika nazzjonali attwali, sħubija ma' l-awtoritajiet u l-korpi li huma involuti fl-implimentazzjoni tal-programm pluriennali jew li fl-opinjoni ta' l-Istat Membru kkonċernat jistgħu jipprovdu kontribut utli għall-iżvilupp tiegħu.

Tali awtoritajiet u korpi jistgħu jinkludu l-awtoritajiet reġjonali, lokali, urbani u awtoritajiet pubbliċi oħrajn, organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari l-UNHCR, u korpi li jirrappreżentaw is-soċjetà ċivili bħal organizzazzjonijiet mhux governattivi jew imsieħba soċjali.

2. Tali sħubija għandha titwettaq f'konformità sħiħa mal-ġurisdizzjoni istituzzjonali, legali u finanzjarja rispettiva ta' kull kategorija ta' msieħba.

KAPITOLU III

**QAFAS FINANZJARJU**

*Artikolu 13*

**Riżorsi globali**

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2013 għandu jkun ta' EUR 676 miljun.

2. L-approprjazzjonijiet annwali għall-Fond għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità tal-baġit fil-limiti tal-Qafas Finanzjarju.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel tqassim annwali indikattiv għal kull Stat Membru skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 14.

*Artikolu 14*

**Distribuzzjoni annwali ta' riżorsi għal azzjonijiet eliġibbli fl-Istati Membri**

1. Kull Stat Membru għandu jirċievi ammont fiss ta' EUR 300 000 mill-allokazzjoni annwali tal-Fond.

Dan l-ammont għandu jiġi mgħolli għal EUR 500 000 fis-sena għall-perijodu mill-2008 sa l-2013 għal dawk l-Istati Membri li ssieħbu ma' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004.

Dan l-ammont għandu jiżdied għal EUR 500 000 fis-sena għal dawk l-Istati Membri li ssieħbu ma' l-Unjoni Ewropea matul il-perijodu mill-2007 sa l-2013 għall-bqija tal-perijodu mill-2008 sa l-2013 mis-sena ta' wara l-adeżjoni tagħhom.

2. Il-bqija tar-riżorsi annwali disponibbli għandhom jiġu mqassmin bejn l-Istati Membri kif ġej:

(a) 50 % fi proporzjon għan-numru totali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jissodisfawx jew m'għadhomx jissodisfaw il-kondizzjonijiet għal dħul u soġġorn fit-territorju ta' l-Istat Membru u li huma soġġetti għal deċiżjoni ta' ritorn taħt il-liġi nazzjonali u/jew dik Komunitarja, jiġifieri deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju, li jkun jiddikjara l-illegalità tas-soġġorn u jimponi obbligu ta' ritorn, matul it-tliet snin ta' qabel;

(b) 50 % fi proporzjon għan-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ħallew fil-fatt it-territorju ta' l-Istat Membru wara li tkun inħarġet lilhom ordni amministrattiva jew ġudizzjarja biex dawn jitilqu, kemm jekk din tkun volontarja kif ukoll sfurzata, matul it-tliet snin ta' qabel.

3. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi msemmijin fil-paragrafu 2 m'għandhomx jinkludu:

(a) ċittadini ta' pajjiżi terzi li, preżenti f'żona ta' transitu ta' Stat Membru, jkunu ġew miċħuda d-dħul;

(b) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jridu jiġu mibgħuta lura minn Stat Membru lejn Stat Membru ieħor, b'mod partikolari skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni ta' ażil li tkun ġiet ippreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiżi terzi ([1]).

4. Iċ-ċifri ta' referenza għandhom ikunu l-aħħar statistika provduta mill-Kummissjoni (Eurostat) abbażi ta' data pprovduta mill-Istati Membri skond il-liġi tal-Komunità.

Meta l-Istati Membri ma jkunux taw l-istatistiċi konċernati lill-Kummissjoni (Eurostat), huma għandhom jipprovdu data proviżorja malajr kemm jista' jkun.

([1]) ĠU L 50, 25.2.2003, p. 1.

Qabel taċċetta din id-data bħala ċifri ta' referenza, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tevalwa l-kwalità, il-komparabbiltà u l-kompletezza ta' l-informazzjoni ta' l-istatistika skond il-proċeduri operattivi normali. Fuq talba tal-Kummissjoni (Eurostat), l-Istati Membri għandhom jagħtuha l-informazzjoni meħtieġa biex tagħmel dan.

*Artikolu 15*

**Struttura ta' finanzjament**

1. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji taħt il-Fond għandu jieħu l-forma ta' għotjiet.

2. L-azzjonijiet appoġġati mill-Fond għandhom jiġu kofinanzjati minn sorsi pubbliċi jew privati, għandhom ikunu ta' natura mingħajr skopijiet ta' qligħ u m'għandhomx ikunu eliġibbli għal finanzjament minn sorsi oħrajn li jkunu koperti mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.

3. L-approprjazzjonijiet tal-Fond għandhom ikunu komplementari għall-infiq pubbliku jew l-ekwivalenti tiegħu allokat mill-Istati Membri għall-miżuri koperti minn din id-Deċiżjoni.

4. Il-kontribut Komunitarju għall-proġetti appoġġati, fir-rigward ta' azzjonijiet implimentati fl-Istati Membri taħt l-Artikolu 3 m'għandux jeċċedi 50 % ta' l-ispiża totali ta' azzjoni speċifika.

Dan jista' jiżdied sa 75 % għal proġetti li jindirizzaw prijoritajiet speċifiċi li jkunu ġew identifikati fil-linji gwida strateġiċi kif definit fl-Artikolu 18.

Il-kontribut Komunitarju għandu jiżdied għal 75 % fl-Istati Membri koperti bil-Fond tal-Koeżjoni.

5. Fil-qafas ta' l-implimentazzjoni tal-programmazzjoni nazzjonali kif stabbilit fil-Kapitolu IV, l-Istati Membri għandhom jagħżlu proġetti għall-finanzjament abbażi tal-kriterji minimi li ġejjin:

(a) is-sitwazzjoni u l-ħtiġiet fl-Istat Membru kkonċernat;

(b) il-vijabiltà ekonomika tan-nefqa, inter alia bil-ħsieb tan-numru ta' persuni konċernati fil-proġett;

(ċ) l-esperjenza, il-kompetenza, l-affidabbiltà u l-kontribut finanzjarju ta' l-organizzazzjoni li tkun qed tapplika għall-finanzjament u ta' kwalunkwe organizzazzjoni msieħba;

(d) il-punt sa liema l-proġetti jikkomplementaw azzjoni oħra ffinanzjata mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea jew bħala parti minn programmi nazzjonali.

6. Bħala regola ġenerali, għajnuna finanzjarja Komunitarja għal azzjonijiet appoġġati mill-Fond għandha tingħata għal perijodu ta' mhux iżjed minn tliet snin, soġġett għal rapporti ta' progress perijodiċi.

*Artikolu 16*

**Assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni**

1. Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni u/jew f'isimha, soġġett għal limitu massimu ta' EUR 500 000 ta' l-allokazzjoni annwali tal-Fond, il-Fond jista' jiffinanzja l-miżuri ta' tħejjija, monitoraġġ, il-miżuri ta' appoġġ amministrattiv u tekniku, kif ukoll miżuri ta' evalwazzjoni, verifika u spezzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. Dawk il-miżuri għandhom jinkludu:

(a) studji, evalwazzjonijiet, rapporti ta' esperti u statistika, inklużi dawk ta' natura ġenerali dwar it-tħaddim tal-Fond;

(b) miżuri ta' informazzjoni għall-Istati Membri, il-benefiċjarji finali u l-pubbliku ġenerali, inklużi kampanji ta' sensibilizzazzjoni u database komuni dwar il-proġetti ffinanzjati taħt il-Fond;

(ċ) l-installazzjoni, it-tħaddim u l-interkonnessjoni ta' sistemi kompjuterizzati għall-ġestjoni, il-monitoraġġ, l-ispezzjoni u l-evalwazzjoni;

(d) it-tfassil ta' qafas komuni għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ kif ukoll sistemi ta' indikaturi, li jqiesu, fejn xieraq, indikaturi nazzjonali;

(e) titjib fil-metodi ta' evalwazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar prattika f'dan il-qasam;

(f) miżuri ta' informazzjoni u taħriġ għall-awtoritajiet magħżulin mill-Istati Membri skond l-Artikolu 25, komplementari ma' l-isforzi ta' l-Istati Membri biex jipprovdu gwida lill-awtoritajiet tagħhom skond l-Artikolu 31(2).

*Artikolu 17*

**Assistenza teknika fuq l-inizjattiva ta' l-Istati Membri**

1. Fuq l-inizjattiva ta' Stat Membru, għal kull programm annwali, il-Fond jista' jiffinanzja miżuri ta' tħejjija, ġestjoni, monitoraġġ, evalwazzjoni, informazzjoni u kontroll, kif ukoll miżuri għat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Fond.

2. L-ammont imwarrab għal assistenza teknika taħt kull programm annwali ma jistax jeċċedi:

(a) għall-perjodu mill-2008 sa l-2010, 7 % ta' l-ammont annwali totali tal-kofinanzjament allokat għal dak l-Istat Membru magħdud ma' EUR 30 000; u

(b) għall-perjodu mill-2011 sa l-2013, 4 % ta' l-ammont annwali totali tal-finanzjament konġunt allokat għal dak l-Istat Membru magħdud ma' EUR 30 000.

KAPITOLU IV

**PROGRAMMAZZJONI**

*Artikolu 18*

**Adozzjoni ta' linji gwida strateġiċi**

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta linji gwida strateġiċi li jistabbilixxu qafas għall-intervent tal-Fond, waqt li jitqies il-progress fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni Komunitarja fil-qasam tar-ritorn u miżuri meħuda mill-Komunità fil-qasam ta' l-immigrazzjoni illegali, kif ukoll id-distribuzzjoni indikattiva tar-riżorsi finanzjarji tal-Fond għall-perijodu tal-programm pluriennali;

2. Għall-objettivi tal-Fond msemmija fl-Artikolu 3, paragrafu 1, punt (a) u (b), dawk il-linji gwida għandhom jiffokaw b'mod partikolari fuq il-prijoritajiet tal-Komunità bil-ħsieb li jippromwovi:

(a) ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li m'humiex fil-pussess ta' passaporti jew dokumenti oħrajn ta' l-identità;

(b) ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ma jkunux koperti taħt ftehim Komunitarji dwar l-ammissjoni mill-ġdid jew taħt ftehim bilaterali nazzjonali dwar l-ammissjoni mill-ġdid, bil-ħsieb li jissaħħaħ l-obbligu ta' Stat taħt il-liġi internazzjonali biex jiġu ammessi mill-ġdid iċ-ċittadini tagħhom stess;

(ċ) ir-ritorn lejn pajjiż partikolari ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u ta' persuni mingħajr ċittadinanza li jkunu ġew minn jew kienu għexu f'dan il-pajjiż mhux bħala ċittadini ta' dak il-pajjiż;

(d) ir-ritorn ta' persuni li m'għandhom ebda obbligu li jħallu t-territorju ta' l-Istati Membri, bħal applikanti għal ażil li għadhom ma rċevewx deċiżjoni negattiva u persuni li jgawdu minn forma ta' protezzjoni internazzjonali fis-sens tad-Direttiva 2004/83/KE jew protezzjoni temporanja fis-sens tad-Direttiva 2001/55/KE;

(e) ir-ritorn ta' gruppi partikolarment vulnerabbli.

Għall-objettiv tal-Fond imsemmi fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1, il-punt (ċ), dawk il-linji gwida għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-prijoritajiet tal-Komunità biex jippromwovu il-konoxxenza dwar l-istandards komuni madwar l-Unjoni Ewropea u l-integrazzjoni ta' dawn l-istandards fil-proċessi tat-tmexxija ta' kuljum tar-ritorn fl-awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istati Membri.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-linji gwida strateġiċi li għandhom x'jaqsmu mal-perijodu ta' programmazzjoni pluriennali sal-31 ta' Lulju 2007.

4. Il-linji gwida strateġiċi għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 52(3). Il-linji gwida strateġiċi, ladarba jiġu adottati, għandhom jiġu annessi ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 19*

**Tħejjija u approvazzjoni tal-programmi pluriennali nazzjonali**

1. Kull Stat Membru għandu jipproponi, abbażi tal-linji gwida strateġiċi msemmijin fl-Artikolu 18, abbozz ta' programm pluriennali li għandu jikkonsisti mill-elementi li ġejjin:

(a) deskrizzjoni tas-sitwazzjoni attwali fl-Istat Membru rigward il-prinċipju ta' ġestjoni ta' ritorn integrat, il-koperazzjoni ma' l-awtoritajiet konsulari u s-servizzi ta' l-immigrazzjoni ta' pajjiżi terzi, il-miżuri u l-politika dwar ir-ritorn volontarju u dak infurzat, b'data disaggregata, safejn din tkun disponibbli, bejn ritorn volontarju u dak sfurzat, l-approċċ għall-miżuri ta' integrazzjoni mill-ġdid u s-sostenibbiltà tar-ritorn, il-bini tal-kapaċità ta' l-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji kompetenti, u l-koperazzjoni ma' Stati Membri oħrajn fir-rigward ta' dawn ta' hawn fuq;

(b) analiżi tal-ħtiġiet fl-Istati Membri in kwistjoni f'termini tal-koperazzjoni ma' l-awtoritajiet konsulari u s-servizzi ta' immigrazzjoni ta' pajjiżi terzi, il-miżuri u l-politika dwar ir-ritorn volontarju u r-ritorn infurzat, l-approċċ għall-miżuri ta' integrazzjoni mill-ġdid u s-sostenibbltà tar-ritorn, il-bini tal-kapaċità ta' l-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji kompetenti u l-koperazzjoni ma' Stati Membri oħra fir-rigward ta' dawn ta' hawn fuq, kif ukoll indikazzjoni dwar l-objettivi operattivi mfassla biex jiġu sodisfatti dawk il-ħtiġijiet matul il-perijodu kopert bil-programm pluriennali;

(ċ) il-preżentazzjoni ta' strateġija adegwata biex dawk l-objettivi jkunu jistgħu jintlaħqu u l-prijoritajiet marbuta mat-twettiq tagħhom, flimkien ma' deskrizzjoni ta' l-azzjonijiet previsti biex dawk il-prijoritajiet jiġu implimentati;

(d) indikazzjoni dwar jekk dik l-istrateġija hijiex kompatibbli ma' strumenti reġjonali, nazzjonali u Komunitarji oħrajn;

(e) informazzjoni dwar il-prijoritajiet u l-miri speċifiċi tagħhom. Dawk il-miri għandhom jiġu kkwantifikati bl-użu ta' numru limitat ta' indikaturi biex jittieħed kont tal-prinċipju ta' proporzjonalità. L-indikaturi għandhom jippermettu li jitkejjel il-progress f'relazzjoni mas-sitwazzjoni tal-bidu u l-effettività tal-miri li jimplimentaw il-prijoritajiet;

(f) deskrizzjoni ta' l-approċċ magħżul għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' sħubija stabbilit fl-Artikolu 12;

(g) abbozz ta' pjan ta' finanzjament li jistabbilixxi, għal kull prijorità u kull programm annwali, il-kontribut finanzjarju propost tal-Fond u l-ammont globali tal-finanzjament konġunt pubbliku jew privat;

(h) id-dispożizzjonijiet stabbiliti biex jiġi żgurat li l-programm pluriennali jsir pubbliku.

2. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw l-abbozz tal-programm pluriennali tagħhom lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn erba' xhur wara li l-Kummissjoni tkun ipprovdiet il-linji gwida strateġiċi.

3. Sabiex tapprova l-abbozz tal-programm pluriennali, il-Kummissjoni għandha teżamina:

(a) il-konsistenza ta' abbozz tal-programm pluriennali ma' l-objettivi tal-Fond u l-linji gwida strateġiċi msemmija fl-Artikolu 18;

(b) ir-rilevanza ta' l-azzjonijiet previsti fl-abbozz tal-programm pruiennali fid-dawl ta' l-istrateġija proposta;

(ċ) il-konformità ta' l-arranġamenti ta' ġestjoni u kontroll stabbiliti mill-Istat Membru għall-implimentazzjoni ta' l-interventi tal-Fond mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni;

(d) il-konformità ta' l-abbozz tal-programm pluriennali mal-liġi Komunitarja u b'mod partikolari mal-liġi Komunitarja li timmira li tiżgura l-moviment liberu ta' persuni flimkien mal-miżuri ta' appoġġ li huma relatati direttament fir-rigward tal-kontrolli tal-fruntieri esterni, l-azil u l-immigrazzjoni.

4. Fejn il-Kummissjoni tqis li abbozz ta' programm pluriennali ma jkunx konsistenti mal-linji gwida strateġiċi u/jew ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni li tistabbilixxi s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll jew skond il-liġi Komunitarja, hija għandha titlob lill-Istat Membru kkonċernat biex jipprovdi l-informazzjoni addizzjonali kollha meħtieġa u, fejn xieraq, jirrevedi l-abbozz tal-programm pluriennali propost kif meħtieġ.

5. Il-Kummissjoni għandha tapprova kull programm pluriennali fi żmien tliet xhur mis-sottomissjoni formali tiegħu, skond il-proċedura ta' ġestjoni msemmija fl-Artikolu 52(2).

*Artikolu 20*

**Reviżjoni ta' programmi pluriennali**

1. Fuq l-inizjattiva ta' l-Istat Membru kkonċernat jew il-Kummissjoni, il-programm pluriennali għandu jiġi eżaminat mill-ġdid u, jekk ikun meħtieġ, rivedut għall-bqija tal-perijodu tal-programmazzjoni sabiex jikkunsidra aktar jew b'mod differenti l-prijoritajiet Komunitarji. Il-programmi pluriennali jistgħu jiġu eżaminati mill-ġdid fid-dawl ta' l-evalwazzjonijiet u/jew wara diffikultajiet fl-implimentazzjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li tapprova r-reviżjoni tal-programm pluriennali malajr kemm jista' jkun wara s-sottomissjoni formali ta' talba għal dan mill-Istat Membru kkonċernat. Ir-reviżjoni tal-programm pluriennali għandha ssir skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

*Artikolu 21*

**Programmi annwali**

1. Il-programm pluriennali approvat mill-Kummissjoni għandu jiġi implimentat permezz ta' programmi ta' ħidma annwali.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istati Membri, sa l-1 ta' Lulju ta' kull sena, stima ta' l-ammonti li għandhom jiġu allokati lilhom għas-sena ta' wara mit-total ta' approprijazzjonijiet allokati taħt il-proċedura baġitarja annwali, ikkalkolati kif previst fl-Artikolu 14.

3. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni, sa l-1 ta' Novembru ta' kull sena, abbozz ta' programm annwali għas-sena ta' wara, stabbilit skond il-programm pluriennali, u li jikkonsisti mill-elementi li ġejjin:

(a) ir-regoli ġenerali għall-għażla tal-proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati taħt il-programm annwali;

(b) deskrizzjoni ta' l-azzjonijiet li għandhom jiġu appoġġati taħt il-programm annwali;

(ċ) it-tqassim finanzjarju propost tal-kontribut tal-Fond bejn id-diversi azzjonijiet tal-programm u indikazzjoni ta' l-ammont mitlub biex ikopri l-assistenza teknika taħt l-Artikolu 17 għall-fini ta' l-implimentazzjoni tal-programm annwali.

4. B'deroga mill-paragrafu 3, l-Istati Membri għandhom jissottomettu l-abbozzi tal-programmi annwali għall-2008 lill-Kummissjoni sa l-1 ta' Marzu 2008.

5. Meta teżamina l-abbozz tal-programm annwali ta' Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tqis l-ammont finali ta' l-approprjazzjonijiet allokati għall-Fond taħt il-proċedura baġitarja.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru kkonċernat, fi żmien xahar mill-preżentazzjoni formali ta' l-abbozz tal-programm annwali, dwar jekk jistax jiġi tapprovat. Jekk l-abbozz tal-programm annwali ma jkunx konsistenti mal-programm pluriennali, il-Kummissjoni għandha titlob lil dak l-Istat Membru biex jipprovdi l-informazzjoni kollha meħtieġa u, fejn xieraq, biex jirrevedi l-abozz tal-programm annwali kif meħtieġ.

Il-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjoni tal-finanzjament, li tapprova l-programm annwali, sa l-1 ta' Marzu tas-sena kkonċernata. Id-deċiżjoni għandha tindika l-ammont allokat lill-Istat Membru kkonċernat u l-perijodu li għalih l-infiq huwa eliġibbli.

6. Biex jitqiesu s-sitwazzjonijiet ta' emerġenza debitament issostanzjati li ma jkunux previsti fiż-żmien ta' l-approvazzjoni tal-programm annwali u li jkunu jeħtieġu azzjoni urġenti, Stat Membru jista' jirrevedi sa 10 % tat-tqassim finanzjarju tal-kontribut mill-Fond bejn id-diversi azzjonijiet elenkati fil-programm annwali jew jalloka sa 10 % tat-tqassim lil azzjonijiet oħrajn skond din id-Deċiżjoni. L-Istat Membru kkonċernat għandu jiġi infurmat mill-Kummissjoni dwar il-programm annwali rivedut.

*Artikolu 22*

**Reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-programm pluriennali**

1. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-linji gwida strateġiċi u fejn meħtieġ, tadotta linji gwida strateġiċi riveduti għall-perijodu mill-2011 sa l-2013, sal-31 ta' Marzu 2010.

2. Jekk jiġu adottati tali linji gwida strateġiċi riveduti, kull Stat Membru għandu jeżamina l-programm pluriennali tiegħu mill-ġdid u fejn xieraq, jirrevedih.

3. Ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 19 dwar it-tħejjija u l-approvazzjoni tal-programmi pluriennali nazzjonali għandhom japplikaw mutatis mutandis għat-tħejjija u l-approvazzjoni ta' dawn il-programmi pluriennali riveduti.

4. Il-linji gwida strateġiċi riveduti għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 52(3).

KAPITOLU V

**SISTEMI TA' ĠESTJONI U KONTROLL**

*Artikolu 23*

**Implimentazzjoni**

Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għandha tadotta tali regoli ta' implimentazzjoni li jistgħu jkunu meħtieġa.

*Artikolu 24*

**Prinċipji ġenerali fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll**

Is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-programmi pluriennali stabbiliti mill-Istati Membri għandhom jipprovdu:

(a) għad-definizzjoni tal-funzjonijiet tal-korpi konċernati fil-ġestjoni u l-kontroll u l-allokazzjoni tal-funzjonijiet fi ħdan kull korp;

(b) għar-rispett tal-prinċipju ta' separazzjoni tal-funzjonijiet bejn u fi ħdan tali korpi;

(ċ) għal riżorsi adegwati għal kull korp biex iwettaq il-funzjonijiet li jkunu ġew allokati lilu matul il-perijodu kollu ta' l-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet kofinanzjati mill-Fond;

(d) għal proċeduri biex tiġi żgurata l-korrettezza u r-regolarità ta' l-infiq iddikjarat taħt il-programmi annwali;

(e) għal sistemi affidabbli ta' kontabilità, monitoraġġ u rappurtar finanzjarju f'forma kompjuterizzata;

(f) għal sistema ta' rappurtar u monitoraġġ fejn il-korp responsabbli jafda t-twettiq tal-kompiti lil korp ieħor;

(g) għal manwali tal-proċeduri fir-rigward tal-funzjonijiet li għandhom jitwettqu;

(h) għal arranġamenti għall-verifika tat-tħaddim tas-sistema;

(i) għal sistemi u proċeduri biex jiġi żgurat rekord ta' verifika adegwat;

(j) għal proċeduri ta' rappurtar u monitoraġġ għal irregolaritajiet u għall-irkupru ta' ammonti mħallsin indebitament.

*Artikolu 25*

**Ħatra ta' l-awtoritajiet**

1. Għall-implimentazzjoni tal-programm pluriennali u l-programmi annwali tiegħu l-Istat Membru għandu jaħtar dawn li ġejjin:

(a) awtorità responsabbli: korp funzjonali ta' l-Istat Membru, awtorità pubblika nazzjonali jew korp maħtur mill-Istat Membru jew korp regolat mil-liġi privata ta' l-Istat Membru u li għandu missjoni ta' servizz pubbliku, li se jkun responsabbli għall-ġestjoni tal-programm pluriennali u l-programmi annwali appoġġati mill-Fond u li għandu jittratta l-komunikazzjonijiet kollha mal-Kummissjoni;

(b) awtorità ta' ċertifikazzjoni: korp jew awtorità pubblika nazzjonali, jew individwu li jaġixxi bħala tali korp jew awtorità, maħtur mill-Istat Membru biex jiċċertifika d-dikjarazzjonijiet ta' l-infiq qabel ma jintbagħtu lill-Kummissjoni;

(ċ) awtorità ta' verifika: awtorità jew korp pubbliku nazzjonali, sakemm jitħaddem b'mod indipendenti mill-awtorità responsabbli u mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni, magħżul mill-Istat Membru u responsabbli għall-verifika tat-tħaddim effettiv tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll;

(d) fejn xieraq, awtorità delegata.

2. L-Istat Membru għandu jistabbilixxi regoli li jirregolaw ir-relazzjonijiet tiegħu ma' l-awtoritajiet imsemmijin fil-paragrafu 1 u r-relazzjonijiet tagħhom mal-Kummissjoni.

3. Soġġett għall-Artikolu 24 punt (b), uħud mill-awtoritajiet imsemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jew kollha kemm huma jistgħu jkunu fi ħdan l-istess korp.

4. Ir-regoli għall-implimentazzjoni ta' l-Artikoli 26 sa 30 għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

*Artikolu 26*

**Awtorità responsabbli**

1. L-awtorità responsabbli għandha tissodisfa l-kondizzjonijiet minimi li ġejjin. Hija għandha:

(a) jkollha personalità ġuridika, ħlief fejn ikun korp funzjonali ta' l-Istat Membru;

(b) jkollha l-infrastruttura meħtieġa biex tikkomunika b'mod faċli ma' sensiela wiesgħa ta' utenti u ma' korpi responsabbli fl-Istati Membri l-oħrajn u mal-Kummissjoni;

(ċ) taħdem f'kuntest amministrattiv li jkun jippermettilha li twettaq il-kompiti tagħha b'mod korrett u li jkun evitat kwalunkwe kunflitt ta' interess;

(d) tkun f'pożizzjoni li tapplika r-regoli ta' ġestjoni tal-fond Komunitarju;

(e) jkollha kapaċitajiet finanzjarji u ta' ġestjoni li jkunu proporzjonati għall-volum tal-fondi Komunitarji li hija jkollha tamministra;

(f) jkollha għad-dispożizzjoni tagħha persunal bi kwalifiki professjonali xierqa għal xogħol amministrattiv f'ambjent internazzjonali.

2. L-Istat Membru għandu jipprovdi lill-awtorità responsabbli bil-finanzjament adegwat biex hija tkun tista' tkompli twettaq il-kompiti tagħha sew matul il-perijodu kollu mill-2008 sa l-2013.

3. Il-Kummissjoni tista tassisti lill-Istati Membri fit-taħriġ tal-persunal, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-applikazzjoni korretta tal-Kapitoli V sa IX.

*Artikolu 27*

**Kompiti ta' l-awtorità responsabbli**

1. L-awtorità responsabbli għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-programm pluriennali skond il-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja soda.

Hija għandha b'mod partikolari:

(a) tikkonsulta l-imsieħba skond l-Artikolu 12;

(b) tippreżenta lill-Kummissjoni proposti għall-programmi pluriennali u annwali msemmija fl-Artikoli 19 u 21;

(ċ) torganizza u tirreklama sejħiet għal offerti u proposti jekk xieraq;

(d) torganizza l-għażla ta' proġetti għall-finanzjament konġunt taħt il-Fond skond il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 5 ta' l-Artikolu 15;

(e) tirċievi l-ħlasijiet imwettqa mill-Kummissjoni, u tħallas lill-benefiċjarji finali;

(f) tiżgura konsistenza u komplementarjetà bejn il-finanzjament konġunt taħt il-Fond u minn strumenti finanzjarji nazzjonali u Komunitarji rilevanti oħrajn;

(g) tissorvelja l-kunsinna tal-prodotti u s-servizzi kofinanzjati u tikkontrolla li l-infiq iddikjarat għall-azzjonijiet ikun fil-fatt sar u jkun konformi mar-regoli Komunitarji u nazzjonali;

(h) tiżgura li jkun hemm sistema ta' reġistrazzjoni u ħażna f'rekords ta' kontabilità ta' forma kompjuterizzata għal kull azzjoni taħt il-programmi annwali u li d-data dwar l-implimentazzjoni li tkun meħtieġa għall-ġestjoni, il-monitoraġġ, il-kontroll u l-evalwazzjoni finanzjarja tinġabar;

(i) tiżgura li l-benefiċjarji finali u l-korpi l-oħra involuti fl-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet kofinanzjati mill-Fond iżommu sistema ta' kontabilità separata jew kodiċi adegwat ta' kontabilità għat-transazzjonijiet kollha relatati ma' l-azzjoni mingħajr ħsara għar-regoli nazzjonali tal-kontabilità;

(j) tiżgura li l-evalwazzjonijiet tal-Fond imsemmijin fl-Artikolu 49 jitwettqu fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 50(2) u jkunu jilħqu l-istandards ta' kwalità miftiehma bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru;

(k) tistabbilixxi proċeduri li jiżguraw li d-dokumenti kollha dwar l-infiq u l-verifika meħtieġa biex ikun żgurat rekord adegwat ta' verifika, jinżammu skond il-ħtiġijiet imsemmijin fl-Artikolu 43;

(l) tiżgura li l-awtorità ta' verifika tirċievi, għall-finijiet tat-twettiq tal-verifiki definiti fl-Artikolu 30(1), l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-proċeduri ta' ġestjoni li jkunu qed jiġu applikati u dwar il-proġetti kofinanzjati mill-Fond;

(m) tiżgura li l-awtorità ta' ċertifikazzjoni tirċievi l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-proċeduri u l-verifiki li jitwettqu fir-rigward tan-nefqa għall-fini ta' ċertifikazzjoni;

(n) tfassal u tippreżenta lill-Kummissjoni rapporti ta' progress u rapporti finali dwar l-implimentazzjoni tal-programmi annwali, dikjarazzjonijiet ta' l-infiq iċċertifikati mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni u talbiet għal ħlas, jew, fejn ikun xieraq, dikjarazzjonijiet ta' rimborż;

(o) twettaq attivitajiet ta' informazzjoni u konsultattivi u xxerred ir-riżultati ta' l-azzjonijiet appoġġati;

(p) tikkoopera mal-Kummissjoni u ma' l-awtoritajiet responsabbli fl-Istati Membri l-oħrajn;

(q) tivverifika l-implimentazzjoni mill-benefiċjarji finali tal-linji gwida msemmija fl-Artikolu 33(6).

2. L-attivitajiet ta' ġestjoni ta' l-awtorità responsabbli għall-proġetti implimentati fl-Istati Membri jistgħu jiġu ffinanzjati taħt l-arranġamenti ta' assistenza teknika msemmijin fl-Artikolu 16.

*Artikolu 28*

**Delegazzjoni ta' kompiti mill-awtorità responsabbli**

1. Fejn il-kompiti kollha ta' l-awtorità responsabbli, jew uħud minnhom, jiġu delegati lil awtorità delegata, l-awtorità responsabbli għandha tiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-kompiti delegati, u tistabbilixxi proċeduri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-kompiti delegati, li għandhom ikunu konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 26.

2. Dawn il-proċeduri għandhom jinkludu l-għoti ta' informazzjoni regolari lill-awtorità responsabbli dwar il-prestazzjoni effettiva tal-kompiti delegati u deskrizzjoni tal-mezzi li jkunu ntużaw.

*Artikolu 29*

**Awtorità ta' ċertifikazzjoni**

1. L-awtorità ta' ċertifikazzjoni għandha:

(a) tiċċertifika li:

(i) id-dikjarazzjoni ta' l-infiq hija preċiża, tirriżulta minn sistemi ta' kontabilità affidabbli u hija bbażata fuq dokumenti ta' appoġġ verifikabbli;

(ii) l-infiq iddikjarat ikun konformi mar-regoli Komunitarji u nazzjonali applikabbli u jkun sar għall-azzjonijiet magħżulin skond il-kriterji applikabbli għall-programm u li jkunu konformi mar-regoli Komunitarji u nazzjonali;

(b) tiżgura għall-finijiet ta' ċertifikazzjoni li tkun irċeviet informazzjoni adegwata mill-awtorità responsabbli dwar il-proċeduri u l-verifiki mwettqa fir-rigward ta' l-infiq inkluż fid-dikjarazzjonijiet ta' l-infiq;

(ċ) tqis għall-finijiet taċ-ċertifikazzjoni tar-riżultati tal-verifiki kollha li jkunu twettqu minn jew taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtorità ta' verifika;

(d) iżżomm rekords ta' kontabilità f'forma kompjuterizzata ta' l-infiq iddikjarat lill-Kummissjoni;

(e) tivverifika l-irkupru ta' kwalunkwe finanzjament Komunitarju li jinstab li tħallas indebitament bħala riżultat ta' irregolaritajiet li jiġu identifikati, flimkien ma' l-imgħax fejn ikun il-każ;

(f) iżżomm kont ta' l-ammonti rekuperabbli u rekuperati taħt il-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea, fejn huwa possibbli billi dawn jitnaqqsu mid-dikjarazzjoni ta' l-infiq li jmiss.

2. L-attivitajiet ta' l-awtorità ta' ċertifikazzjoni relatati mal-proġetti implimentati fl-Istati Membri jistgħu jiġu ffinanzjati taħt l-arranġamenti ta' l-assistenza teknika msemmija fl-Artikolu 17, sakemm il-prerogattivi ta' din l-awtorità, kif deskritt fl-Artikolu 25, jiġu rispettati.

*Artikolu 30*

**Awtorità ta' verifika**

1. L-awtorità ta' verifika għandha:

(a) tiżgura li l-verifiki jitwettqu biex jiġi verifikat it-tħaddim effettiv tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll;

(b) tiżgura li jsiru l-verifiki ta' l-azzjonijiet abbażi ta' kampjun xieraq biex tivverifika l-infiq iddikjarat; il-kampjun għandu jirrappreżenta mill-inqas 10 % ta' l-infiq eliġibbli kollu għal kull programm annwali;

(ċ) tippreżenta lill-Kummissjoni, fi żmien sitt xhur mill-approvazzjoni tal-programm pluriennali, strateġija ta' verifika li tkopri l-korpi li se jwettqu l-verifiki msemmijin taħt il-punti (a) u (b), b'hekk jiġi żgurat li l-benefiċjarji ewlenin tal-finanzjament konġunt mill-Fond jiġu verifikati, u li l-verifiki jkunu mifruxin b'mod uniformi matul il-perijodu kollu tal-programmazzjoni.

2. Fejn l-awtorità ta' verifika maħtura taħt din id-deċiżjoni tkun ukoll l-awtorità ta' verifika maħtura taħt id-Deċiżjonijiet Nru 573/2007/KE, Nru 574/2007/KE, u/2007/.../KE, jew fejn sistemi komuni jkunu japplikaw għal tnejn minn dawn il-Fondi jew aktar, tista' tiġi sottomessa strateġija unika kombinata ta' verifika taħt il-paragrafu 1, il-punt (ċ).

3. Għal kull programm annwali, l-awtorità ta' verifika għandha tabbozza rapport li għandu jinkludi:

(a) rapport ta' verifika annwali li jistabbilixxi r-riżultati tal-verifiki li jkunu twettqu skond l-istrateġija ta' verifika fir-rigward tal-programm annwali u li jirrapporta kwalunkwe nuqqasijiet li jkunu instabu fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-programm.

(b) opinjoni, abbażi tal-kontrolli u l-verifiki li jkunu saru taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtorità ta' verifika, dwar jekk it-tħaddim tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll tipprovdix assigurazzjoni raġonevoli li d-dikjarazzjonijiet ta' l-infiq ippreżentati lill-Kummissjoni huma korretti u li t-transazzjonijiet sottostanti huma legali u regolari.

(ċ) dikjarazzjoni li tivvaluta l-validità tat-talba għall-ħlas jew dikjarazzjoni ta' rimborż tal-bilanċ finali u l-legalità u r-regolarità ta' l-infiq konċernat.

4. L-awtorità ta' verifika għandha tiżgura li l-ħidma ta' verifika tqis l-istandards ta' verifika aċċettati internazzjonalment.

5. Il-verifika relatata mal-proġetti implimentati fl-Istati Membri jistgħu jiġu ffinanzjati taħt l-arranġamenti ta' assistenza teknika msemmija fl-Artikolu 17, sakemm il-prerogattivi ta' din l-awtorità ta' verifika, kif deskritt fl-Artikolu 24, jiġu rispettati.

KAPITOLU VI

**RESPONSABBILTAJIET U KONTROLLI**

*Artikolu 31*

**Responsabbiltajiet ta' l-Istati Membri**

1. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli biex jiżguraw amministrazzjoni finanzjarja soda tal-programmi pluriennali u annwali u l-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet sottostanti.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet responsabbli u kwalunkwe awtorità delegata, l-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni, l-awtoritajiet ta' verifika u kwalunkwe korp ieħor konċernat jirċievu gwida adegwata dwar l-istabbiliment tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll msemmijin fl-Artikoli 24 sa 30 biex jiġi żgurat li l-finanzjament Komunitarju jintuża b'mod effiċjenti u korrett.

3. L-Istati Membri għandhom jimpedixxu, jidentifikaw u jikkoreġu l-irregolaritajiet. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dawn, u jżommu lill-Kummissjoni informata dwar il-progress li jkun sar fil-proċedimenti amministrattivi u legali.

Meta ammonti mħallsa indebitament lil benefiċjarju finali ma jkunux jistgħu jiġu rkuprati, l-Istat Membru kkonċernat għandu jkun responsabbli biex iħallas lura l-ammonti mitlufin lill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea meta jiġi stabbilit li t-telf ikun iġġarrab minħabba nuqqas jew negliġenza tiegħu.

4. L-Istati Membri għandhom ikunu primarjament responsabbli għall-kontroll finanzjarju ta' l-azzjonijiet u għandhom jiżguraw li s-sistemi u l-verifiki ta' ġestjoni u ta' kontroll jiġu implimentati b'tali mod li jiggarantixxi li l-fondi Komunitarji jintużaw sew u b'mod effettiv. Dawn għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'deskrizzjoni ta' dawn is-sistemi.

5. Ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 sa 4 għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

*Artikolu 32*

**Sistemi ta' ġestjoni u kontroll**

1. Qabel l-approvazzjoni mill-Kummissjoni tal-programm pluriennali, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll ikunu ġew stabbiliti skond l-Artikoli 24 sa 30. Huma għandhom ikunu responsabbli biex jiżguraw li s-sistemi jaħdmu b'mod effettiv matul il-perijodu kollu tal-programmazzjoni.

2. Flimkien ma' l-abbozz tal-programm pluriennali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni deskrizz-
joni ta' l-organizzazzjoni u l-proċeduri ta' l-awtoritajiet responsabbli, l-awtoritajiet delegati u l-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni, u s-sistemi ta' verifika interni li jkunu qed jitħaddmu f'dawk l-awtoritajiet u l-korpi, fl-awtorità ta' verifika, u fi kwalunkwe korp ieħor li jwettaq il-verifiki taħt ir-responsabbiltà tagħha.

3. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni fil-kuntest tat-tħejjija tar-rapport għall-perijodu mill-2008 sa l-2010 imsemmi fl-Artikolu 50(3).

*Artikolu 33*

**Responsabbiltajiet tal-Kummissjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha taċċerta, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 31, li l-Istati Membri jkunu stabbilixxew sistemi ta' ġestjoni u kontroll li jkunu konformi ma' l-Artikoli 24 sa 30, u abbażi tar-rapporti dwar verifiki annwali u l-verifiki tagħha stess, li dawn is-sistemi jitħaddmu b'mod effettiv matul il-perijodu tal-programmazzjoni.

2. Mingħajr ħsara għall-verifiki mwettqa mill-Istati Membri, l-uffiċjali tal-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti awtorizzati tal-Kummissjoni jistgħu jwettqu kontrolli fuq il-post biex jivverifikaw it-tħaddim effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll, li jistgħu jinkludu verifiki ta' azzjonijiet inklużi fil-programmi annwali, b'avviż ta' mill-inqas tliet ijiem ta' xogħol. L-uffiċjali u r-rappreżentanti awtorizzati ta' l-Istat Membru kkonċernat jistgħu jieħdu sehem f'tali verifiki.

3. Il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru jwettaq kontrolli fuq il-post biex jivverifika t-tħaddim korrett tas-sistemi jew il-korrettezza ta' transazzjoni waħda jew aktar. Uffiċjali tal-Kummissjoni jew rappreżentanti awtorizzati tal-Kummissjoni jistgħu jieħdu sehem f'tali kontrolli.

4. Il-Kummissjoni, flimkien ma' l-Istati Membri, għandha tiżgura li l-azzjonijiet appoġġati mill-Fond jingħataw informazzjoni, pubbliċità u segwitu xierqa.

5. Il-Kummissjoni, flimkien ma' l-Istati Membri, għandha tiżgura li l-azzjonijiet ikunu konsistenti ma', u komplementari għal, linji politiċi, strumenti u inizjattivi Komunitarji rilevanti oħrajn.

6. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi linji gwida biex tiżgura l-viżibbiltà tal-finanzjament mogħti taħt din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 34*

**Koperazzjoni ma' l-awtoritajiet ta' verifika ta' l-Istati Membri**

1. Il-Kummissjoni għandha tikkoopera ma' l-awtoritajiet ta' verifika biex tikkoordina l-pjanijiet u l-metodi ta' verifika rispettivi tagħhom u għandha minnufih tibdel ir-riżultati tal-verifiki mwettqa fuq is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll sabiex isir l-aħjar użu possibbli tar-riżorsi ta' kontroll u biex jiġi evitat xogħol doppju mhux ġustifikat.

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-kummenti tagħha dwar l-istrateġija ta' verifika ppreżentata taħt l-Artikolu 30 sa mhux aktar tard minn tliet xhur minn meta tkun irċevietha.

2. Meta tiddetermina l-istrateġija ta' verifika tagħha stess, il-Kummissjoni għandha tidentifika dawk il-programmi annwali li hija tikkunsidra sodisfaċenti abbażi ta' l-għarfien eżistenti tagħha tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll.

Għal dawk il-programmi, il-Kummissjoni tista' tikkonkludi li hija tista' tafda prinċipalment fil-provi ta' verifika mogħtija mill-Istati Membri u li hija ser twettaq il-kontrolli tagħha fuq il-post biss jekk ikun hemm prova li tissuġġerixxi nuqqasijiet fis-sistemi.

KAPITOLU VII

## ĠESTJONI FINANZJARJA

*Artikolu 35*

### Eliġibbiltà – dikjarazzjonijiet ta' l-infiq

1. Id-dikjarazzjonijiet kollha ta' l-infiq għandhom jinkludu l-ammont ta' l-infiq li jkun sar minn benefiċjarji finali biex jimplimentaw l-azzjonijiet u l-kontribut korrispondenti mill-fondi pubbliċi jew privati.

2. L-infiq għandu jkun jikkorrespondi għall-ħlasijiet li jkunu saru mill-benefiċjarji finali. Dan għandu jkun ġustifikat b'fatturi mmarkati bħala mħallsa jew b'dokumenti ta' kontabilità ta' valur ekwivalenti.

3. L-infiq jista' jitqies bħala eliġibbli għal appoġġ mill-Fond biss jekk ikun effettivament imħallas mhux qabel l-1 ta' Jannar tas-sena msemmija fid-deċiżjoni ta' finanzjament li tapprova l-programm annwali imsemmi fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 21(5). L-azzjonijiet kofinanzjati m'għandhomx ikunu tlestew qabel id-data tal-bidu għall-eliġibbiltà.

4. Ir-regoli li jirregolaw l-eliġibbiltà ta' l-infiq fil-qafas ta' azzjonijiet implimentati kofinanzjati mill-Fond fl-Istati Membri taħt l-Artikolu 3 għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 52(2).

*Artikolu 36*

### Kompletezza ta' ħlas lill-benefiċjarji finali

L-Istati Membri għandhom jaċċertaw li l-awtorità responsabbli tiżgura li l-benefiċjarji finali jirċievu l-ammont totali tal-kontribut mill-fondi pubbliċi malajr kemm jista' jkun. L-ebda ammont m'għandu jitnaqqas jew jinżamm, lanqas m'għandha titħallas xi spiża speċifika ulterjuri jew spiża oħra b'effett ekwivalenti li tnaqqas dawn l-ammonti għall-benefiċjarji finali, sakemm il-benefiċjarji finali jissodisfaw il-ħtiġijiet kollha rigward l-eleġibbiltà ta' l-azzjonijiet u l-ispejjeż.

*Artikolu 37*

### Użu ta' l-euro

1. L-ammonti stabbiliti fl-abbozz tal-programmi pluriennali u annwali ta' l-Istati Membri msemmijin fl-Artikoli 19 u 21 rispettivament, id-dikjarazzjonijiet iċċertifikati ta' l-infiq, it-talbiet għal ħlas imsemmijin fl-Artikolu 27(1), punt (n) u l-infiq imsemmi fir-rapporti ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali msemmijin fl-Artikolu 39(4) u r-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali msemmi fl-Artikolu 51 għandhom jidhru f'euro.

2. Id-deċiżjonijiet ta' finanzjament tal-Kummissjoni li japprovaw il-programmi annwali ta' l-Istati Membri msemmijin fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 21(5), l-impenji tal-Kummissjoni u l-ħlasijiet tal-Kummissjoni għandhom jidhru u jitwettqu f'euros.

3. L-Istati Membri li m'adottawx il-euro bħala l-munita tagħhom fid-data tat-talba għall-ħlas għandhom jibdlu f'euro l-ammonti ta' l-infiq li jsir fil-munita nazzjonali. Dan l-ammont għandu jiġi konvertit f'euro bl-użu tar-rata tal-kambju tal-kontabilità mensili tal-Kummissjoni fix-xahar li matulu l-infiq jiddaħħal fil-kontijiet ta' l-awtorità responsabbli tal-programm konċernat. Din ir-rata għandha tiġi ppubblikata elettronikament kull xahar mill-Kummissjoni.

4. Meta l-euro ssir il-munita ta' Stat Membru, il-proċedura ta' konverżjoni stabbilita fil-paragrafu 3 għandha tkompli tapplika għall-infiq kollu rreġistrat fil-kontijiet mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tar-rata fissa ta' konverżjoni bejn il-munita nazzjonali u l-euro.

*Artikolu 38*

### Impenji

L-impenji baġitarji Komunitarji għandhom isiru kull sena abbażi tad-deċiżjoni ta' finanzjament tal-Kummissjoni, li tapprova l-programm annwali msemmi fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 21(5).

*Artikolu 39*

### Ħlasijiet – Finanzjament minn qabel

1. Ħlasijiet mill-Kummissjoni tal-kontribut mill-Fondi għandhom isiru skond l-impenji baġitarji.

2. Il-ħlasijiet għandhom ikunu f'forma ta' finanzjament minn qabel u ta' ħlas tal-bilanċ. Huma għandhom isiru lill-awtorità responsabbli maħtura mill-Istat Membru.

3. Ħlas ta' finanzjament minn qabel li jirrappreżenta 50 % ta' l-ammont allokat fid-deċiżjoni ta' finanzjament li tapprova l-programm annwali għandu jsir lill-Istat Membru fi żmien sittin jum wara l-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni.

4. It-tieni ħlas ta' finanzjament minn qabel għandu jsir sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara li l-Kummissjoni tkun approvat, fi żmien xahrejn mis-sottomissjoni formali ta' talba għall-pagament minn Stat Membru, rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali u dikjarazzjoni ċertifikata ta' l-infiq imfassal skond l-Artikolu 29(1) punt (a) u l-Artikolu 35 li jammonta għal mill-inqas 60 % ta' l-ammont tal-ħlas inizjali.

L-ammont tat-tieni ħlas ta' finanzjament minn qabel imwettaq mill-Kummissjoni m'għandux jaqbeż 50 % ta' l-ammont totali allokat mid-deċiżjoni ta' finanzjament, li tapprova l-programm annwali u, fi kwalunkwe każ, fejn Stat Membru impenja nazzjonalment ammont inqas mill-ammont indikat fid-deċiżjoni ta' finanzjament, li tapprova l-programm annwali, il-bilanċ ta' l-ammont tal-fondi Komunitarji li kien fil-fatt impenjat mill-Istat Membru għall-proġetti magħżulin taħt il-programm annwali bit-tnaqqis ta' l-ewwel ħlas ta' finanzjament minn qabel.

5. Kull imgħax iġġenerat mill-ħlasijiet ta' finanzjament minn qabel għandhom jiġu assenjati lill-programm konċernat, filwaqt li jitqiesu bħala riżors għall-Istat Membru bħala kontribut pubbliku nazzjonali u għandhom jiġu ddikjarati lill-Kummissjoni fiż-żmien tad-dikjarazzjoni ta' l-infiq relatata mar-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali kkonċernat.

6. L-ammonti mħallsin bħala finanzjament minn qabel għandhom jitħallsu mill-kontijiet meta l-programm annwali jintemm.

*Artikolu 40*

**Ħlas tal-bilanċ**

1. Il-Kummissjoni għandha tħallas il-bilanċ sakemm tkun irċeviet id-dokumenti li ġejjin sa mhux aktar tard minn disa' xhur wara l-iskadenza ta' l-eleġibbiltà għall-infiq stabbilit fid-deċiżjoni ta' finanzjament, li tapprova l-programm annwali:

(a) dikjarazzjoni ċertifikata ta' l-infiq debitament imfassla skond l-Artikolu 29(1), punt (a) u l-Artikolu 35 u talba għall-ħlas tal-bilanċ jew dikjarazzjoni tar-rimborż;

(b) ir-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali kif stabbilit fl-Artikolu 51;

(ċ) ir-rapport ta' verifika annwali, l-opinjoni u d-dikjarazzjoni previsti fl-Artikolu 30(3).

Il-ħlas tal-bilanċ għandu jkun soġġett għall-aċċettazzjoni tar-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali u d-dikjarazzjoni li tevalwa l-validità tat-talba għall-ħlas tal-bilanċ.

2. Jekk l-awtorità responsabbli tonqos milli tipprovdi d-dokumenti meħtieġa fil-paragrafu 1 sad-data ta' l-għeluq u f'forma aċċettabbli, il-Kummissjoni għandha tħassar kwalunkwe parti mill-impenn tal-baġit tal-programm annwali korrispondenti li ma tkunx intużat għall-ħlas tal-finanzjament minn qabel.

3. Il-proċedura ta' kanċellazzjoni awtomatika mfissra fil-paragrafu 2 għandha tiġi sospiża, għall-ammont tal-proġetti konċernati, fejn proċedimenti legali jew appell amminstrattiv li jkollu effetti ta' sospensjoni jkunu għadhom għaddejjin fil-livell ta' Stat Membru meta d-dokumenti definiti fil-paragrafu 1 jiġu ppreżentati. L-Istat Membru, fir-rapport finali parzjali li jkun ġie ppreżentat, għandu jagħti informazzjoni dettaljata dwar tali proġetti, u jibgħat rapporti dwar progress li jkun sar fir-rigward ta' dawn il-proġetti kull sitt xhur. Fi żmien tliet xhur mill-konklużjoni tal-proċedimenti legali jew il-proċedura ta' appell amministrattiv, l-Istat Membru għandu jippreżenta d-dokumenti meħtieġa fil-paragrafu 1 għall-proġetti kkonċernati.

4. Il-perijodu ta' disa' xhur msemmi fil-paragrafu 1 għandu jieqaf milli jiddekorri jekk il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni li tissospendi l-ħlasijiet tal-finanzjament konġunt għall-programm annwali rilevanti skond l-Artikolu 42. Il-perijodu għandu jerġa' jibda għaddej mid-data meta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 40(3) tkun ġiet notifikata lill-Istat Membru.

5. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 41, fi żmien sitt xhur mir-riċeviment tad-dokumenti msemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istat Membru dwar l-ammont ta' l-infiq rikonoxxut mill-Kummissjoni bħala li għandu jitħallas mill-Fond, u dwar kwalunkwe korrezzjoni finanzjarja li tkun ġejja mid-differenza bejn l-infiq iddikjarat u l-infiq rikonoxxut. L-Istat Membru għandu jingħata tliet xhur biex jippreżenta l-kummenti tiegħu.

6. Fi żmien tliet xhur mir-riċeviment tal-kummenti ta' l-Istat Membru, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-ammont ta' l-infiq rikonoxxut bħala li għandu jitħallas mill-Fond, u tirkupra l-bilanċ li jkun ġej mid-differenza bejn l-infiq finali rikonoxxut u s-somom li jkunu diġà tħallsu lil dawk l-Istati Membri.

7. Soġġett għall-fondi disponibbli, il-Kummissjoni għandha tħallas il-bilanċ f'mhux iktar minn sittin jum mid-data li fiha din taċċetta d-dokumenti msemmijin fil-paragrafu 1. Il-bilanċ ta' l-impenn baġitarju għandu jiġi diżimpenjat fi żmien sitt xhur wara l-ħlas.

*Artikolu 41*

**Żamma tal-ħlas**

1. Il-ħlas għandu jinżamm mill-uffiċjal ta' awtorizzazzjoni b'delega skond it-tifsira tar-Regolament Finanzjarju għal perijodu massimu ta' sitt xhur jekk:

(a) f'rapport ta' korp ta' verifika nazzjonali jew Komunitarju jkun hemm provi li jissuġġerixxu defiċjenza sinifikattiva fit-tħaddim tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll;

(b) dak l-uffiċjal ikollu jwettaq verifiki addizzjonali wara li jkun notifikat b'informazzjoni li turieh li l-infiq f'dikjarazzjoni ċertifikata ta' l-infiq hija marbuta ma' irregolarità serja li ma ġietx ikkorreġuta.

2. L-Istat Membru u l-awtorità responsabbli għandhom jiġu informati minnufih dwar ir-raġunijiet għaż-żamma tal-pagament. Il-ħlas għandu jinżamm sakemm l-Istat Membru jieħu l-miżuri meħtieġa.

*Artikolu 42*

**Sospensjoni tal-ħlas**

1. Il-ħlasijiet kollha tal-finanzjament minn qabel u tal-bilanċ, jew parti minnhom, jistgħu jiġu sospiżi mill-Kummissjoni meta:

(a) jkun hemm nuqqas serju fis-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-programm li jaffettwa l-affidabbiltà tal-proċedura għaċ-ċertifikazzjoni tal-ħlasijiet u li għalih ma jkunux ittieħdu miżuri korrettivi; jew

(b) l-infiq f'dikjarazzjoni ċertifikata ta' infiq ikun marbut ma' irregolarità serja li ma tkunx ġiet ikkorreġuta; jew

(ċ) Stat Membru ma jkunx ikkonforma ma' l-obbligi tiegħu taħt l-Artikoli 31 u 32.

2. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tissospendi l-ħlasijiet tal-finanzjament minn qabel u tal-bilanċ wara li tkun tat l-opportunità lill-Istat Membru biex jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu f'perijodu ta' tliet xhur.

3. Il-Kummissjoni għandha ttemm is-sospensjoni tal-ħlasijiet tal-finanzjament minn qabel u tal-bilanċ meta din tqis li l-Istat Membru jkun ħa l-miżuri meħtieġa kollha biex is-sospensjoni tkun tista' titneħħa.

4. Fejn l-Istat Membru ma jieħux il-miżuri neċessarji, il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni biex tikkanċella l-kontribut Komunitarju kollu jew parti minnu għall-programm annwali, skond l-Artikolu 46.

*Artikolu 43*

**Żamma tad-dokumenti**

Mingħajr ħsara għar-regoli li jirregolaw l-għajnuna ta' l-Istat taħt l-Artikolu 87 tat-Trattat, l-awtorità responsabbli għandha tiżgura li d-dokumenti ta' appoġġ kollha rigward l-infiq u l-verifiki tal-programmi kkonċernati jinżammu disponibbli għall-Kummissjoni u l-Qorti ta' l-Awdituri għal perijodu ta' ħames snin wara l-għeluq tal-programmi bi qbil ma' l-Artikolu 40(1).

Dan il-perijodu għandu jiġi interrott jew fil-każ ta' proċedimenti legali jew fuq talba debitament sostanzjata mill-Kummissjoni.

Id-dokumenti għandhom jinżammu fil-forma ta' l-oriġinali jew f'verżjonijiet iċċertifikati li huma konformi ma' l-oriġinali fuq mezzi ta' żamma ta' data ġeneralment aċċettati.

KAPITOLU VIII

**KORREZZJONIJIET FINANZJARJI**

*Artikolu 44*

**Korrezzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri**

1. L-Istati Membri għandhom jerfgħu primarjament r-responsabbiltà għall-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, billi jaġixxu fuq il-provi ta' kull bidla ewlenija li taffettwa n-natura jew il-kondizzjonijiet għall-implimentazzjoni jew il-kontroll tal-programmi u jagħmlu l-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-korrezzjonijiet finanzjarji meħtieġa marbuta ma' l-irregolaritajiet individwali jew sistematiċi li jkunu nstabu fl-azzjonijiet jew fil-programmi annwali.

Korrezzjonijiet magħmula mill-Istati Membri għandhom jikkonsistu fil-kanċellazzjoni, u, jekk ikun applikabbli, l-irkupru tal-kontribut Komunitarju kollu jew ta' parti minnu. Fejn l-ammont ma jiġix imħallas lura fiż-żmien permess mill-Istat Membru rilevanti, għandu jkun dovut imgħax minħabba nuqqas ta' ħlas bir-rata prevista fl-Artikolu 47(2). L-Istati Membri għandhom iqisu n-natura u l-gravità ta' l-irregolaritajiet u t-telf finanzjarju għall-Fond.

3. Fil-każ ta' irregolaritajiet sistemiċi l-Istat Membru relevanti għandu jestendi l-inkjesti tiegħu biex ikopru l-operazzjonijiet li jistgħu jiġu affettwati.

4. L-Istati Membri għandhom jinkludu fir-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali msemmi fl-Artikolu 51 lista ta' proċeduri ta' kanċellazzjoni li jkunu nbdew għall-programm annwali konċernat.

*Artikolu 45*

**Verifika ta' kontijiet u korrezzjonijiet finanzjarji mill-Kummissjoni**

1. Mingħajr ħsara għas-setgħat tal-Qorti ta' l-Awdituri jew il-kontrolli mwettqa mill-Istati Membri skond liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali, uffiċjali tal-Kummissjoni jew rappreżentanti awtorizzati tal-Kummissjoni jistgħu jwettqu kontrolli fuq il-post, inklużi kontrolli ta' kampjuni, ta' l-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fond u ta' sistemi ta' ġestjoni u kontroll b'notifika ta' mill-inqas tliet ijiem ta' xogħol. Il-Kummissjoni għandha tavża lill-Istati Membri kkonċernati bil-ħsieb li tikseb l-assistenza kollha meħtieġa. L-uffiċjali jew ir-rappreżentanti awtorizzati ta' l-Istat Membru kkonċernat jistgħu jieħdu sehem f'tali kontrolli.

Il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istat Membru kkonċernat sabiex iwettaq kontrolli fuq il-post biex jivverifika l-korrettezza ta' waħda jew iżjed mit-transazzjonijiet. L-uffiċjali tal-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti awtorizzati tal-Kummissjoni jistgħu jieħdu sehem f'tali kontrolli.

2. Jekk, wara li jkunu tlestew il-verifiki meħtieġa, il-Kummissjoni tikkonkludi li Stat Membru ma jkunx konformi ma' l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 31, hija għandha tissospendi l-ħlas tal-finanzjament minn qabel jew tal-bilanċ skond l-Artikolu 42.

*Artikolu 46*

**Kriterji għall-korrezzjonijiet**

1. Il-Kummissjoni tista' tagħmel korrezzjonijiet finanzjarji billi tħassar il-kontribut Komunitarju kollu jew parti minnu għal programm annwali fejn, wara li jitwettaq l-eżami meħtieġ, hija tikkonkludi li:

(a) hemm nuqqas serju fis-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-programm li qiegħed f'riskju l-kontribut Komunitarju li jkun diġà tħallas lill-programm;

(b) l-infiq imsemmi f'dikjarazzjoni ċertifikata ta' infiq ikun irregolari u ma jkunx ġie kkorret mill-Istat Membru qabel il-ftuħ tal-proċedura ta' korrezzjoni taħt dan il-paragrafu;

(ċ) Stat Membru ma jkunx ikkonforma ma' l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 31 qabel il-ftuħ tal-proċedura ta' korrezzjoni taħt dan il-paragrafu.

Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi wara li tkun qieset kwalunkwe kumment imwettaq mill-Istat Membru.

2. Il-Kummissjoni għandha tibbaża l-korrezzjonijiet finanzjarji tagħha fuq każijiet individwali ta' irregolaritajiet identifikati, filwaqt li tqis in-natura sistemika ta' l-irregolarità biex jiġi determinat jekk għandhiex tiġi applikata korrezzjoni b'rata fissa jew korrezzjoni estrapolata. Fejn il-każ ta' irregolarità jkun relatat ma' dikjarazzjoni ta' infiq li għalih tkun ingħatat assigurazzjoni raġonevoli mill-awtorità tal-verifika skond l-Artikolu 30(3), punt (b), ser jiġi preżunt li hemm problema sistematika li twassal għall-applikazzjoni ta' korrezzjoni b'rata fissa jew estrapolata, sakemm l-Istat Membru ma jġibx prova fi żmien tliet xhur li tirribatti din il-preżunzjoni.

3. Meta tiddeċiedi l-ammont ta' korrezzjoni, il-Kummissjoni għandha tqis l-importanza ta' l-irregolarità u l-medda u l-implikazzjonijiet finanzjarji tan-nuqqasijiet li jkunu nstabu fil-programm annwali konċernat.

4. Fejn il-Kummissjoni tibbaża l-pożizzjoni tagħha fuq il-fatti stabbiliti mill-awdituri għajr dawk tas-servizzi tagħha stess, hija għandha tiġbed il-konklużjonijiet tagħha dwar il-konsegwenzi finanzjarji, wara li tkun eżaminat il-miżuri meħuda mill-Istat Membru kkonċernat taħt l-Artikolu 32, ir-rapporti ta' irregolaritajiet notifikati u kwalunkwe tweġiba mill-Istat Membru.

*Artikolu 47*

**Ħlas lura**

1. Kwalunkwe ħlas lura li għandu jsir lill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għandu jsir qabel id-data ta' l-għeluq indikata fl-ordni għall-irkupru li tkun tfasslet skond l-Artikolu 72 tar-Regolament Finanzjarju. Din id-data ta' l-għeluq għandha tkun l-aħħar ġurnata tat-tieni xahar wara l-ħruġ ta' l-ordni.

2. Kwalunkwe dewmien tal-ħlas lura għandu jwassal għal imgħax fuq il-ħlas tard, li jibdew fid-data ta' l-għeluq u jintemmu fid-data ta' meta fil-fatt isir il-ħlas. Ir-rata ta' tali imgħax għandha tkun dik applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali tiegħu ta' finanzjament mill-ġdid, kif ippubblikata fis-serje C tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, li tkun fis-seħħ fl-ewwel jum tal-kalendarju tax-xahar li fih taqa' d-data ta' l-għeluq, biż-żieda ta' tliet punti perċentwali u nofs.

*Artikolu 48*

**Obbligi ta' l-Istati Membri**

Korrezzjoni finanzjarja mill-Kummissjoni m'għandhiex tippreġudika l-obbligu ta' Stat Membru biex jissokta bl-irkupru taħt l-Artikolu 44.

KAPITOLU IX

**MONITORAĠĠ, EVALWAZZJONI U RAPPORTI**

*Artikolu 49*

**Monitoraġġ u evalwazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq monitoraġġ regolari tal-Fond f'koperazzjoni ma' l-Istati Membri.

2. Il-Fond għandu jiġi evalwat mill-Kummissjoni fi sħubija ma' l-Istati Membri biex jiġu evalwati r-relevanza, l-effikaċja u l-impatt ta' l-azzjonijiet fid-dawl ta' l-objettiv ġenerali msemmi fl-Artikolu 2 fil-kuntest tat-tħejjija għar-rapport stabbilit fl-Artikolu 50(3).

3. Il-Kummissjoni għandha tqis ukoll il-komplementarjetà bejn l-azzjonijiet implimentati taħt il-Fond u dawk segwiti taħt linji politiċi, strumenti u inizjattivi rilevanti Komunitarji oħrajn.

*Artikolu 50*

**Obbligi ta' rappurtar**

1. F'kull Stat Membru, l-awtorità responsabbli għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' proġetti.

Għal dak il-għan, il-ftehim u l-kuntratti li din tikkonkludi ma' l-organizzazzjonijiet responsabbli għall-implimentazzjoni ta' l-azzjonijiet għandhom jinkludu klawsoli li jistabbilixxu obbligu biex jiġu ppreżentati rapporti regolari u dettaljati dwar il-progress ta' l-implimentazzjoni u t-tlestija ta' l-objettivi assenjati, li għandhom ikunu l-bażi rispettivament tar-rapport ta' progress u r-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali msemmi.

2. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni:

(a) sat-30 ta' Ġunju 2010, rapport ta' evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet kofinanzjati mill-Fond;

(b) sat-30 ta' Ġunju 2012 għall-perijodu mill-2008 sa l-2010 u sat-30 ta' Ġunju 2015 għall-perijodu mill-2011 sa l-2013 rispettivament, rapport ta' evalwazzjoni dwar ir-riżultati u l-impatt ta' l-azzjonijiet kofinanzjati mill-Fond.

3. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni:

(a) sat-30 ta' Ġunju 2010, rapport dwar l-applikazzjoni tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 15 għat-tqassim annwali tar-riżorsi bejn l-Istati Membri; flimkien ma' proposti għal emendi jekk meqjusa meħtieġa;

(b) sal-31 ta' Diċembru 2010, rapport intermedjarju dwar ir-riżultati miksuba u dwar aspetti kwalitattivi u kwantitattivi ta' l-implimentazzjoni tal-Fond, flimkien ma' proposta dwar l-iżvilupp futur tal-Fond;

(ċ) sal-31 ta' Diċembru 2012 għall-perijodu mill-2008 sal-2010 u sal-31 ta' Diċembru 2015 għall-perijodu mill-2011 sal-2013 rispettivament, rapport ta' evalwazzjoni ex post.

*Artikolu 51*

**Rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali**

1. Ir-rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-programm annwali għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja sabiex jagħti stampa ċara ta' l-implimentazzjoni tal-programm:

(a) l-implimentazzjoni finanzjarja u operattiva tal-programm annwali;

(b) il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-programm pluriennali u l-prijoritajiet tiegħu fir-rigward tal-miri speċifiċi u verifikabbli tagħhom, bi kwantifikazzjoni, kull fejn u kull meta dawn iwasslu għal kwantifikazzjoni, ta' l-indikaturi;

(ċ) il-passi meħudin mill-awtorità responsabbli biex tiżgura l-kwalità u l-effikaċja ta' l-implimentazzjoni, b'mod partikolari:

(i) miżuri ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, li jinkludu arranġamenti għall-ġbir ta' data;

(ii) sommarju dwar kwalunkwe problema sinifikattiva li tkun inqalet fl-implimentazzjoni tal-programm operattiv u kwalunkwe miżura li tkun ittieħdet;

(iii) l-użu magħmul mill-assistenza teknika.

(d) il-miżuri meħudin biex tingħata informazzjoni u ssir pubbliċità dwar il-programmi annwali u pluriennali.

2. Ir-rapport għandu jiġi ġġudikat bħala aċċettabbli meta jkun fih l-informazzjoni kollha elenkata fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar il-kontenut tar-rapport ippreżentat mill-awtorità responsabbli fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 1, li għandha tiġi rikonoxxuta lill-Istati Membri. Jekk il-Kummissjoni ma tirrispondix fit-terminu ta’ żmien stabbilit, ir-rapport għandu jitqies li ġie aċċettat.

KAPITOLU X

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 52*

**Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat komuni “Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta’ Migrazzjoni”, stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta’ l-Artikolu 8 tagħha.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu l-Artikolu 5a(1) sa (4) u 5 (b) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandha tapplika, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet ta’ l-Artikolu 8 tagħha.

Il-limiti ta’ żmien stabbiliti fl-Artikolu 5a (3)(ċ), (4)(b) u (4)(e) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom jiġu ffissati għal sitt ġimgħat.

*Artikolu 53*

**Reviżjoni**

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jirrevedu din id-Deċiżjoni abbażi ta’ proposta mill-Kummissjoni sat-30 ta’ Ġunju 2013.

*Artikolu 54*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni ser tidħol fis-seħħ fil-ġurnata wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*.

Din id-Deċiżjoni ser tapplika mill-1 ta’ Jannar 2008, bl-eċċezzjoni ta’ l-Artikoli 14, 18, 19, 21, 22, 25, l-Artikolu 31(2), l-Artikolu 31(5), l-Artikolu 32, l-Artikolu 35(4) u l-Artikolu 52, li għandhom japplikaw mis-7 ta’ Ġunju 2007.

*Artikolu 55*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri bi qbil tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmula fi Brussell, 23 ta’ Mejju 2007.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | G. GLOSER |